L-Ewwel Taqsima

# Karrozzi

## Kategoriji

*B1, B, B+E, B-Automatic*



# Żveltezza

| Ref | Mistoqsija | Tweġibiet li tista' tagħti | Tweġiba/tweġibiet korretti |
|---|---|---|---|
| 1.<br>1.1 | Meta tkun iddawwar fit-triq, int għandek dejjem:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Toħroġ 'il barra fuq il-bankina<br>• Tuża d-*driveway*<br>• Tiċċekkja madwarek biex tara hemmx xi ħadd<br>• Iżżomm idejk fuq il-*handbrake* | ✓ Tiċċekkja madwarek biex tara hemmx xi ħadd |
| 1.<br>1.2<br>MC | Qabel ma tagħmel *U – turn* fit-triq, int għandek:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Tagħmel sinjal b'idejk kif ukoll tixgħel l-*indicator*<br>• Tagħmel sinjal sabiex sewwieqa oħra jkunu jistgħu jwaqqfulek<br>• Tħares wara spalltek biex tiċċekkja għall-aħħar darba<br>• Tagħmilha fuq ger aktar baxx mis-soltu | ✓ Tħares wara spalltek biex tiċċekkja għall-aħħar darba |
| 1.<br>1.3<br>MC | Bħala sewwieq x'ifissru l-kliem *Blind Spot*?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • *Area* li tidher fil-mera fuq il-lemin tiegħek<br>• *Area* li ma tarahiex bil-*headlights*<br>• *Area* li tidher fil-mera fuq ix-xellug tiegħek<br>• *Area* li ma tarahiex fil-mirja tiegħek | ✓ *Area* li ma tarahiex fil-mirja tiegħek |
| 1.<br>1.4 | Oġġetti mdendla mill-mera ta' ġewwa jistgħu<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Inaqqsulek il-wisgħa ta' kemm tista' tara<br>• Itejbu s-sewqan tiegħek<br>• Jaljenawk<br>• Jgħinuk biex tikkonċentra | ✓ Inaqqsulek il-wisgħa ta' kemm tista' tara<br>✓ Jaljenawk |
| 1.<br>1.5 | Aktar tista' taljena ruħek meta ssuq jekk int<br>*(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Tuża l-*mobile phone*<br>• Tisma' l-mużika b'volum għoli<br>• Tixgħel il-*heated rear window*<br>• Tħares lejn il-mirja tal-bibien | ✓ Tuża l-*mobile phone*<br>✓ Tisma' l-mużika b'volum għoli |
| 1.<br>1.6 | Liema erbgħa l-aktar li jistgħu jaljenawk waqt li tkun issuq<br>*(Immarka erba' tweġibiet)* | • Tuża l-*mobile phone*<br>• Titkellem f'mikrofonu<br>• Tfittex fuq ir-radju tal-karrozza<br>• Tara l-mappa<br>• Tiċċekkja l-mirja<br>• Tuża d-*demisters* | ✓ Tuża l-*mobile phone*<br>✓ Titkellem f'mikrofonu<br>✓ Tfittex fuq ir-radju tal-karrozza<br>✓ Tara l-mappa |
| 1.<br>1.7 | Għalxiex qegħdin l-ittri MSS?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Mera, sinjal, suq<br>• Suq, sinjal, mera<br>• Mera. *speed*, suq<br>• Suq, *speed*, mera | ✓ Mera, sinjal, suq |
| 1.<br>1.8 | Qed issuq fi triq imxarrba. Ikollok twaqqaf f'emerġenza. Int għandek:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Ittella' l-*handbrake* u tagħfas il-*footbrake* f'daqqa<br>• Iżżomm idejk it-tnejn fuq l-istering<br>• Titfagħha fuq ir-rivers<br>• Tagħmel sinjal b'idejk | ✓ Iżżomm idejk it-tnejn fuq l-istering |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** 1.9 MC | Meta tkun issuq wara vettura kbira int għandek iżżomm ħafna lura sabiex *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tkun tista' ddur mal-kantuniera aktar malajr<br>• Tgħin lill-vettura l-kbira twaqqaf aktar faċilment<br>• Tippermetti lis-sewwieq jarak fil-mera<br>• Tgħinek biex ma tinħakimx mir-riħ | ✓ Tippermetti lis-sewwieq jarak fil-mera |
| **1.** 1.10 MC | F'liema minn dawn is-sitwazzjonijiet għandek tevita li taqla' vetturi oħra? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Eżatt wara liwja<br>• Fi triq *one-way*<br>• Fi triq li għandek tgħaddi minnha bi 30mph<br>• Meta tkun riesaq lejn niżla fit-triq | ✓ Meta tkun riesaq lejn niżla fit-triq |
| **1.** 1.11 | Liema minn dawn jistgħu jaljenawk fi vjaġġ twil? *(Immarka erba' tweġibiet)* | • Mużika b'volum għoli<br>• Targumenta ma' passiġġier<br>• Tuża l-*mobile phone*<br>• Iddaħħal xi *cassette tape/CD*<br>• Tieqaf regolarment biex tistrieħ<br>• Twaqqaf biex tfittex fir-radju | ✓ Mużika b'volum għoli<br>✓ Targumenta ma' passiġġier<br>✓ Tuża *mobile phone*<br>✓ Iddaħħal xi *cassette tape/CD* |
| **1.** 1.12 | M'għandekx tuża *mobile phone* waqt li ssuq *(Immarka tweġiba waħda)* | • Sakemm tkun żgur li mhux riesaq traffiku<br>• Sakemm tista' ssuq b'id waħda<br>• Għax ma jħallikx attent għal dak li hu għaddej fit-triq<br>• Għax ir-*reception* ma tkunx tajba bil-magna startjata | ✓ Għax ma jħallikx attent għal dak li hu għaddej fit-triq |
| **1.** 1.13 | Il-vettura mgħammra b' *hands-free phone system*. Li tuża dan l-apparat waqt is-sewqan *(Immarka tweġiba waħda)* | • M'huwiex ta' periklu sakemm tnaqqas il-veloċita`<br>• Jista' jtelliflek l-attenzjoni fit-triq<br>• Rakkomandat mill-Kodiċi tat-Triq<br>• Jista' jkun tajjeb ħafna għas-sigurta` fit-triq | ✓ Jista' jtelliflek l-attenzjoni fit-triq |
| **1.** 1.14 | Li tuża *hands-free phone* jista' faċilment *(Immarka tweġiba waħda)* | • Ittejjeb is-sigurta` tiegħek<br>• Iżidlek il-konċentrazzjoni<br>• Inaqqaslek kemm tara madwarek<br>• Itelliflek l-attenzjoni | ✓ Itelliflek l-attenzjoni |
| **1.** 1.15 | Li tuża *mobile phone* waqt li qed issuq *(Immarka tweġiba waħda)* | • Huwa aċċettabbli sakemm għandek il-*power steering*<br>• Inaqqaslek kemm tara madwarek<br>• Itelliflek l-attenzjoni fit-triq<br>• Jaffettwa l-vettura tiegħek | ✓ Itelliflek l-attenzjoni fit-triq |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1.<br>1.16<br>MC | Il-vleġġa l-bajda tfisser li int m'għandekx tippjana biex<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Tnaqqas il-veloċita`<br>• Tikser fuq il-lemin<br>• Taqla'<br>• Tikser fuq ix-xellug | <br>✓ Taqla' |
| 1.<br>1.17<br>MC | Dawn is-sinjali fit-triq iwissu<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Lis-sewwieqa li jidħlu fil-*hard shoulder*<br>• Lis-sewwieqa li qed jaqbżu li resqin lejn liwja fuq ix-xellug<br>• Lis-sewwieqa li qed jaqbżu biex jerġgħu jidħlu fuq ix-xellug<br>• Lis-sewwieqa li jistgħu jaqbżu bla periklu | <br>✓ Lis-sewwieq li qed jaqbżu biex jerġgħu jidħlu fuq ix-xellug |
| 1.<br>1.18 | Qed issuq f'dit-triq dejqa fil-kampanja. Meta tgħaddi ħdejn iċ-ċiklista, int għandek<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Tgħaddi bil-mod, u ddoqqlu l-ħorn x'ħin tkun għaddej<br>• Tgħaddi malajr, waqt li tagħtih ħafna wisa'<br>• Tgħaddi bil-mod, waqt li tagħtih ħafna wisa'<br>• Tgħaddi malajr, u ddoqqlu l-ħorn x'ħin tkun għaddej | <br>✓ Tgħaddi bil-mod, waqt li tagħtih ħafna wisa' |
| 1.<br>1.19 | Biex twieġeb *mobile phone* meta jċemplulek waqt li tkun issuq int għandek:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Tnaqqas il-veloċita` kull fejn tkun<br>• Twaqqaf f'post tajjeb u adattat<br>• Taqta' fil-qasir<br>• Tnaqqas mill-veloċita` u tħalli lil ħaddieħor jaqbżek | ✓ Twaqqaf f'post tajjeb u adattat |
| 1.<br>1.20<br>MC | Trid tuża l-*mobile phone* waqt li qed issuq. Int għandek tużah biss:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Wara li twaqqaf f'post adattat<br>• Meta tkun issuq f'toroq sekondarji mhux traffikużi<br>• Tkun issuq f'*motorway*<br>• Jekk tħoss li tista' tkompli ssuq normali | ✓ Wara li twaqqaf f'post adattat |
| 1.<br>1.21 | Int għandek tuża *mobile phone* BISS meta:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Iċemplulek<br>• Tkun ipparkjat f'post adattat<br>• Tkun issuq b'anqas minn 30 mph<br>• Ikollok vettura *automatic* | ✓ Tkun ipparkjat f'post adattat |
| 1.<br>1.22 | X'inhu l-aħjar mod bla periklu li tuża *mobile phone* f'vettura?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Tuża *hands-free equipment*<br>• Issib post adattat biex twaqqaf<br>• Issuq bil-mod fi triq mhux traffikuża<br>• Tgħaddi l-*call* lill-*operator* | ✓ Issib post adattat biex twaqqaf |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. 1.23 | Għaliex għandek tkun ipparkjat f'post bla periklu qabel ma tuża *mobile phone*? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Għax jinstema' aktar ċar meta tkun wieqaf<br>• Biex il-kontroll fuq il-vettura tiegħek ma jkunx effettwat<br>• Biex tista' tagħmel diskursata sewwa<br>• Għax jistgħu jiġu effettwati l-affarijiet elettroniċi tal-vettura | <br>✓ Biex il-kontroll fuq il-vettura tiegħek ma jkunx effettwat |
| 1. 1.24 | Qed issuq bil-lejl u d-dwal tal-fanali l-kbar minn karrozza li ġejja jgħammxuk. Int għandek *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tnaqqas mill-veloċita` jew twaqqaf<br>• Tagħlaq għajnejk<br>• Itteptep id-dwal<br>• Tniżżel il-*visor* tax-xemx | ✓ Tnaqqas il-veloċita` jew twaqqaf |
| 1. 1.25 | Qed issuq fl-għabex. Int għandek tixgħel id-dawl *(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Ukoll meta d-dwal tat-triq mhumiex mixgħulin<br>• Biex ħaddieħor jista' jarak<br>• Meta ħaddieħor ikun xegħel tiegħu<br>• Meta jkunu mixgħulin biss tat-toroq | ✓ Ukoll meta d-dwal tat-triq mhumiex mixgħulin<br>✓ Biex ħaddieħor jista' jarak |
| 1. 1.26 | Biex taqbeż bla periklu, x'għandek tagħmel minn dawn li ġejjin? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Iċċekkja l-veloċita` u l-pożizzjoni tat-traffiku ta' warajk<br>• Iżżomm lura f'daqqa meta tkun qbiżt lill-vettura<br>• Tersaq qrib wara qabel ma toħroġ<br>• Tikser f'daqqa | ✓ Iċċekkja l-veloċita` u l-pożizzjoni tat-traffiku ta' warajk |

# Attitudni

| Ref | Mistoqsija | Tweġibiet li tista' tagħti | Tweġiba/tweġibiet korretti |
|---|---|---|---|
| 1. 2.1 MC | *Pelican crossing* li jaqsam it-triq GĦAD-DRITT u għandu *central island* GĦANDU jitqies bħala: *(Immarka tweġiba waħda)* | • *Crossing* wieħed fil-ġurnata biss<br>• *Crossing* wieħed sħiħ<br>• Żewġ *crossings* separati<br>• Żewġ *crossings* matul il-lejl | ✓ *Crossing* wieħed sħiħ |
| 1. 2.2 MC | F'*pelican crossing* id-dawl ambra jfisser li int IKOLLOK *(Immarka tweġiba waħda)* | • Twaqqaf u tistenna għad-dawl l-aħdar<br>• Twaqqaf u tistenna għad-dawl l-aħmar<br>• Tagħti d-dritta lill-*pedestrians* li qed jistennew biex jaqsmu<br>• Tagħti d-dritta lill-*pedestrians* li diġa` qed jaqsmu | ✓ Twaqqaf u tistenna għad-dawl l-aħmar |
| 1. 2.3 MC | Riesaq lejn *pelican crossing*. Qed juri d-dawl ambra. Int IKOLLOK: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tagħti d-dritta lill-*pedestrians* li qed jaqsmu<br>• Tħeġġeġ lill-*pedestrians* biex jaqsmu<br>• Ma ssuqx qabel ma jaqleb fuq l-aħdar<br>• Twaqqaf ukoll jekk m' hu qed jaqsam ħadd | ✓ Twaqqaf ukoll jekk m' hu qed jaqsam ħadd |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** 2.4 MC | Riesaq lejn *zebra crossing*. *Pedestrians* qed jistennew biex jaqsmu. Int għandek:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Iċċedi biss għall-anzjani u dawk b'diżabilita`<br>• Tnaqqas il-veloċita` u tlesti biex twaqqaf<br>• Itteptep id-dwal biex turi li jistgħu jaqsmu<br>• Tagħmlilhom sinjal biex jaqsmu | ✓ Tnaqqas il-veloċita` u tlesti biex twaqqaf |
| **1.** 2.5 | Waqqaft ħdejn *pedestrian crossing* biex tħalli lill-*pedestrians* jaqsmu. Int għandek:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Tistenna sakemm ikunu qasmu<br>• Issuq 'il quddiem kemm titħarrek<br>• Tistenna, waqt li tirrejżja l-magna<br>• Tagħmel sinjal lill-*pedestrians* biex jaqsmu | ✓ Tistenna sakemm ikunu qasmu |
| **1.** 2.6 | Qatt m'għandek tagħmel sinjali b'idejk lin-nies f' *pedestrian crossing* għaliex<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Jista' jkun hemm vettura oħra ġejja<br>• Jistgħu ma jkunux qed iħarsu<br>• Anqas ikun ta' periklu għalik jekk tibqa' għaddej<br>• Jistgħu ma jkunux lesti biex jaqsmu | ✓ Jista' jkun hemm vettura oħra ġejja |
| **1.** 2.7 | F'*zebra crossing* int għandek?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Tirrejżja l-magna biex tħeġġeġ lill-*pedestrians* biex jaqsmu malajr<br>• Tipparkja biss fuq il-linji żigżag fuq ix-xellug<br>• Dejjem tħallihom miftuħa fil-kjuwijiet tat-traffiku<br>• Tagħmel sinjal lill-*pedestrians* jekk fi ħsiebek tistennihom jaqsmu | ✓ Dejjem tħallihom miftuħa fil-kjuwijiet tat-traffiku |
| **1.** 2.8 | Twaqqaf għal *pedestrians* li qed jistennew biex jaqsmu f' *zebra crossing*. Ma jibdewx jaqsmu. X'għandek tagħmel?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Tieħu paċenzja u tistenna<br>• Iddoqq il-ħorn<br>• Tibqa' għaddej<br>• Tagħtihom sinjal biex jaqsmu | ✓ Tieħu paċenzja u tistenna |
| **1.** 2.9 MC | Tista' tuża r-'Regola taż-Żewġ Sekondi'<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Qabel ma terġa' tistartja l-magna meta tkun waqfitlek<br>• Biex iżżomm distanza tajba mill-vettura ta' quddiemek<br>• Qabel ma tuża s-solita 'Mera – Sinjal – Suq'<br>• Meta toħroġ minn toroq imxarrbin | ✓ Biex iżżomm distanza tajba mill-vettura ta' quddiemek |
| **1.** 2.10 | Distanza ta' żewġ sekondi bejnek u l-karrozza ta' quddiemek hija biżżejjed meta l-kundizzjonijiet ikunu:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Imxarrba<br>• Tajbin<br>• Niedja<br>• Imċajprin | ✓ Tajbin<br> |
| **1.** 2.11 | Fi traffiku mgħaġġel id-distanza ta' żewġ sekondi tista' tkun biżżejjed biss meta l-kundizzjonijiet ikunu:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Niexfa<br>• Imxarrba<br>• Niedja<br>• Imxarrba | ✓ Niexfa |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1.<br>2.12<br>MC | '*Tailgating*' tfisser<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Tiftaħ il-bieba ta' wara ta' karozza *hatchback*<br>• Tirriversja fil-post tal-parking<br>• Issuq wara vettura oħra mill-qrib ħafna<br>• Issuq bil-*fog lights* ta' wara mixgħulin | ✓ Issuq wara vettura oħra mill-qrib ħafna |
| 1.<br>2.13 | Qed issuq f'lejl b'viżżibilta' ċara. Riesaq lejk serbut kontinwu ta' traffiku. Trid tuża l-limitu nazzjonali ta' veloċita`. Liema dwal għandek tuża?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Il-*bright*<br>• Id-dwal tal-ġnub<br>• Id-dwal baxxuti<br>• *Fog lights* | ✓ Id-dwal baxxuti |
| 1.<br>2.14<br>MC | Li ssuq qrib ħafna din il-vettura mhux tajjeb għaliex:<br>*(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Jisħnulek il-brejkijiet<br>• Tara aktar x'ġej quddiem<br>• Il-magna tisħonlok<br>• Tara anqas x'ġej quddiem<br>• Is-sewwieq ma jistax jarak fil-mirja | <br>✓ Tara anqas x'ġej quddiem<br>✓ Is-sewwieq ma jistax jarak fil-mirja |
| 1.<br>2.15 | Qed issuq wara dan it-trakk. Int għandek iżżomm ħafna lura minnu biex:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Tkun tista' tara aħjar x'ġej fit-triq minn quddiem<br>• Twaqqaf it-traffiku ta' warajk milli joħroġ f'daqqa fi skontru<br>• Ma tħallix lit-traffiku ta' warajk milli jaqilgħek<br>• Tkun tista' tgħaddi malajr it-*traffic lights* jekk jaqilbu | <br>✓ Tkun tista' tara aħjar x'ġej fit-triq minn quddiem |
| 1.<br>2.16 | Qed issuq wara vettura kbira tat-tagħbija. Turik li se tikser fuq ix-xellug imma ddur fuq il-lemin. Int għandek:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Tnaqqas il-veloċita` u tħalli l-vettura tikser<br>• Tibqa' għaddej, iżżomm fuq ix-xellug<br>• Taqla' fuq il-lemin tiegħu<br>• Tibqa' għaddej kif kont u ddoqq il-ħorn | ✓ Tnaqqas il-veloċita` u tħalli l-vettura tikser |
| 1.<br>2.17<br>MC | Qed issuq wara vettura fi triq imxarrba. Int għandek tħalli tul ta' ħin ta' l-anqas ta'<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Sekonda<br>• Żewġ sekondi<br>• Tliet<br>• Erba' sekondi | ✓ Erba' sekondi |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.**<br>2.18 | Qed issuq f'din it-triq. Il-vann l-aħmar jidħol quddiemek. X'għandek tagħmel?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Taċċellera biex tiġi eqreb il-vann l-aħmar<br>• Iddoqq il-ħorn fit-tul<br>• Iżżomm lura biex tħalli d-distanza adattata bejnietkom<br>• Tixgħel id-dwal diversi drabi | <br>✓ Iżżomm lura biex tħalli d-distanza adattata |
| **1.**<br>2.19<br>MC | Tinsab f'filliera traffiku. Is-sewwieq ta' warajk qed jissikka qrib ħafna mieghek. X'għandek tagħmel?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Tinjorah u tkompli ssuq skond il-limitu ta' veloċita`<br>• Tnaqqas il-veloċita`, iżżid bil-mod id-distanza bejnek u l-vettura ta' quddiemek<br>• Tagħmel sinjal għal fuq ix-xellug u tagħmel sinjal b'idejk meta tgħaddi lis-sewwieq ta' wara<br>• Tieħu pożizzjoni ftit fuq ix-xellug taċ-ċentru tat-triq | ✓ Tnaqqas il-veloċita`, iżżid bil-mod id-distanza bejnek u l-vettura ta' quddiemek |
| **1.**<br>2.20<br>MC | Qed issuq fil-limitu ta' veloċita` stipulat bil-liġi. Fil-pront tiġi vettura minn warajk, itteptiplek id-dawl. Int għandek:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Taċċellera biex toħloq distanza warajk<br>• Tagħfas ftit il-brejkijiet biex turi d-dwal tagħhom<br>• Iżżomm l-istess veloċita` biex ma tħallix lill-vettura milli taqilgħek<br>• Tħalli lill-vettura taqilgħek | ✓ Tħalli lill-vettura taqilgħek |
| **1.**<br>2.21 | Qed tistenna fi kju ta' traffiku bil-lejl. Biex tevita li tgħammex il-vetturi ta' warajk int għandek:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Tiġbed il-*handbrake* biss<br>• Tagħfas il-*footbrake* ukoll<br>• Titfi l-fanali l-kbar<br>• Tuża kemm il-*handbrake* u kemm il-*footbrake* | ✓ Tiġbed il-*handbrake* biss |
| **1.**<br>2.22 | Meta tista' taqbeż l-ogħla limitu ta' veloċita`?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Bejn nofs il-lejl u s-6.00 a.m.<br>• Fl-ebda ħin<br>• Meta tkun qed taqla'<br>• Meta ma jkunx hemm traffiku | ✓ Fl-ebda ħin |
| **1.**<br>2.23 | Qed issuq bil-limitu ta' veloċita` skond il-liġi. Vettura warajk trid taqilgħek. Għandek ma tħallix lis-sewwieq milli jaqilgħek?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Le, kemm-il darba jkun bla periklu li tagħmel dan<br>• Iva, għax is-sewwieq l-ieħor qed jaġixxi b'mod perikoluż<br>• Le, fl-ebda ħin<br>• Iva, għax is-sewwieq l-ieħor qed jikser il-liġi | ✓ Le, fl-ebda ħin |
| **1.**<br>2.24 | Qed issuq bil-limitu ta' veloċita` fit-triq skond il-liġi. Is-sewwieq ta' warajk qed jipprova jaqilgħek. Int għandek:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Tmur qrib il-vettura ta' quddiemek, biex is-sewwieq ma jkollux wisa' biex jaqla'<br>• Tagħmel sinjal lis-sewwieq ta' warajk biex jaqla' meta m'hemmx periklu<br>• Tibqa' ssuq kif tkun u tħalli lis-sewwieq ta' warajk jaqbżek<br>• Taċċellera biex tħalli lis-sewwieq warajk | ✓ Tibqa' ssuq kif tkun u tħalli lis-sewwieq ta' warajk jaqbżek |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. 2.25 | Qed issuq bil-lejl fi triq mudlama wara vettura għaddejja b'veloċita` baxxa. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Itteptep il-fanali l-kbar<br>• Tuża d-dwal baxxuti<br>• Titfi l-fanali l-kbar tiegħek<br>• Tixgħel il-*bright* | ✓ Tuża d-dwal baxxuti |
| 1. 2.26 MC | Trakk twil, mgħobbi sew, qed jieħu ħafna żmien biex jaqla'. X'għandek tagħmel? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Taċċellera<br>• Tnaqqas il-veloċita`<br>• Tibqa' għaddej kif int<br>• Tibdel id-direzzjoni | ✓ Tnaqqas il-veloċita` |
| 1. 2.27 | Qed issuq vettura b'veloċita` baxxa fi triq dejqa sserrep. Int għandek *(Immarka tweġiba waħda)* | • Iżżomm fuq barra biex ma tħallix lill-vetturi jaqilgħuk b'mod perikoluż<br>• Tagħmel sinjal lill-vetturi ta' warajk jekk taħseb li jistgħu jaqilgħuk malajr<br>• Tidħol 'il ġewwa meta tista' biex tħalli lill-vetturi ta' warajk jaqilgħu<br>• Agħmel sinjal għax-xellug meta ma jkunx hemm periklu għall-vetturi biex jaqilgħuk | ✓ Tidħol 'il ġewwa meta tista' biex tħalli lill-vetturi ta' warajk jaqilgħu |
| 1. 2.28 | Qed issuq vettura b'veloċita` baxxa fi triq dejqa. Meta t-traffiku jixtieq jaqilgħek int għandek *(Immarka tweġiba waħda)* | • Ma tagħmel xejn<br>• Tixgħel id-dwal tal-*hazard*<br>• Twaqqaf minnufih u tagħtihom sinjal biex jaqilgħuk<br>• Titrekken 'il ġewwa bla periklu meta tista' tagħmel dan | ✓ Titrekken 'il ġewwa bla periklu meta tista' tagħmel dan |
| 1. 2.29 | Qed issuq vettura b'veloċita` baxxa fi triq dejqa sserrep. Sabiex tħalli lill-vetturi l-oħra jaqilgħuk int għandek *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tagħmlilhom sinjal biex jaqilgħuk<br>• Titrekken 'il ġewwa bla periklu meta tista'<br>• Tagħmel sinjal għal fuq ix-xellug<br>• Tibqa' fuq ix-xellug u kompli kif kont | ✓ Titrekken 'il ġewwa bla periklu meta tista' |
| 1. 2.30 MC | Liema minn dawn il-vetturi tuża dwal koħol jixegħlu u jitfu? *(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Tal-manutenzjoni tal-*motorway*<br>• Ambulanza<br>• *Patrol* tal-pulizija<br>• Dak li jirmonka vetturi li waqfu<br>• Tabib waqt vista | ✓ Ambulanza<br>✓ *Patrol* tal-pulizija |
| 1. 2.31 MC | Meta jkollok ambulanza warajk bi dwal koħol jixegħlu u jitfu int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Twarrbilha minnufih meta tista' biex tħalliha tgħaddi<br>• Taċċellera malajr biex tħalliha warajk<br>• Tibqa' bl-istess veloċita` u rotta<br>• Tibbrejkja f'daqqa u twaqqaf minnufih fit-triq | ✓ Twarrbilha minnufih meta tista' biex tħalliha tgħaddi |
| 1. 2.32 MC | Quddiemek hemm xarabank wieqfa ħdejn *bus stop*. Għandha l-*indicator* tal-lemin jixgħel. Int għandek *(Immarka tweġiba waħda)* | • Itteptep il-fanali l-kbar u tnaqqas il- veloċita`<br>• Tnaqqas il-veloċita` u tagħti d-dritta jekk m'hemmx periklu<br>• Iddoqq il-ħorn u tibqa' għaddej<br>• Tnaqqas il-veloċita` u wara ddoqq il-ħorn | ✓ Tnaqqas il-veloċita` u tagħti d-dritta jekk m'hemmx periklu |



| | | | |
|---|---|---|---|
| 1.<br>2.33<br>MC | Int għandek itteptep id-dwal tiegħek BISS lill-oħrajn fit-triq:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Biex turi li qed tagħti d-dritta<br>• Biex turi li se tirriversja<br>• Biex turihom li d-dritta tiegħek<br>• Biex turihom li hemm int | ✓ Biex turiihom li hemm int |
| 1.<br>2.34<br>MC | Għaliex għandek iddoqq il-ħorn?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Biex turi lil ħaddieħor li hemm int<br>• Biex jagħtuk id-dritta<br>• Biex issellem lil xi ħadd fit-triq<br>• Biex turi d-disapprovazzjoni | ✓ Biex turi lil ħaddieħor li hemm int |
| 1.<br>2.35 | Fi skontru toħroġlok vettura quddiemek. X'għandek tagħmel?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Tikser madwaru u doqq il-ħorn<br>• Itteptiplu d-dwal u ssuq qrib warajh<br>• Tnaqqas il-veloċita` u tlesti biex twaqqaf<br>• Taċċellera u tgħaddi quddiemha minnufih | ✓ Tnaqqas il-veloċita` u tlesti biex twaqqaf |
| 1.<br>2.36<br>MC | Qiegħed fi triq *one-way* u trid tikser fuq il-lemin. Għandek toqgħod<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Fil-*lane* tal-lemin<br>• Fil-*lane* tax-xellug<br>• F'kull *lane*, skond it-traffiku<br>• Ftit lejn ix-xellug mil-linja tan-nofs | ✓ Ftit lejn ix-xellug mil-linja tan-nofs |
| 1.<br>2.37<br>MC | Wasalt biex tikser lejn il-lemin. Għaliex għandek issib postok kmieni fil-pożizzjoni t-tajba?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Biex tħalli lis-sewwieqa l-oħra jwarrbu minn quddiemek<br>• Biex tħalli lil min jara aħjar it-triq li tkun se tidħol fiha<br>• Biex turi lil ħaddieħor fit-triq x'beħsiebek tagħmel<br>• Biex tħalli lil sewwieqa oħra jgħaddu fuq il-lemin | ✓ Biex turi lill ħaddieħor fit-triq x'beħsiebek tagħmel |
| 1.<br>2.38 | Qed issuq fi triq fil-kampanja. Riesaq wieħed isuq iż-żiemel . X'għandek tagħmel?<br>*(Immarka tliet tweġibiet)* | • Taċċellera<br>• Iddoqq il-ħorn<br>• Itteptep id-dwal<br>• Taqbiżhom bil-mod<br>• Tagħtihom ħafna spazju<br>• Tirrejżja l-magna | ✓ Taqbiżhom bil-mod |
| 1.<br>2.39 | Meta taqla' wieħed biż-żiemel għandek:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Iddoqq il-ħorn bħala twissija<br>• Taqbiżhom kemm jista' jkun malajr<br>• Tixgħel id-dwal biex tavżahom<br>• Tgħaddihom bil-mod u b'attenzjoni | ✓ Tgħaddihom bil-mod u b'attenzjoni |
| 1.<br>2.40 | Liema minn dawn li ġejjin huma l-aktar f'riskju minn oħrajn?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • *Motorcycles*<br>• Sewwieqa ta' vannijiet<br>• Sewwieqa li qed jitgħallmu<br>• Sewwieqa mgħaġġla tax-xarabank | ✓ *Motorcycles* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** 2.41 | Meta għandek tagħmel sinjal?<br> | • Dejjem, biex twissi lil min għaddej fit-triq, inklużi l-*pedestrians*, x'se tagħmel.<br>• Biex jagħtuk id-dritta fuq traffiku ieħor meta tibdel il-lane jew qabel ma toħroġ.<br>• Wara li tiċċekkja li m'hemmx periklu biex tagħmel dan, qabel ma tibdel ir-rotta jew id-direzzjoni, tikser fuq il-lemin jew ix-xellug, biex twaqqaf jew biex issuq.<br>• Fit-traffiku fid-dlam u l-maltemp.<br>• Meta tkun dieħel f'karreġġjata doppja minn *slip road* sabiex ma jkollokx inċidenti. | ✓ Dejjem, biex twissi lil min hu għaddej fit-triq, inklużi l-*pedestrians*, x'se tagħmel.<br>✓ Wara li tiċċekkja li m'hemmx periklu biex tagħmel dan, qabel ma tibdel ir-rotta jew id-direzzjoni, tikser fuq il-lemin jew ix-xellug, biex twaqqaf jew biex issuq. |
| **1.** 2.42 | Liema minn dawn għandhom x'jaqsmu ma' li ssuq qrib ħafna wara vettura oħra (*Tailgating*)? | • Meta ssuq qrib ħafna tal-vettura ta' quddiemek u toħloq sitwazzjoni perikoluża li jekk ikollha twaqqaf f'daqqa, int ma tkunx tista' tevita ħabta<br>• Meta ssuq tant qrib u b'tali mod li tagħmilha tal-*bully* u tintimida lill-vettura ta' quddiemek u ġġgħielha żżid il-veloċita` jew twarrablek.<br>• Meta sserrep minn *lane* għall-ieħor u ssuq qrib kemm tista' l-vettura ta' quddiemek biex tasal malajr.<br>• Meta tipparkja qrib ħafna tat-*tail-lift platform* ta' trakk. | ✓ Meta ssuq qrib ħafna tal-vettura ta' quddiemek u toħloq sitwazzjoni perikoluża li jekk ikollha twaqqaf f'daqqa, int ma tkunx tista' tevita ħabta. |

# Sigurta` u l-vettura tiegħek

| **Ref** | **Mistoqsija** | **Tweġibiet li tista' tagħti** | **Tweġiba/tweġibiet korretti** |
|---|---|---|---|
| **1.** 3.1 MC | Liema minn dawn jekk tħallihom jonqsulek, jistgħu jikkawżaw inċident?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Il-livell ta' l-*antifreeze*<br>• Il-livell tal-*brake fluid*<br>• Il-livell ta' l-ilma tal-batterija<br>• Il-livell tar-*radiator coolant* | ✓ Il-livell tal-*brake fluid* |
| **1.** 3.2 | Liema ERBGĦA minn dawn GĦANDHOM ikunu jaħdmu sew sabiex il-karrozza tiegħek tkun tajba għat-triq?<br>*(Immarka erba' tweġibiet)* | • Il-*gauge* tat-temperatura<br>• L-*indicators*<br>• Il-brejkijiet<br>• Is-sistema ta' l-*exhaust*<br>• Id-dawl li jimmarka ż-żejt<br>• Id-dwal<br>• L-*air conditioner*<br>• L-*ispare wheel* | ✓ L-*indicators*<br>✓ Il-brejkijiet<br>✓ Is-sistema ta' l-exhaust<br>✓ Id-dwal |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1.<br>3.3 | Karrozzi ġodda bil-magni petrol għandu jkollhom *catalytic converters*. Dawn biex *(Immarka tweġiba waħda)* | • Jikkontrollaw il-livelli tal-ħoss ta' l-*exhaust*<br>• Biex is-sistema ta' l-*exhaust* iddum isservi aktar<br>• Tippermetti lis-sistema ta' l-*exhaust* tkun riċiklata<br>• Tnaqqas il-ħruġ ta' *exhaust* li jagħmel il-ħsara | ✓ Tnaqqas il-ħruġ ta' *exhaust* li jagħmel il-ħsara |
| 1.<br>3.4<br>MC | Liema TNEJN jintlaqtu ħażin jekk it-*tyres* ikunu minfuħa anqas milli suppost? *(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Meta tagħfas il-brejk<br>• L-istering meta tikkwartja<br>• Meta tibdel il-ger<br>• Meta tipparkja | ✓ Meta tagħfas il-brejk<br>✓ L-istering meta tikkwartja |
| 1.<br>3.5 | X'jista' jikkaġuna l-istering biex jibbies? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Issuq fit-tajn<br>• Brejkijiet mittiekla ħafna<br>• *Tyres* minfuħin iżżejjed<br>• *Tyres* mhux minfuħin biżżejjed | ✓ *Tyres* mhux minfuħin biżżejjed |
| 1.<br>3.6 | Il-vettura tiegħek hija mgħammra bl-istering *power assisted*. Dan jagħmel l-istering jinħass *(Immarka tweġiba waħda)* | • Eħfef<br>• Aktar iebes<br>• Aktar silenzjuż<br>• Aktar storbjuż | ✓ Eħfef |
| 1.<br>3.7<br>MC | Huwa importanti ħafna li tiċċekkja l-pressa tat-*tyres* regolarment. Meta għandek tiċċekkjahom? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Wara vjaġġ twil<br>• Wara li tkun soqt b'veloċita` għolja<br>• Meta t-*tyres* ikunu sħan<br>• Meta t-*tyres* ikunu kesħin | ✓ Meta t-*tyres* ikunu kesħin |
| 1.<br>3.8 | Huwa importanti li l-pressa tat-*tyres* tkun dik korretta. Għandek tiċċekkjaha ta' l-anqas *(Immarka tweġiba waħda)* | • Kull darba li tagħti *service* lill-vettura<br>• Darba fil-ġimgħa<br>• Darba fix-xahar<br>• Kull darba li l-vettura jkollha test tal-VRT | ✓ Darba fil-ġimgħa |
| 1.<br>3.9 | Meta ssuq b'*tyres* mhux minfuħa biżżejjed dawn jistgħu jaffettwawlek *(Immarka żewġ tweġibiet)* | • It-temperatura tal-magna<br>• Il-konsum tal-*fuel*<br>• Meta tibbrejkja<br>• Il-pressa taż-żejt | ✓ Il-konsum tal-fuel<br>✓ Meta tibbrejkja |
| 1.<br>3.10 | Iwaqqfek pulizija. Isiblek *tyre* difettuż. Min hu responsabbli għat- tyre? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Is-sid ta' qabel<br>• Min jagħti *service* lill-karrozza<br>• Int, is-sewwieq<br>• Min ħareġ iċ-ċertifikat tal-VRT | ✓ Int. is-sewwieq |
| 1.<br>3.11 | L-anqas fond tas-singi tat-*tyres* ta' karozza 'l fuq minn tliet kwarti tal-wisa' tagħhom skond il-liġi huwa *(Immarka tweġiba waħda)* | • 1mm<br>• 1.6mm<br>• 2.5mm<br>• 4mm | ✓ 1.6mm |
| 1.<br>3.12 | *Tyres* mittiekla ħafna jew mittiekla b'mod mhux uniformi jfisser ħsara magħmula minn: *(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Il-*gearbox*<br>• Is-sistema tal-brejkijiet<br>• Is-*suspension*<br>• Is-sistema ta' l-*exhaust* | ✓ Is-sistema tal-brejkijiet<br>✓ Is-*suspension* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. 3.13 | Għandek tregħid fl-istering waqt is-sewqan. Int għandek tiċċekkja li: *(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Il-bibien huma magħluqa<br>• Ir-roti huma bbilanċjati<br>• L-*exhaust* mhux maħlul<br>• Il-livell taż-żejt tal-magna huwa tajjeb<br>• Ir-roti huma marbuta sew | ✓ Ir-roti huma bbilanċjati<br>✓ Ir-roti huma marbuta sew |
| 1. 3.14 | Il-vettura tiegħek tiġbed fuq naħa waħda meta tibbrejkja. Int għandek *(Immarka tweġiba waħda)* | • Iddawwar it-*tyres*<br>• Tiċċekkja l-ħsara għand mekkanik kompetenti mill-aktar fis<br>• Tagħfas il-pedala meta tibbrejkja u ddawwar l-*isteering* kontra<br>• Tuża l-*handbrake* fl-istess ħin | ✓ Tiċċekkja l-ħsara għand mekkanik kompetenti mill-aktar fis |
| 1. 3.15 | Il-kawża prinċipali tal-*brake fade* (meta l-brejkijiet ma jibqgħux jorbtu) hija: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Il-brejkijiet jisħnu żżejjed<br>• L-arja fil-*fluid* tal-brejkijiet<br>• Ikollok iż-żejt fil-brejkijiet<br>• Il-brejkijiet ma jkunux issettjati | ✓ Il-brejkijiet jisħnu żżejjed |
| 1. 3.16 | L-*anti-lock brakes warning light* jibqa' jixgħel. Int għandek *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tiċċekkja l-*brake fluid*<br>• Tiċċekkja kemm jilgħab il-*footbrake*<br>• Tiċċekkja li l-*handbrake* mhux imtella'<br>• Tara li jiċċekkjawlek il-brejkijiet minnufih | ✓ Tara li jiċċekkjalek il-brejkijiet minnufih |
| 1. 3.17 | Jekk tinnota riħa qawwija ta' petrol waqt li tkun issuq int għandek *(Immarka tweġiba waħda)* | • Ma tinkwieta xejn, dawk huma d-dħaħen ta' l-*exhaust* biss<br>• Tibqa' għaddej b'veloċita` anqas<br>• Tistennieha li tieqaf wara ftit mili<br>• Twaqqaf f'post tajjeb u tara l-problema minn fejn hi ġejja | ✓ Twaqqaf f'post tajjeb u tara l-problema minn fejn hi ġejja |
| 1. 3.18 MC | Meta JKOLLOK tuża d-dwal baxxuti matul il-jum? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Il-ħin kollu<br>• F'toroq dojoq<br>• F'visibilta` ħażina<br>• Meta tipparkja | ✓ F'viżibilta` ħażina |
| 1. 3.19 | Meta tista' tuża d-dwal tal-*hazard*? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Biex tipparkja ħdejn karozza oħra<br>• Biex tipparkja fuq iż-żewġ linji sofor ħdejn xulxin<br>• Meta tkun qed tiġi rmunkat<br>• Meta tkun waqaft fit-traffiku | ✓ Meta tkun waqaft fit-traffiku |
| 1. 3.20 | Id-dwal tal-*hazard* għandhom jintużaw meta l-vettura tkun: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Waqfitlek u tkun qed tostakola 'l ħaddieħor<br>• Bil-ħsara u miexja bil-mod<br>• Qed tiġi rmunkat tul it-triq<br>• Qed tirriversja fi skontru | ✓ Waqfitlek u tkun qed tostakola 'l ħaddieħor |
| 1. 3.21 | *Head rest* aġġustata sew: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tkun aktar komdu<br>• Tgħinek tevita li tweġġa' għonqok f'każ ta' inċident<br>• Tgħinek tkun rilassat<br>• Tgħinek iżżomm il-pożizzjoni tiegħek biex issuq | ✓ Tgħinek tevita li tweġġa' għonqok f'każ ta' inċident |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. 3.22 | X'inaqqas ir-riskju li tilwi għonqok f'ħabta? *(Immarka tweġiba waħda)* | • *Air-sprung seat*<br>• *Anti-lock brakes*<br>• *Collapsible steering wheel*<br>• *Head rest* issettjata tajjeb | ✓ *Head rest* issettjata tajjeb |
| 1. 3.23 | Kif tista' int, bħala sewwieq, tgħin l-ambjent? *(Immarka tliet tweġibiet)* | • Billi tnaqqas il-veloċita` tiegħek<br>• Billi taċċellera bil-mod<br>• Billi tuża *leaded fuel*<br>• Billi ssuq b'aktar veloċita`<br>• Billi tagħti *service* tajjeb lill-vettura tiegħek | ✓ Billi tnaqqas il-veloċita` tiegħek<br>✓ Billi taċċellera bil-mod<br>✓ Billi tagħti *service* tajjeb lill-vettura tiegħek |
| 1. 3.24 | Biex tgħin l-ambjent, tista' tevita li taħli l-*fuel* billi *(Immarka tliet tweġibiet)* | • Tagħti *service* sew lill-vettura tiegħek<br>• Tkun żgur li t-*tyres* ikunu minfuħa kemm suppost<br>• Ma toqgħodx tirrejżja fuq gerijiet baxxi<br>• Issuq b'veloċita` ogħla fejn tista'<br>• Iżżomm *roof rack* vojta mwaħħla sew<br>• Tagħmel *servicing* lill-vettura tiegħek anqas regolarment | ✓ Tagħti *service* sew lill-vettura tiegħek<br>✓ Tkun żgur li t-*tyres* ikunu minfuħa kemm suppost<br>✓ Ma toqgħodx tirrejżja fuq gerijiet baxxi |
| 1. 3.25 | Għaliex it-testijiet tal-VRT jinkludu test strett għall-ħruġ ta' *exhaust*? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Biex jifdu l-ispejjeż tat-tagħmir tal-garaxx li jqum ħafna flus<br>• Biex jgħinu jħarsu l-ambjent mit-tniġġis<br>• Biex jaraw b'liema fornitur ta' *fuel* jaħdmu l-aktar<br>• Biex jiżguraw li l-magni petrol u diesel joħorġu l-istess duħħan | ✓ Biex jgħinu jħarsu l-ambjent mit-tniġġis |
| 1. 3.26 | Liema TLIETA tista' tagħmel int, bħala wieħed li juża t-triq, biex tħares l-ambjent? *(Immarka tliet tweġibiet)* | • Timxi meta tista' jew tmur bir-rota<br>• Issuq fuq *tyres* mhux minfuħin biżżejjed<br>• Tuża ċ-*choke* fuq magna kiesħa fit-tul kemm tista'<br>• Tieħu l-vettura tiegħek biex tkun *tuned* u tingħata *service* sew<br>• Toqgħod attent għat-traffiku u tippjana minn qabel<br>• Tagħfas il-brejk fl-aħħar ħin mingħajr ma tiskiddja | ✓ Timxi meta tista' jew tmur bir-rota<br>✓ Tieħu l-vettura tiegħek biex tkun *tuned* u tingħata *service* sew<br>✓ Toqgħod attent għat-traffiku u tippjana minn qabel0 |
| 1. 3.27 MC | Vetturi bil-mutur jistgħu jagħmlu ħsara lill-ambjent. Dan jikkaġuna: *(Immarka tliet tweġibiet)* | • Tniġġis fl-arja<br>• Ħsara lill-bini<br>• Riskji anqas ta' saħħa<br>• Trasport pubbliku mtejjeb<br>• Użu anqas ta' vetturi ta' l-elettriku<br>• Ħela tar-riżorsi naturali | ✓ Tniġġis fl-arja<br>✓ Ħsara lill-bini<br>✓ Ħela fir-riżosi naturali |
| 1. 3.28 | Biex tnaqqas il-ħsara li l-vettura tiegħek tagħmel lill-ambjent int għandek: *(Immarka tliet tweġibiet)* | • Tuża toroq dojoq sekondarji<br>• Tevita li taċċellera f'daqqa<br>• Tibbrejkja kmieni<br>• Taħseb sewwa minn qabel<br>• Tuża toroq traffikużi | ✓ Tevita li taċċellera f'daqqa<br>✓ Tibbrejkja kmieni<br>✓ Taħseb sewwa minn qabel |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. 3.29 | Tgħin lill-ambjent jekk int: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tnaqqas il-pressa tat-*tyres*<br>• Issuq kontinwament biċ-*choke* kollu miftuħ<br>• Taċċellera u tibbrejka f'daqqa<br>• Tmur bil-mixi jew bir-rota meta tista' | ✓ Tmur bil-mixi jew bir-rota meta tista' |
| 1. 3.30 | Biex tgħin biex tħares l-ambjent M'GĦANDEKX: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tneħħi r-*roof rack* meta ma tkunx mgħobbija<br>• Tuża l-karozza tiegħek għal vjaġġi qosra ħafna<br>• Timxi, tmur bir-rota jew tuża t-trasport pubbliku<br>• Tbattal il-*boot* minn piż żejjed | ✓ Tuża l-karozza tiegħek għal vjaġġi qosra ħafna |
| 1. 3.31 MC | *Tyres* mittiekla ħafna jew mittiekla b'mod mhux uniformi jfissru ħsara magħmula minn liema tlieta? *(Immarka tliet tweġibiet)* | • Il-*gearbox*<br>• Is-sistema tal-brejkijiet<br>• L-*accellerator*<br>• Is-sistema ta' l-*exhaust*<br>• L-*alignment* tar-roti<br>• Is-*suspension* | ✓ Is-sistema tal-brejkijiet<br>✓ L-alignment tar-roti<br>✓ Is-*suspension* |
| 1. 3.32 | Qed tittestja s- *suspension*. Tinnota li l-vettura tiegħek tibqa' timmolla meta tagħfasha fuq quddiem. Dan x'ifisser? *(Immarka tweġiba waħda)* | • *Tyres* mittiekla<br>• *Tyres* mhux minfuħin biżżejjed<br>• Ir-rota ta' l-istering ma tkunx iċċentrata<br>• *Shock absorbers* spiċċuti | ✓ *Shock absorbers* spiċċuti |
| 1. 3.33 | Liema minn dawn itejjeb il-konsum tal-*fuel*? *(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Tnaqqas il-veloċita` mis-sewqan fit-triq<br>• Tippjana minn qabel<br>• Tibbrejkja tard u f'daqqa<br>• Issuq b'gerijiet baxxi<br>• Vjaġġi qosra b'magna kiesħa<br>• Tagħfsilha l-gass f'daqqa | ✓ Tnaqqas il-veloċita` mis-sewqan fit-triq<br>✓ Tippjana minn qabel |
| 1. 3.34 | Liema TLIETA minn dawn l-aktar li jistgħu jikkawżaw konsum tal-*fuel*? *(Immarka tliet tweġibiet)* | • Tnaqqas il-veloċita` tiegħek<br>• Iġġor piż bla bżonn<br>• Tuża l-grad mhux xieraq tal-*fuel*<br>• *Tyres* mhux minfuħin biżżejjed<br>• Tuża ditti differenti ta' *fuel*<br>• *Roofrack* imwaħħla mhix tintuża | ✓ Iġġorr piż bla bżonn<br>✓ *Tyres* mhux minfużin biżżejjed<br>✓ *Roofrack* imwaħħla mhix tintuża |
| 1. 3.35 | Għandek l-għatu ta' minn fejn tagħti l-*fuel* tat-tank tad-diesel maħlul. Dan ifisser: *(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Ħela ta' *fuel* u flus<br>• Tagħmel it-toroq jiżolqu għal ħaddieħor<br>• Ittejjeb il-konsum tal-*fuel* tal-vettura tiegħek<br>• Iżżid il-livell tal-ħruġ ta' *exhaust* | ✓ Ħela ta' *fuel* u flus<br>✓ Tagħmel it-toroq jiżolqu għal ħaddieħor |
| 1. 3.36 | Biex tevita li xxerred wara li tagħti l-*fuel*, għandek tiżgura li: *(Immarka tweġiba waħda)* | • It-tank huwa biss ¾ mimli<br>• Tkun użajt għatu biċ-ċavetta<br>• Tiċċekkja li l-*gauge* tal-*fuel* qed jaħdem<br>• L-għatu tat-tank huwa magħluq tajjeb | ✓ L-għatu tat-tank huwa magħluq sew |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** 3.37 | Għandek toqgħod ĦAFNA attent meta tagħti d-*diesel fuel*, għax meta jinxtered dan ikun *(Immarka tweġiba waħda)* | • Iwaħħal<br>• Bla riħa<br>• Ċar<br>• Jiżloq | ✓ Jiżloq |
| **1.** 3.38 MC | M'GĦANDEKX iddoqq il-ħorn *(Immarka tweġiba waħda)* | • Bejn l-10.00 p.m. u s-6.00 a.m. f'inħawi mibnija<br>• F'ebda ħin f'inħawi mibnija<br>• Bejn il-11.30 p.m. s-7.00 a.m. f'inħawi mibnija<br>• Bejn il-11.00 u s-6.00 a.m. f'inħawi mibnija | ✓ Bejn il-11.00 u s-6 am f'inħawi mibnija |
| **1.** 3.39 | Ma tistax tara sew meta tkun qed tirriversja. X'għandek tagħmel? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tniżżel il-ħġieġa biex tara wara<br>• Tiftaħ il-bieba biex tara wara<br>• Tħares mill-mera tan-naħa tal-passiġġier<br>• Tgħid 'il xi ħadd jaralek | ✓ Tgħid 'il xi ħadd jaralek |
| **1.** 3.40 | Xi jġib ħafna ħela ta' *fuel*? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Kontroll ħażin ta' l-istering<br>• Taċċellera meta tilwi<br>• Issuq f'liwijiet miftuħa<br>• Tibbrejkja u taċċellera f'daqqa | ✓ Tibbrejkja u taċċellera f'daqqa |
| **1.** 3.41 | Vettura mogħtija *service* tajjeb tagħtik *(Immarka żewġ tweġibiet)* | • *Premiums* anqas ta' l-assigurazzjoni<br>• Flus lura mit-taxxa tat-triq<br>• Anqas ħela ta' *fuel*<br>• Ħruġ aktar nadif ta' l-*exhaust* | ✓ Anqas ħela ta' *fuel*<br>✓ Ħruġ aktar nadif ta' l-*exhaust* |
| **1.** 3.42 | Meta m'intix tuża r-*roof rack* għandek tneħħiha. Għaliex? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Taffettwa s-*suspension*<br>• Hija illegali<br>• Taffettwa meta tibbrejkja<br>• Taħlilek il-*fuel* | ✓ Taħlilek il-*fuel* |
| **1.** 3.43 | *Roof rack* fuq il-karozza tiegħek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tnaqqas il-konsum tal-*fuel*<br>• Itejjeb l-istabbilita` fit-triq<br>• Jagħmel il-karrozza tirranka aktar<br>• Iżżid fil-konsum tal-*fuel* | ✓ Iżżid fil-konsum tal-*fuel* |
| **1.** 3.44 | Biex tnaqqas il-volum tat-traffiku mit-toroq tagħna tista': *(Immarka tliet tweġibiet)* | • Tuża t-trasport pubbliku aktar ta' spiss<br>• Trikkeb lil jew tirkeb ma' ħaddieħor meta tista'<br>• Tmur bir-rota jew bil-mixi fi vjaġġi qosra<br>• Dejjem tmur bil-karrozza<br>• Tuża karrozza b'magna iżgħar<br>• Tmur b'tal-linja | ✓ Tuża t-trasport pubbliku aktar ta' spiss<br>✓ Trikkeb lil jew tirkeb ma' ħaddieħor meta tista'<br>✓ Tmur bir-rota jew bil-mixi fi vjaġġi qosra |
| **1.** 3.45 MC | F'xi toroq dojoq residenzjali ssib limiti ta' veloċita` ta': *(Immarka tweġiba waħda)* | • 50 kph<br>• 60 kph<br>• 35 kph<br>• 40 kph | ✓ 35 kph |
| **1.** 3.46 MC | *Road humps, chicanes* u djuq issibhom: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Dejjem waqt xogħlijiet fit-toroq<br>• Użati biex jgħaġġlu t-traffiku<br>• Qrib pontijiet biss<br>• Bħala miżuri biex inaqqsu l-veloċita` tat-traffiku | ✓ Bħala miżuri biex inaqqsu l-veloċita` tat-traffiku |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1.<br>3.47<br>MC | Tidħol fi triq fejn hemm ir-*road humps*.<br>X'għandek tagħmel?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Iżżomm veloċita` mnaqqsa t-triq kollha<br>• Taċċellera malajr bejn kull *hump*<br>• Dejjem iżżomm ma' l-ogħla veloċita` li tagħtik il-liġi<br>• Suq bil-mod fil-ħinijiet ta' l-iskola biss | <br>✓ Iżżomm veloċita` mnaqqsa t-triq kollha |
| 1.<br>3.48 | Għal liema TNEJN minn dawn tista' tuża d-dwal tal- *hazard*?<br>*(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Meta tnaqqas il-veloċita` biex tavża lis-sewwieqa l-oħra warajk bil-periklu aktar 'il quddiem<br>• Meta tkun *double parked* fi triq *two-way*<br>• Meta l-*indicators* ma jkunux qed jaħdmu<br>• Meta twissi lit-traffiku li jkun ġej li beħsiebek twaqqaf<br>• Meta l-vettura tiegħek tkun waqfitlek u tkun qed tikkawża ostaklu | ✓ Meta tnaqqas il-veloċita` biex tavża lis-sewwieqa l-oħra warajk bil-periklu aktar 'il quddiem<br>✓ Meta l-vettura tiegħek tkun waqfitlek u tkun qed tikkawża ostaklu |
| 1.<br>3.49 | Il-viżibbilta` waqt il-ġurnata hija ħażina imma mhux iżżejjed. Int għandek tixgħel:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Il-fanali u l-*fog lights*<br>• Il-*fog lights* ta' quddiem<br>• Dwal baxxuti<br>• Il-*fog lights* ta' wara | ✓ Dwal baxxuti |

# Marġini ta' sigurta`

| Ref | Mistoqsija | Tweġibiet li tista' tagħti | Tweġiba/tweġibiet korretti |
|---|---|---|---|
| 1.<br>4.1 | Il-karrozza tiegħek hija mgħammra fl-*anti-lock brakes*. Inqalgħet emerġenza biex twaqqaf. Int għandek:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Tibbrejkja normali u tevita li ddawwar ir-rota ta' l-istering<br>• Tagħfas malajr u bis-saħħa l-pedala tal-brejk sakemm twaqqaf<br>• Tibqa' tagħfas u titlaq il-*foot brake* malajr biex tevita li tiskiddja<br>• Tiġbed il-handbrake biex tnaqqas id-distanza biex tieqaf | ✓ Tagħfas malajr u bis-saħħa l-pedala tal-brejk sakemm twaqqaf |
| 1.<br>4.2 | *Anti-lock brakes* inaqqsu ċ-ċans li tiskiddja l-aktar meta:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Meta tkun nieżel niżliet weqfin<br>• Meta tibbrejkja waqt sewqan normali<br>• Meta tibbrejkja f'emerġenza<br>• Meta ssuq fuq uċuħ tajbin ta' toroq | ✓ Meta tibbrejkja f'emerġenza |
| 1.<br>4.3 | Vetturi li jkollhom l-*anti-lock brakes*<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Ma jistgħux jiskiddjaw<br>• Tista' ddawwar l-istering meta tkun qed tibbrejkja<br>• Taċċellera aktar malajr<br>• Ma jkollhomx *handbrake* | ✓ Tista' ddawwar l-istering meta tkun qed tibbrejkja |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1.<br>4.4 | L-*anti-lock brakes* jistgħu ma jkunux effettivi jekk il-wiċċ tat-triq ikun:<br>*(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Niexef<br>• Biż-żrar<br>• Imxarrab<br>• Tajjeb<br>• Sod | ✓ Biż-żrar<br>✓ Imxarrab |
| 1.<br>4.5 | Tinsab fi triq b'wiċċ tajjeb u niexef u l-vettura tiegħek għandha brejkijiet u *tyres* tajbin. X'inhi d-distanza ġenerali biex twaqqaf meta tkun għaddej b'48 kph?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • 23 metru (75 pied)<br>• 36 metru (118-il pied)<br>• 53 metru (174 pied)<br>• 96 metru (315-il pied) | ✓ 23 metrru (75 pied) |
| 1.<br>4.6 | Li tibbrejkja f'daqqa f'liwja meta tkun għaddej b'veloċita` jista' jagħmel il-vettura tiegħek<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Aktar stabbli<br>• Instabbli<br>• Tieqaf<br>• Tikser bla periklu | ✓ Instabbli |
| 1.<br>4.7<br>MC | Meta tkun issuq fiċ-ċpar, liema minn dawn hija korretta?<br>*(Immarka tliet tweġibiet)* | • Tuża dwal baxxuti<br>• Tuża l-*bright*<br>• Agħti aktar żmien biex tasal<br>• Iżżomm eżatt wara l-vettura ta' quddiemek<br>• Tnaqqas il-veloċita`<br>• Tuża d-dwal tal-ġenb biss | ✓ Tuża dwal baxxuti<br>✓ Agħti aktar żmien biex tasal<br>✓ Tnaqqas il-veloċita` |
| 1.<br>4.8 | 'L-iblah biss jikser 'ir-regola taż-żewġ sekondi' 'Ir-regola taż-żewġ sekondi' tfisser:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Il-ħin rakkomandat biex tuża ċ-*choke*<br>• Id-distanza bejn żewġ vetturi f'sewqan normali<br>• Terġa' tistartja magna li tkun intfiet f'ħafna traffiku<br>• Il-ħin li trid iżżomm sieqek fuq il-brejk hekk kif toħroġ minn triq | ✓ Id-distanza bejn żewġ vetturi f'sewqan normali |
| 1.<br>4.9 | Qed issuq fi triq traffikuża u miftuħa f'kundizzjonijiet tajbin. Bħala sigurta`, id-distanza bejnek u l-vettura ta' quddiemek għandha tkun: | • Distanza ta' żewġ sekondi<br>• Tul ta' karrozza<br>• 2 metri (6 piedi u 6 pulzieri)<br>• Tul ta' żewġ karrozzi | ✓ Distanza ta' żewġ sekondi<br> |
| 1.<br>4.10<br>MC | 'Ir-regola taż-żewġ sekondi' tgħinek biex:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Iżżomm id-distanza adattata mill-vettura ta' quddiemek<br>• Iżżomm id-distanza adattata minn mal-bankina<br>• Tiċċekkja fejn ma tistax tara<br>• Tiċċekkja l-mirja | ✓ Iżżomm id-distanza adattata mill-vettura ta' quddiemek |
| 1.<br>4.11<br>MC | Id-distanza medja biex twaqqaf tkun ħafna itwal meta tkun issuq:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Fix-xita<br>• Fiċ-ċpar<br>• Bil-lejl<br>• F'irjiħ qawwija | ✓ Fix-xita |
| 1.<br>4.12 | Għal liema raġuni l-aktar komuni tiskiddja?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Minħabba *tyres* mikulin<br>• Minħabba żball tas-sewwieq<br>• Minħabba vetturi oħra<br>• Minħabba *pedestrians* | ✓ Minħabba żball tas-sewwieq |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. 4.13 | Meta tibbrejkja f'daqqa waqt li ssuq għad-dritt, il-piż tal-vettura se jmur fuq *(Immarka tweġiba waħda)* | • Ir-roti ta' quddiem<br>• Ir-roti ta' wara<br>• Ir-roti tax-xellug<br>• Ir-roti tal-lemin | ✓ Ir-roti ta' quddiem |
| 1. 4.14 | Qed issuq f'xita qliel. L-istering f'daqqa waħda jeħfief. Int għandek *(Immarka tweġiba waħda)* | • Iddawwar lejn in-naħa tat-triq<br>• Taċċellera bil-mod<br>• Tibbrejkja b'saħħtek biex tnaqqas il-veloċita`<br>• Tnaqqas sew il-gass | ✓ Tnaqqas sew il-gass |
| 1. 4.15 MC | Għaddejt minn ħafna ilma. X'inhi l-ewwel ħaġa li għandek tagħmel? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Twaqqaf u tiċċekkja t-*tyres*<br>• Twaqqaf u tixxotta l-brejkijiet<br>• Tqabbad il-wipers tal-*windscreen*<br>• Tiċċekkja l-brejkijiet | ✓ Tiċċekkja l-brejkijiet |
| 1. 4.16 | Tiskiddja l-aktar minħabba: *(Immarka tweġiba waħda)* | • It-temp<br>• Is-sewwieq<br>• Il-vettura<br>• It-triq | ✓ Is-sewwieq |
| 1. 4.17 | Qed tikser fuq ix-xellug fi triq tiżloq. Il-vettura tiskiddja minn wara għal fuq il-lemin. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tibbrejkja b'mod sod u ddawwarx ir-rota ta' l-istering<br>• Iddawwar ir-rota ta' l-isteering b'attenzjoni fuq ix-xellug<br>• Iddawwar ir-rota ta' l-isteering b'attenzjoni fuq il-lemin<br>• Ibbrejkja b'mod sod u dawwar ir-rota ta' l-isteering fuq ix-xellug | ✓ Iddawwar ir-rota ta' l-istering b'attenzjoni fuq il-lemin |
| 1. 4.18 | Qed tibbrejkja fi triq imxarrba. Il-vettura tiegħek tibda tiskiddja. Il-vettura tiegħek m'għandhiex *anti-lock brakes*. X'inhi l-ewwel ħaġa li għandek tagħmel? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Ittella' malajr il-*handbrake*<br>• Titlaq il-*footbrake* għal kollox<br>• Tagħfas aktar il-pedala tal-brejk<br>• Tagħfas bil-mod il-gass | ✓ Titlaq il-footbrake għal kollox |
| 1. 4.19 | *Coasting* bil-vettura (Titlaqha *free)*: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Ittejjeb il-kontroll tas-sewwieq<br>• Tikkwartja aħjar<br>• Tnaqqas il-kontroll tas-sewwieq<br>• Taħli aktar *fuel* | ✓ Tnaqqas il-kontroll tas-sewwieq |
| 1. 4.20 | Tinsab fi skontru fejn ma tistax tara sew x'ġej. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Issuq bil-mod 'il quddiem waqt li tħares lejn il-lemin<br>• Issuq bil-mod 'il quddiem, waqt li tħares lejn ix-xellug<br>• Issuq 'il quddiem, waqt li tħares lejn iż-żewġ naħat<br>• Tkun lest biex toħroġ u ssuq malajr | ✓ Issuq bil-mod 'il quddiem, waqt li tħares lejn iż-żewġ naħat |
| 1. 4.21 MC | Meta tagħmel ħafna sħana wiċċ it-triq jista' jirtab. Liema tnejn minn dawn jintlaqtu l-aktar? *(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Is-*suspension*<br>• L-istering<br>• Meta tibbrejkja<br>• Il-*windscreen* | ✓ L-istering<br>✓ Meta tibbrejkja |
| 1. 4.22 MC | Ma tantx tista' tara l-*indicators* f'xemx qawwija. X'għandek tagħmel? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tixgħel l-*indicator* qabel<br>• Tagħmel sinjal b'idejk flimkien ma' l-*indicator*<br>• Tmiss il-brejk diversi drabi biex turi l-*istop lamp(s)*<br>• Iddawwar kemm jista' jkun malajr | ✓ Tagħmel sinjal b'idejk flimkien ma' l-*indicator* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** 4.23 | Se tinżel niżla wieqfa. Biex tikkontrolla l-veloċita` tal-vettura tiegħek għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Titfagħha f'ger għoli u tagħfas il-brejkijiet<br>• Titfagħha f'ger għoli u tagħfas il-brejkijiet sew<br>• Titfagħha f'ger baxx u tagħfas il-brejkijiet sew<br>• Titfagħha f'ger għoli u tevita li tagħfas il-brejkijiet | ✓ Titfagħha f'ger baxx u tagħfas il-brejkijiet |
| **1.** 4.24 | Għaddej f'niżla twila. X'għandek tagħmel biex tikkontrolla aħjar il-veloċita` tal-vettura tiegħek? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Taqtagħha *free*<br>• Tagħmilha fuq ger aktar baxx<br>• Taqbad sew il-*handbrake*<br>• Bil-mod tagħmel il-*parking brake* | ✓ Tagħmilha fuq ger akar baxx |
| **1.** 4.25 | Kif tista' tuża l-magna tal-vettura tiegħek bħala brejk? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Billi taqleb għal ger aktar baxx<br>• Billi tagħżel ger fuq ir-rivers<br>• Billi tagħmilha fuq ger aktar għoli<br>• Billi titfagħha *free* | ✓ Billi taqleb għal ger aktar baxx |
| **1.** 4.26 | Trid tipparkja għan-NIŻLA. Liema TNEJN minn dawn għandek tagħmel? *(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Iddawwar ir-rota ta' l-istering lejn il-bankina<br>• Tipparkja qrib il-*bumper* ta' karrozza oħra<br>• Tipparkja ż-żewġ roti fuq il-bankina<br>• Ittella' sew il-*handbrake*<br>• Iddawwar ir-rota ta' l-istering lil hinn mill-bankina | ✓ Iddawwar ir-rota ta' l-istering lejn il-bankina<br>✓ Ittella' sew il-*handbrake* |
| **1.** 4.27 | Qed issuq f'inħawi mibnija. Wasalt qrib ta' *speed hump*. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tmur għan-naħa tax-xellug tat-triq<br>• Tistenna għal xi *pedestrians* biex jaqsmu<br>• Minnufih tnaqqas il-veloċita` tal-vettura tiegħek<br>• Twaqqaf u tiċċekkja ż-żewġ bankini | ✓ Minnufih tnaqqas il-veloċita` tal-vettura tiegħek |
| **1.** 4.28 MC | Meta toqrob liwja għal-lemin għandek iżżomm fuq ix-xellug. Għaliex? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Biex tkun tista' tara aħjar il-wesgħa ta' quddiemek<br>• Biex tegħleb l-effett tal-qlib tat-triq<br>• Biex tħalli t-traffiku b'aktar veloċita` li ġej minn warajk jaqbżek<br>• Biex tkun f'pożizzjoni bla periklu li l-vettura tiskiddja | ✓ Biex tkun tista' tara aħjar il-wesgħa ta' quddiemek |





| | | | |
|---|---|---|---|
| 1.<br>4.29 | Riesaq lejn liwja fuq il-lemin. Int għandek:<br>*(Immarka tweġiba waħda)*<br> | • Iżżomm ħafna max-xellug biex iddur aktar malajr<br>• Iżżomm ħafna max-xellug biex tara aħjar x'ġej wara l-liwja<br>• Iżżomm ħafna fuq il-lemin biex tevita dak kollu li jkun ġej<br>• Iżżomm ħafna fuq il-lemin biex tmewwet il-liwja | ✓ Iżżomm ħafna max-xellug biex tara aħjar x'ġej wara l-liwja |
| 1.<br>4.30<br>MC | M'għandekx taqla' meta:<br>*(Immarka tliet tweġibiet)* | • Tkun bi ħsiebek tikser fuq ix-xellug ftit wara<br>• Fi triq *one-way*<br>• Meta tkun riesaq fejn jingħaqdu żewġ toroq<br>• Meta tkun tiela' telgħa twila<br>• Meta l-vista quddiemek tkun imblukkata | ✓ Tkun bi ħsiebek tikser fuq ix-xellug ftit wara<br>✓ Meta tkun riesaq fejn jingħaqdu żewġ toroq<br>✓ Meta l-vista quddiemek tkun imblukkata |
| 1.<br>4.31 | Meta għandek tuża l-*fog lights* ta' quddiem u ta' wara? | • F'kull ħin tal-jum jew lejl biex tkun żgur li min ikun fit-triq jarak.<br>• Meta tkun għaddej minn mina.<br>• Meta t-triq tkun bla dawl jew id-dawl tat-triq ikun maqtugħ.<br>• Fix-xita u fil-każ li t-toroq ikunu jiżolqu.<br>• Meta l-viżibilita` tkun ħażina minħabba ċ-ċpar. | ✓ Meta l-viżibilta` tkun ħażina minħabba ċ-ċpar |

# Għarfien ta' periklu

| Ref | Mistoqsija | Tweġibiet li tista' tagħti | Tweġiba/tweġibiet korretti |
|---|---|---|---|
| 1.<br>5.1<br>MC | Riesaq lejn dan is-sinjal. Int għandek tkun taf li t-triq:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Tinżel wieqfa 'l isfel<br>• Titla' f'telgħa wieqfa 'l fuq<br>• Tikser f'daqqa lejn ix-xellug<br>• Tikser f'daqqa lejn il-lemin | <br>✓ Tikser f'daqqa lejn ix-xellug |
| 1.<br>5.2<br>MC | Meta għandek twaqqaf f'dan l-iskontru?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Fis-sigħat meta jgħaddi ħafna traffiku biss<br>• Meta din l-area tkun traffikuża<br>• Meta ddur fuq il-lemin biss<br>• F'kull ħin | <br><br>✓ F'kull ħin |
| 1.<br>5.3<br>MC | Sewwieq jista' jaqra l-pjanċa tar-reġistrazzjoni fid-distanza meħtieġa meta jkollu n-nuċċali. Għandek tilbes in-nuċċali:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Il-ħin kollu meta ssuq<br>• Meta ssuq biss għal distanzi twal<br>• Meta tkun qed tirriversja biss<br>• F'viżibilta` ħażina | ✓ Il-ħin kollu meta ssuq |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. 5.4 MC | Wasalt biex issuq lejn id-dar. Ma tistax issib in-nuċċali li jkollok bżonn meta ssuq. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Issuq lejn id-dar bil-mod, f'toroq mhux traffikużi<br>• Issellef nuċċali mingħand xi ħadd u suq lejn id-dar<br>• Issuq lejn id-dar bil-lejl<br>• Issib mezz kif tasal id-dar mingħajr ma ssuq | ✓ Issib mezz kif tasal id-dar mingħajr ma ssuq |
| 1. 5.5 | IKOLLOK tilbes in-nuċċali jew il-*contact lenses* meta ssuq f'toroq pubbliċi meta: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Int id-detentur ta' *badge* oranġo<br>• Ma tistax taqra numru ta' reġistrazzjoni ta' vettura minn distanza ta' 36 metru (120 pied) mingħajrhom<br>• Ikun hemm problema ta' vista fil-familja<br>• Ma tistax taqra n-numru tar-reġistrazzjoni ta' vettura minn distanza ta' 20.5 metri (67 pied) mingħajrhom | ✓ Ma tistax taqra n-numru tar-reġistrazzjoni ta' vettura minn distanza ta' 20.5 metri (67 pied) mingħajrhom |
| 1. 5.6 MC | X'jiġri minn dawn it-TLIETA meta tixrob l-alkoħol u ssuq? *(Immarka tliet tweġibiet)* | • Ikollok anqas kontroll<br>• Tħossok kunfidenti żżejjed<br>• Ikollok reazzjonijiet aktar mgħaġġla<br>• Tikkalkola ħażin il-veloċita`<br>• Tkun aktar konxju tal-periklu | ✓ Ikollok anqas kontroll<br>✓ Tħossok kunfidenti żżejjed<br>✓ Tikkalkola ħażin il-veloċita` |
| 1. 5.7 MC | Liema TLIETA minn dawn jistgħu faċilment ikunu effetti tax-xorb ta' l-alkoħol meta wieħed isuq *(Immarka tliet tweġibiet)* | • Jonqos il-kontroll tas-sensi<br>• Tiżdied il-kunfidenza<br>• Tiddeċiedi ħażin<br>• Iżżid l-attenzjoni<br>• Tirreaġixxi aktar fil-pront<br>• Ma tagħrafx il-kuluri | ✓ Jonqos il-kontroll tas-sensi<br>✓ Tiżdied il-kunfidenza<br>✓ Tiddeċiedi ħażin |
| 1. 5.8 MC | Li tixrob kull ammont ta' alkoħol jista' jwassal biex: *(Immarka tliet tweġibiet)* | • Tirreaġixxi bil-mod għall-perikli<br>• Tirreaġixxi malajr għall-perikli<br>• Tikkalkola ħażin il-veloċita`<br>• Tkun aktar attent għall-periklu<br>• Jagħmlek kunfidenti żżejjed | ✓ Tirreaġixxi bil-mod għall-perikli<br>✓ Tikkalkola ħażin il-veloċita`<br>✓ Jagħmlek kunfidenti ż-żejjed |
| 1. 5.9 | Mistieden għal riċeviment. Taf li jkollok issuq fil-għaxija. X'inhu l-aħjar li għandek tagħmel? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tevita li tħallat ix-xorb alkoħoliku<br>• M'għandekx tixrob l-ebda alkoħol<br>• Tieħu ftit ħalib qabel ma tixrob l-alkoħol<br>• Tiekol ikla sħuna max-xorb alkoħoliku | ✓ M'għandek tixrob l-ebda alkoħol |
| 1. 5.10 | X'aktar jista' serjament jaljenak meta ssuq, għajr ix-xorb alkoħoliku? *(Immarka tliet tweġibiet)* | • Mediċini<br>• Għejja<br>• Ħġieġ *tinted*<br>• *Contact lenses*<br>• Mużika b'volum għoli | ✓ Mediċini<br>✓ Għejja<br>✓ Mużika b'volum għoli |
| 1. 5.11 | Kif jolqtok l-alkoħol meta ssuq? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tirreaġixxi aktar malajr<br>• Jagħmlek aktar żvelt<br>• Tikkoordina aħjar<br>• Ma tibqax attent | ✓ Ma tibqax attent |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1.<br>5.12 | Wara li tixrob ħafna alkoħol m'għandekx issuq il-jum ta' wara. Għaliex?<br>*(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Tista' tkun għadek 'il fuq mil-limitu legali<br>• Il-konċentrazzjoni tiegħek ma tkunx effettwata ħażin<br>• Tkun ħafna anqas mil-limitu skond il-liġi<br>• Il-konċentrazzjoni tiegħek tkun għadha effettwata ħażin | ✓ Tista' tkun għadek `il fuq mil-limitu legali<br>✓ Il-konċentrazzjoni tiegħek tkun għadha effettwata ħażin |
| 1.<br>5.13 | X'parir għandek tagħti lil sewwieq li għadu kemm xorob xi alkoħol f'riċeviment?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Ixrob kikkra kafe` qawwi u mbagħad suq lejn id-dar<br>• Suq lejn id-dar bil-kwiet u bil-mod<br>• Mur id-dar b'tal-linja<br>• Stenna ftit u wara suq lejn id-dar | ✓ Mur id-dar b'tal-linja |
| 1.<br>5.14 | Tmur għal okkażjoni soċjali u jkollok bżonn issuq ftit wara. Xi prekawzjonijiet għandek tieħu?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Tiħux alkoħol fuq xejn<br>• Tixrob ħafna kafe` wara l-alkoħol<br>• Ma tixrob l-ebda alkoħol<br>• Tixrob il-ħalib qabel l-alkoħol | ✓ Ma tixrob l-ebda alkoħol |
| 1.<br>5.15 | Ilek tmien sigħat minn meta xrobt l-alkoħol. Liema tnejn jgħoddu minn dawn?<br>*(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Żgur tkun taħt il-limitu legali<br>• Ma jkollok l-ebda alkoħol fis-sistema tiegħek<br>• Tista' ma tkunx f'siktek biex issuq<br>• Tista' tkun għadek 'il fuq mil-limitu skond il-liġi | ✓ Tista' ma tkunx f'siktek biex issuq<br>✓ Tista' tkun għadek 'il fuq mil-limitu skond il-liġi |
| 1.<br>5.16<br>MC | It-tabib tiegħek tak kors ta' mediċina. Għaliex għandek tistaqsih jekk tistax issuq?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Bil-mediċini ssuq aħjar għax tirreaġixxi aktar malajr<br>• Ikollok tgħarraf lill-kumpanija ta' l-assigurazzjoni tiegħek bil-mediċina li qed tieħu<br>• B'xi mediċini tista' ddum biex tirreaġixxi<br>• Il-mediċina li tieħu tista' taffettwa s-smigħ tiegħek | ✓ B'xi mediċini tista' ddum biex tirreaġixxi |
| 1.<br>5.17 | Ilek jiem tieħu l-mediċina, li kienet tistordik. Illum tħossok aħjar iżda xorta teħtieġ li teħodha. Għandek issuq biss:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Jekk verament hemm bżonn li ssuq<br>• Bil-lejl f'toroq mhux traffikużi<br>• Jekk jiġi miegħek xi ħadd<br>• Wara li tgħid lit-tabib tiegħek | ✓ Wara li tgħid lit-tabib tiegħek |
| 1.<br>5.18 | Wasalt biex terġa' lura d-dar minn vaganza meta tħossok ma tiflaħx. Tabib jiktiblek il-mediċina li tista' taffettwa s-sewqan. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Issuq biss jekk ikollok xi ħadd miegħek<br>• Tevita li ssuq f'toroq traffikużi<br>• Issuqx<br>• Qatt taqbeż it-30kph | ✓ Issuqx |
| 1.<br>5.19 | Meta tkun ma tiflaħx ma tibqax l-istess biex issuq. IKOLLOK:<br>*(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Tkellem lit-tabib tiegħek kull darba qabel ma ssuq<br>• Tieħu biss dożi żgħar ta' kull mediċina<br>• Tkun medikament f'siktek biex issuq<br>• Ma ssuqx wara li tieħu ċerti mediċini<br>• Tieħu miegħek il-mediċina kollha li għandek bżonn | ✓ Tkun medikament f'siktek biex issuq<br>✓ Ma ssuqx wara li tieħu ċerti mediċini |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. 5.20 MC | M'intix żgur jekk il-mediċina kontra s-sogħla tħallix effett fuq kif issuq. Liema ŻEWĠ affarijiet għandek tagħmel? *(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Tgħid lit-tabib tiegħek<br>• Tiċċekkja t-tikketta tal-mediċina<br>• Issuq jekk tħossok tajjeb<br>• Tieħu parir mingħand ħabib jew qarib tiegħek | ✓ Tgħid lit-tabib tiegħek<br>✓ Tiċċekkja t-tikketta tal-mediċina |
| 1. 5.21 | Qed tieħu mediċina li tista' taffettwak kif issuq. X'għandek tagħmel? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tieħu parir mediku qabel issuq<br>• Issuq biss meta vera jkollok bżonn<br>• Issuq biss jekk ikollok miegħek wieħed li għandu l-liċenza tas-sewqan<br>• Issuq biss għal distanzi qosra | ✓ Tieħu parir mediku qabel issuq |
| 1. 5.22 | Jekk tħossok għajjien l-aħjar hu li twaqqaf mill-aktar fis. Sakemm twaqqaf int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Taċċellera biex tfittex issib post fejn tieqaf<br>• Tiftaħ għall-arja friska<br>• Ittaptap bil-mod fuq ir-rota ta' l-istering<br>• Tibqa' tbiddel il-veloċita` biex tikkonċentra aħjar | ✓ Tiftaħ għall-arja friska |
| 1. 5.23 | Iddum aktar biex tirreaġixxi meta ssuq: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Għajjien<br>• Fiċ-ċpar<br>• Bil-għaġġla<br>• Fix-xita | ✓ Għajjien |
| 1. 5.24 | Liema TLIETA jistgħu jaljenawk meta ssuq? *(Immarka tliet tweġibiet)* | • Waqt li tara l-mappa tat-triq<br>• Waqt li tisma' mużika b'volum għoli<br>• Waqt li tuża l-*washers* tal-*windscreen*<br>• Meta tħares lejn il-mera tal-ġenb<br>• Meta tuża *mobile phone* | ✓ Waqt li tara l-mappa tat-triq<br>✓ Waqt li tisma' l-mużika b'volum għoli<br>✓ Meta tuża *mobile phone* |
| 1. 5.25 | Meta toqgħod fil-pożizzjoni korretta waqt li ssuq tkun tista': *(Immarka tliet tweġibiet)* | • Isserraħ rasek fuq il-*head rest*<br>• Tilħaq il-pedali bla tbatija<br>• Tkun tista' tara sew mill-ħġieġ<br>• Tkellem lill-passiġġieri kollha li jkollok miegħek<br>• Taħkem sewwa r-rota ta' l-istering<br>• Isserraħ idek fuq il-*gear lever* | ✓ Tilħaq il-pedali bla tbatija<br>✓ Tkun tista' tara sew mill-ħġieġ<br>✓ Taħkem sew ir-rota ta' l-istering |
| 1. 5.26 MC | Joħroġlok sewwieq minn ġo skontru u jidħol quddiemek. Ikollok twaqqaf f'salt.Int għandek *(Immarka tweġiba waħda)* | • Ma tagħtix każ l-iżball u tibqa' kalm<br>• Itteptep id-dawl u turih li rrabjak<br>• Iddoqq il-ħorn u turih li rrabjajt<br>• Taqbżu minnufih | ✓ Ma tagħtix każ l-iżball u tibqa' kalm |
| 1. 5.27 | Joħroġlok sewwieq u jkollok twaqqaf. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Iżżomm kalm u tirritaljax<br>• Taqbżu u ddoqqlu l-ħorn<br>• Issuq qribu u ddoqqlu l-ħorn<br>• Twaqqaf lis-sewwieq u tispjegalu fejn żbalja | ✓ Iżżomm kalm u tirritaljax |
| 1. 5.28 | Sewwieq ieħor jagħmel xi ħaġa li tirritak. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tipprova ma tirreaġixxix<br>• Turihom xi tħoss<br>• Itteptep id-dwal diversi drabi<br>• Iddoqq il-ħorn | ✓ Tipprova ma tirreaġixxix |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** 5.29 MC | Il-kapaċita` biex anzjani jsuqu tintlaqat ħażin għax jistgħu ma jkunux jistgħu: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Jiksbu l-polza ta' l-assigurazzjoni<br>• Jifhmu sinjali tat-traffiku<br>• Jirreaġixxu malajr ħafna<br>• Jagħtu s-sinjali li suppost jagħtu | ✓ Jirreaġixxu malajr ħafna |
| **1.** 5.30 | Ħadt triq ħażina u tinduna li qiegħed fi triq *one-way*. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tirriversja barra minn dik it-triq<br>• Iddur fi triq mal-ġenb<br>• Tkompli sa tmiem it-triq<br>• Tirriversja fi *driveway* | ✓ Tkompli sa tmiem it-triq |
| **1.** 5.31 | X'inhu l-ogħla livell ta' alkoħol li tippermetti l-liġi, li jekk jinqabeż wieħed ma jkunx jista' jsuq? | • Livell ta' alkoħol fin-nifs ta' 25 mg/100ml jew livell ta' alkoħol fid-demm ta' 70mm/100ml.<br>• Livell ta' alkoħol fin-nifs ta' 35 mg/100ml jew livell ta' alkoħol fid-demm ta' 80mm/100ml.<br>• Livell ta' alkoħol fin-nifs ta' 35 mg/100ml jew livell ta' alkoħol fid-demm ta' 90mm/100ml.<br>• Livell ta' alkoħol fin-nifs ta' 25 mg/100ml jew livell ta' alkoħol fid-demm ta' 60mm/100ml. | ✓ Livell ta' alkoħol fin-nifs ta' 35/100ml jew livell ta' alkoħol fid-demm ta' 80mm/100ml. |

# Vulnerabbilita' ta' utenti stradali

| Ref | Mistoqsija | Tweġibiet li tista' tagħti | Tweġiba/tweġibiet korretti |
|---|---|---|---|
| **1.** 6.1 | Qed issuq fi triq fil-kampanja. X'għandek tistenna riesaq lejk minn naħa TIEGĦEK tat-triq? *(Immarka tweġiba waħda)* | • *Motorcycles*<br>• *Bicycles*<br>• *Pedestrians*<br>• Sewwieqa biż-żwiemel | ✓ *Pedestrians* |
| **1.** 6.2 MC | Liema sinjal jurik li jista' jkun hemm in-nies mexjin fit-triq? *(Immarka tweġiba waħda)* |     | ✓  |
| **1.** 6.3 | X'ifisser das-sinjal? *(Immarka tweġiba waħda)* | • *Pedestrians* qed jaqsmu<br>• *Pedestrians* fit-triq aktar 'il quddiem<br>• M'hemmx *pedestrians*<br>• Mogħdija għall-*pedestrians* | ✓ M'hemmx *pedestrians* |
| **1.** 6.4 MC | Qed tikser fuq ix-xellug fi triq fil-ġenb ħdejn skontru. Int ikollok: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tagħmlilhom sinjal b'idejk<br>• Iddoqq il-ħorn<br>• Tixgħel id-dwal tal-*hazard*<br>• Tistennihom jaqsmu | ✓ Tistennihom jaqsmu |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** 6.5 | Fi skontru qed tikser fuq ix-xellug. *Pedestrians* bdew jaqsmu t-triq. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tibqa' għaddej, tagħtihom ħafna wisa'<br>• Tieqaf u tagħmlilhom sinjal biex jaqsmu<br>• Iddoqq il-ħorn u suq<br>• Tagħtihom id-dritta | ✓ Tagħtihom id-dritta |
| **1.** 6.6 | Trid tirriversja fi triq fil-ġenb. Ma tafx jekk minn wara l-karrozza hux ġej xi ħadd. X'għandek tagħmel? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tħares mit-tieqa ta' wara biss<br>• Toħroġ u tiċċekkja<br>• Tiċċekkja mill-mirja biss<br>• Tibqa' għaddej, qiesu ma hemm xejn | ✓ Toħroġ u tiċċekkja |
| **1.** 6.7 | Se tirriversja fi triq fil-ġenb. *Pedestrian* se jaqsam minn warajk. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tagħmel sinjal lill-*pedestrian* biex jieqaf<br>• Tagħti d-dritta lill-*pedestrian*<br>• Tagħmel sinjal b'idejk lill-*pedestrian* biex jaqsam<br>• Tirriversja qabel ma' l-*pedestrian* jibda jaqsam | ✓ Tagħti d-dritta lill-*pedestrian* |
| **1.** 6.8 | Min hu l-aktar fil-periklu li ma tarahx hekk kif qed tirriversja l-karozza tiegħek? *(Immarka tweġiba waħda)* | • *Motorcyclists*<br>• Sewwieqa tal-karozzi<br>• *Cyclists*<br>• Tfal | ✓ Tfal |
| **1.** 6.9 | Trid tikser fuq il-lemin fi triq fil-ġenb. Qabel ma tikser għandek tiċċekkja għal *motorcyclists* li jistgħu jkunu: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Qed jaqilgħu fuq ix-xellug tiegħek<br>• Isuqu warajk ħafna<br>• Ħerġin mill-iskontru<br>• Qed jaqilgħu minn fuq il-lemin tiegħek | ✓ Jaqilgħu minn fuq il-lemin tiegħek |
| **1.** 6.10 | Trid tikser minn skontru imma ma tistax tara x' ġej minħabba vetturi pparkjati. X'għandek tagħmel? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Toħroġ malajr, iżda kun lest biex twaqqaf<br>• Iddoqq il-ħorn u oħroġ jekk ma jkollokx risposta<br>• Twaqqaf, u mbagħad issuq bil-mod 'il quddiem sakemm tkun tista' tara sewwa.<br>• Twaqqaf, toħroġ u tħares fit-triq prinċipali biex tiċċekkja | ✓ Twaqqaf, u mbagħad issuq bil-mod 'il quddiem sakemm tkun tista tara sewwa |
| **1.** 6.11 | Qiegħed fuq quddiem ta' kju ta' traffiku tistenna biex tikser fuq il-lemin għal ġo skontru. Għaliex hu importanti li tiċċekkja l-mera tal-lemin qabel ma tilwi? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Biex tara jekk hemmx xi *pedestrians* se jaqsmu<br>• Biex tiċċekkja għal xi vetturi li jkunu se jaqilgħu<br>• Biex tkun żgur li mhu ġej ħadd mill-iskontru<br>• Biex tiċċekkja għat-traffiku li jkun ħiereġ | ✓ Biex tiċċekkja għal xi vetturi li se jaqilgħu |
| **1.** 6.12 | F'liema tliet postijiet il-parking jista' joħloq xkiel għal ħaddieħor? *(Immarka tliet tweġibiet)* | • Fuq nett ta' telgħa<br>• F'*lay-by*<br>• Fejn il-bankina tkun għolja 'l fuq<br>• Fejn il-bankina tkun imniżżla għall-*wheelchairs*<br>• Ħdejn jew f'*bus stop* | ✓ Fuq nett ta' telgħa<br>✓ Fejn il-bankina tkun imniżżla għall-*wheelchairs*<br>✓ Ħdejn jew f'*bus stop* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. 6.13 | X'għandu jagħmel sewwieq f'*pelican crossing* meta d-dawl ikun fuq l-aħmar u l-ambra? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Jagħmel sinjal lill-*pedestrian* biex jaqsam<br>• Dejjem jistenna għad-dawl aħdar qabel ma jsuq<br>• Iċedi lil kull *pedestrian* fuq il-*crossing*<br>• Jistenna għad-dawl aħmar u ambra qabel ma ssuq | ✓ Dejjem jistenna għad-dawl aħdar qabel ma jsuq |
| 1. 6.14 | Waqaft quddiem *pelican crossing*. Persuna b'diżabilita` qed taqsam quddiemek bil-mod. Id-dawl issa qaleb fuq l-aħdar. Int għandek *(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Tħalli lill-persuna taqsam<br>• Issuq quddiem il-persuna<br>• Issuq wara l-persuna<br>• Iddoqq il-ħorn<br>• Tieħu paċenzja<br>• Issuq 'il quddiem bil-mod | ✓ Tħalli l-persuna taqsam<br>✓ Tieħu paċenzja |
| 1. 6.15 | Kif tasal ħdejn *pelican crossing* id-dwal jaqilbu fuq l-aħdar. Nies anzjani għadhom f'nofs triq. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tagħmlilhom sinjal biex jaqsmu kemm jista' jkun malajr<br>• Tirrejżja l-magna biex tgħaġġilhom<br>• Itteptpilhom id-dawl fil-każ li ma jkunux semgħuk<br>• Tistenna għax dawn jieħdu aktar żmien biex jaqsmu | ✓ Tistenna għax dawn jieħdu aktar żmien biex jaqsmu |
| 1. 6.16 MC | Ħares lejn din l-istampa. X'inhu l-periklu l-aktar li għandek toqgħod attent minnu? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Il-vann l-aħmar tal-ġelat jista' jsuq<br>• Is-sewwieq tal-vann tal-ġelat jista' joħroġ<br>• Il-karozza fuq ix-xellug tista' tkun sejra<br>• It-tifel jista' joħroġ jiġri fit-triq | <br><br>✓ It-tifel jista' joħroġ jiġri fit-triq |
| 1. 6.17 | Għaddej minn quddiem karrozzi pparkjati. Tinduna b'rota ta' *bicycle* ħierġa minn bejniethom. X'għandek tagħmel? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Taqbżu malajr u ddoqq il-ħorn<br>• Tnaqqas il-veloċita` u tagħmel sinjal b'idejk liċ-ċiklista biex jaqsam<br>• Tibbrejkja f'daqqa u tteptep id-dawl<br>• Tnaqqas il-veloċita` u tlesti biex twaqqaf għaċ-ċiklista | ✓ Tnaqqas il-veloċita` u tlesti biex twaqqaf għaċ-ċiklista |
| 1. 6.18 | Qed issuq quddiem mogħdija ta' karrozzi pparkjati. Tinduna b'ballun jaqbeż fit-triq quddiemek. X'għandek tagħmel? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tkompli għaddej kif kont u ddoqq il-ħorn<br>• Tkompli għaddej kif kont u tteptep id-dwal<br>• Tnaqqas il-veloċita` u tkun lest biex twaqqaf għat-tfal<br>• Twaqqaf u tagħmel sinjal b'idejk lit-tfal tan-naħa l-oħra biex iġibu l-ballun | ✓ Tnaqqas il-veloċita` u tkun lest biex twaqqaf għat-tfal |
| 1. 6.19 | Qed issuq wara karrozza misjuqa minn anzjan. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tifhimha jekk is-sewwieq isuq ħażin<br>• Itteptep id-dwal u taqbżu<br>• Tifhimha li r-reazzjonijiet tas-sewwieq jistgħu ma jkunux żvelti bħal tiegħek<br>• Issuq qrib warajh u toqgħod attent | ✓ Tifhimha li r-reazzjonijiet tas-sewwieq jistgħu ma jkunux żvelti bħal tiegħek |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1.<br>6.20 | Liema tabella turik li jista' jkun hemm pedestrians mexjin fit-triq, anke jekk m'hemmx bankina?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* |  <br>  | ✓  |
| 1.<br>6.21 | Liema tabella tfisser li jista' jkun hemm anzjani jaqsmu t-triq?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* |  <br>  | ✓  |
| 1.<br>6.22 | Tara *pedestrian* b'bastun abjad. Dan ifisser li dik il-persuna:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Diżabilitata<br>• Truxa<br>• Anzjana<br>• Għamja | ✓ Għamja |
| 1.<br>6.23 | Riesaq lejn *zebra crossing*. Jistenna biex jaqsam hemm persuna f'*wheelchair*. Int għandek:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Tkompli għaddej<br>• Tagħmel sinjal lill-persuna biex taqsam<br>• Tagħmel sinjal lill-persuna biex tistenna<br>• Tkun lest biex twaqqaf | ✓ Tkun lest biex twaqqaf |
| 1.<br>6.24<br>MC | X'għandek tagħmel meta anzjani qed jaqsmu t-triq?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Tagħmlilhom sinjal biex turihom li int rajthom<br>• Tieħu paċenżja u tħallihom jaqsmu bil-pass tagħhom<br>• Tirrejżja l-magna biex turihom li qed tistenniehom<br>• Iddoqq il-ħorn fil-każ li jkunu neqsin mis-smigħ | ✓ Tieħu paċenzja u tħallihom jaqsmu bil-pass tagħhom |
| 1.<br>6.25 | Qed issuq wara *motor-cyclist* fi triq mhux lixxa. Int għandek:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Tippretendi li jistennew lilek tgħaddi<br>• Taċċellera biex taqbiżhom malajr<br>• Twaqqaf u turihom b'idejk in-naħa l-oħra tat-triq<br>• Toqgħod attent, jistgħu jikkalkolaw ħażin il-veloċita` tiegħek | ✓ Toqgħod attent, jistgħu jikkalkolaw ħażin il-veloċita` tiegħek |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** 6.26 | Qed issuq wara *motor-cyclist* fi triq mhux lixxa. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Ma tħallix ħafna wisa' biex tkun żgur li jista' jarak fil-mirja tiegħu<br>• Taqbżu mal-ewwel<br>• Tagħtih ħafna wisa' fil-każ li jserrep biex jevita l-ħofor fit-triq<br>• Agħti l-istess wisa' bħas-soltu għax il-wiċċ tat-triq ma jaffettwahomx lill-*motorcyclists* | ✓ Tagħtih ħafna wisa' fil-każ li jserrep biex jevita l-ħofor fit-triq |
| **1.** 6.27 MC | QATT m'għandek tipprova taqla' ċiklista *(Immarka tweġiba waħda)* | • Eżatt qabel ma ddur fuq ix-xellug<br>• Eżatt qabel ma ddur fuq il-lemin<br>• Fi triq *one-way*<br>• F'karreġġjata doppja | ✓ Eżatt qabel ma ddur fuq ix-xellug |
| **1.** 6.28 | Qed issuq wara ċiklista. Trid tikser fuq ix-xellug ftit 'il quddiem. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Taqbeż liċ-ċiklista qabel l-iskontru<br>• Issuq ma' ġenb iċ-ċiklista u toqgħod miegħu sa wara l-għaqda tat-toroq<br>• Iżżomm lura sakemm iċ-ċiklista jkun għadda l-għaqda tat-toroq<br>• Tmur wara ċ-ċiklista fl-iskontru | ✓ Iżżomm lura sakemm iċ-ċiklista jkun għadda l-għaqda tat-toroq |
| **1.** 6.29 MC | Riesaq lejn *roundabout*. Ċiklista qed jagħmillek sinjal biex jikser fuq il-lemin. X'għandek tagħmel? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Taqla' fuq il-lemin<br>• Twissihom billi ddoqq il-ħorn<br>• Tagħmel sinjal liċ-ċiklista biex jaqsam<br>• Liċ-ċiklista tagħtih ħafna wisgħa | ✓ Liċ-ċiklista tagħtih ħafna wisgħa |
| **1.** 6.30 | Qed issuq wara żewġ ċiklisti. Jiġu ħdejn *roundabout* fil-*lane* tax-xellug. F'liema naħa taħseb li jmorru? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Xellug<br>• Lemin<br>• Kull naħa<br>• Dritt 'il quddiem | ✓ Kull naħa |
| **1.** 6.31 MC | Riesaq lejn din ir-*roundabout* u tara ċiklista jagħmel sinjal għall-lemin. Għaliex iċ-ċiklista qiegħed fuq ix-xellug? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Għax hija triq iqsar għaċ-ċiklista<br>• Iċ-ċiklista se jdur fuq ix-xellug minnflok<br>• Iċ-ċiklista jaħseb li l-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq ma jgħoddx għall-*bicycles*<br>• Iċ-ċiklista huwa aktar kajman u aktar jista' jkorri | <br>✓ Iċ-ċiklista huwa aktar kajman u aktar jista' jkorri |
| **1.** 6.32 MC | Meta tkun qed taqbeż ċiklista għandek tħallilu l-istess wisa' li tħalli karrozza. X'inhi l-aktar raġuni importanti? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Iċ-ċiklista jista' jibdel il-*lanes*<br>• Iċ-ċiklista jista' jinżel mill-*bicycle*<br>• Iċ-ċiklista jista' jserrep<br>• Iċ-ċiklista jista' jkollu jdur fuq il-lemin | ✓ Iċ-ċiklista jista' jserrep |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. 6.33 | Lil liema TNEJN għandek tħalli iżjed wisa’ meta taqla’? *(Immarka tweġiba waħda)* | • *Motorcycles*<br>• *Tractors*<br>• *Bicycles*<br>• Vetturi li jnaddfu t-toroq | ✓ *Motorcycles*<br>✓ *Bicycles* |
| 1. 6.34 | Għaliex għandek tħalli iżjed wisa’ meta taqla’ *motorcyclist* f’ġurnata bir-riħ? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Is-sewwieq jista’ jdur f’daqqa biex jiskansa r-riħ<br>• Is-sewwieq jista’ jiġi mbuttat għal quddiemek<br>• Is-sewwieq jista’ jieqaf f’daqqa<br>• Is-sewwieq jista’ jkun qed isuq b’veloċita` aktar minn normal | ✓ Is-sewwieq jista’ jiġi mbuttat għal quddiemek |
| 1. 6.35 | Liema tip ta’ vettura tintlaqat l-aktar b’irjieħ qawwija? *(Immarka tweġiba waħda)* | • *Tractor*<br>• *Motorcycle*<br>• Karrozza<br>• *Bowser* | ✓ *Motorcycle* |
| 1. 6.36 | Għaliex għandek toqgħod attent l-aktar għall-*motorcyclists* u *cyclists* fl-iskontri? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Jistgħu jkunu jridu jiksru għal ġo skontru<br>• Jistgħu jnaqqsu l-veloċita` biex iħalluk iddur<br>• Aktar diffiċli li tilmaħhom<br>• Jistgħu ma jarawkx iddur | ✓ Aktar diffiċli biex tilmaħhom |
| 1. 6.37 | Qed tistenna biex toħroġ minn triq fil-ġenb. Għaliex għandek toqgħod attent ħafna għall-*motorcycles*? *(Immarka tweġiba waħda)* | • *Motorcycles* normalment huma aktar veloċi<br>• *Patrols* tal-pulizija normalment jużaw il-*motorcycles*<br>• *Motorcycles* huma żgħar u diffiċli biex tilmaħhom<br>• Il-*motorcycles* għandhom id-dritta | ✓ *Motorcycles* huma żgħar u diffiċli biex tilmaħhom |
| 1. 6.38 MC | Fejn għandek toqgħod attent l-aktar għall-*motorcyclists* u *cyclists*? *(Immarka tweġiba waħda)* | • F’karreġġjati doppji<br>• Fi skontri<br>• F’*zebra crossings*<br>• F’toroq *one-way* | ✓ Fi skontri |
| 1. 6.39 MC | Fid-dawl tal-jum, riesaq *motorcyclist* bid-dawl baxxut. Għaliex? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Sabiex is-sewwieq jista’ jidher aħjar<br>• Biex ma jħallix il-batterija tiċċarġja aktar milli suppost<br>• Sabiex is-sewwieq jara aktar<br>• Bħala sinjal biex int tkompli għaddej | ✓ Sabiex lis-sewwieq jista’ jidher aħjar |
| 1. 6.40 MC | *Motorcyclists* għandhom jilbsu lbies kulurit l-aktar għaliex *(Immarka tweġiba waħda)* | • Hekk għandhom jilbsu bil-liġi<br>• Jgħinhom iħossu l-frisk fis-sajf<br>• Il-kuluri popolari<br>• Is-sewwieqa ħafna drabi ma jarawhomx | ✓ Is-sewwieqa ħafna drabi ma jarawhomx |
| 1. 6.41 | *Motorcycles* isuqu fid-dawl tal-jum bid-dawl mixgħul għaliex *(Immarka tweġiba waħda)* | • Hekk għandhom jagħmlu bil-liġi<br>• Aktar ‘il quddiem hemm *camera* tal-veloċita`<br>• Iridu jintlemħu<br>• Riesaq lejn *speed humps* | ✓ Iridu jintlemħu |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. 6.42 MC | Qed issuq wara *moped*. Wasalt biex tikser fuq ix-xellug. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Taqbeż il-*moped* qabel l-skontru<br>• Tiġbed għal maġenb il-*moped* u oqgħod inċim miegħu eżatt sa qabel l-iskontru<br>• Iddoqq il-ħorn bħala twissija u suq quddiem il-*moped*<br>• Toqgħod warajh sakemm il-*moped* ikun għadda l-iskontru | ✓ Toqgħod warajh sakemm il-*moped* ikun għadda l-iskontru |
| 1. 6.43 | *Motorcyclists* ħafna drabi jħarsu minn fuq spallithom il-leminija qabel ma jiksru fuq il-lemin. Dan għaliex *(Immarka tweġiba waħda)* | • Ikollhom bżonn jisimgħu t-traffiku li ġej minn warahom<br>• *Motorcycles* m'għandhomx mirja<br>• Meta jxaqilbu rashom jgħinhom iżommu l-bilanċ hekk kif iduru<br>• Għandhom bżonn jiċċekkjaw għat-traffiku fil-*blind area* | ✓ Għandhom bżonn jiċċekkjaw għat-traffiku fil-*blind area* |
| 1. 6.44 MC | Fi skontri liema minn dawn l-aktar li jkunu fil-periklu? *(Immarka tliet tweġibiet)* | • *Cyclists*<br>• *Motorcyclists*<br>• *Pedestrians*<br>• Sewwieqa tal-karozzi<br>• Sewwieqa tat-trakkijiet | ✓ *Cyclists*<br>✓ *Motorcyclists*<br>✓ *Pedestrians* |
| 1. 6.45 | Liema vetturi l-aktar diffiċli biex tara meta toħroġ minn skontru għal ġo kju tat-traffiku? *(Immarka tweġiba waħda)* | • *Motorcycles*<br>• *Tractors*<br>• Vannijiet tal-ħalib<br>• Karozzi | ✓ *Motorcycles* |
| 1. 6.46 MC | Trid tikser lejn il-lemin minn triq prinċipali għal ġo waħda sekondarja. Eżatt qabel ma tidħol int għandek *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tħassar is-sinjal biex iddur fuq il-lemin<br>• Titfagħha fuq il-*first*<br>• Tiċċekkja għat-traffiku li jkun se jaqilgħek minn fuq il-lemin<br>• Tieqaf u ttella' l-*handbrake* | ✓ Tiċċekkja għat-traffiku li jkun se jaqilgħek minn fuq il-lemin |
| 1. 6.47 MC | Liema minn dawn il-perikli l-aktar li jidħlu fihom il-*motorcyclists* fi kjuwijiet ta' traffiku? *(Immarka tliet tweġibiet)* | • Jidħlu eżatt quddiemek<br>• Li jsuqu f'filliera waħda<br>• Jgħaddu mħaxkna miegħek<br>• Isuqu bil-fanal tagħhom baxxut<br>• Iserrpu bejn il-*lanes* | ✓ Jidħlu eżatt quddiemek<br>✓ Jgħaddu mħaxkna miegħek<br>✓ Iserrpu bejn il-*lanes* |
| 1. 6.48 | Qed issuq u quddiemek hemm vettura b'dawl jixgħel ambra. Dan ifisser li dil-vettura: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Għaddejja bil-mod<br>• Tkun waqfet<br>• Hija ta' tabib<br>• Hija *patrol* biex jaqsmu għall-iskola | ✓ Għaddejja bil-mod |
| 1. 6.49 | Qed issuq fi kju ta' traffiku għaddej bil-mod. Qabel ma tibdel il-*lane* int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Iddoqq il-ħorn<br>• Tara jkunx hemm xi *motorcyclists* iserrpu bejn it-traffiku<br>• Tagħmel sinjal li se tnaqqas il-veloċita`<br>• Taqleb il-ger aktar baxx | ✓ Tara jkunx hemm xi *motorcyclists* iserrpu bejn it-traffiku |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. 6.50 MC | *Motorcyclist* korrut jinsab mitluf minn sensih fit-triq. Int għandek *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tneħħilu l-*crash helmet*<br>• Iġġiblu l-għajnuna medika<br>• Tneħħi 'l persuna mit-triq<br>• Tneħħilu l-ġakketta tal-ġild | ✓ Iġġiblu għajnuna medika |
| 1. 6.51 | Qed issuq f'belt. Hemm xarabank fuq *bus stop* in-naħa l-oħra tat-triq. Għalfejn għandek toqgħod attent? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Ix-xarabank jista' jkun li waqfet<br>• *Pedestrians* jistgħu jgħaddu minn wara x-xarabank<br>• Ix-xarabank tista' ssuq f'daqqa<br>• Ix-xarabank tista' tibqa' wieqfa | ✓ *Pedestrians* jistgħu jgħaddu minn wara x-xarabank |
| 1. 6.52 | Kif għandek taqla' sewwieqa taż-żwiemel? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Issuq ħdejhom u taqbiżhom kemm jista' jkun malajr<br>• Il-veloċita` mhix importanti iżda ħalli ħafna wisa'<br>• Iddoqq il-ħorn darba sabiex twissihom<br>• Issuq bil-mod u tħalli ħafna wisa' | ✓ Issuq bil-mod u tħalli ħafna wisa' |
| 1. 6.53 MC | Tinduna b'rikkieba biż-żwiemel quddiemek. X'għandek tagħmel L-EWWEL? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Toħroġ għan-nofs it-triq<br>• Tkun lest biex tnaqqas il-veloċita`<br>• Taċċellera u taqbiżhom<br>• Tagħmel sinjal li se ddur fuq il-lemin | ✓ Tkun lest biex tnaqqas il-veloċita` |
| 1. 6.54 | Qed issuq fi triq dejqa fil-kampanja. Fejn issibha l-aktar diffiċli biex tara sewwieqa taż-żwiemel quddiemek? *(Immarka tweġiba waħda)* | • F'liwjiet fuq ix-xellug<br>• Meta tkun nieżel<br>• Meta tkun tiela'<br>• F'liwjiet fuq il-lemin | ✓ F'liwjiet fuq ix-xellug |
| 1. 6.55 | Sewwieq ta' żiemel qiegħed fil-*lane* tax-xellug riesaq lejn *roundabout*. Is-sewwieq ta' warajh għandu jistennieh li: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Imur f'kull direzzjoni<br>• Idur fuq il-lemin<br>• Idur fuq ix-xellug<br>• Imur dritt 'il quddiem | ✓ Imur f'kull direzzjoni |
| 1. 6.56 | Riesaq lejn *roundabout*. Hemm iż-żwiemel quddiemek. Int għandek: *(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Tlesti biex twaqqaf<br>• Tqishom bħallikieku kienu vettura oħra<br>• Tagħtihom ħafna wisa'<br>• Taċċellera malajr kemm jista' jkun<br>• Iddoqq il-ħorn biex twissihom | ✓ Tlesti biex twaqqaf<br>✓ Tagħtihom ħafna wisa' |



| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** 6.57 | Tara xi sewwieqa taż-żwiemel hekk kif tersaq lejn *roundabout*. Se jduru mal-lemin imma qegħdin fuq ix-xellug. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tibqa' għaddej normali<br>• Iżżomm qribhom<br>• Tidħol quddiemhom<br>• Iżżomm ħafna lura | <br>✓ Iżżomm ħafna lura |
| **1.** 6.58 | Min jew x'jikkawża l-parti l-kbira ta' l-inċidenti fit-triq? *(Immarka tweġiba waħda)* | • It-temp<br>• Żball tas-sewwieq<br>• Kundizzjonijiet tat-triq<br>• Ħsara mekkanika | ✓ Żball tas-sewwieq |
| **1.** 6.59 | Taħbat meta tkun qed issuq. X'għandek tagħmel l-ewwel? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Twaqqaf biss jekk korra xi ħadd<br>• Issejjaħ is-servizzi ta' l-emerġenza<br>• Twaqqaf fejn sar l-inċident<br>• Issejjaħ il-kumpanija ta' l-assigurazzjoni | ✓ Twaqqaf fejn sar l-inċident |
| **1.** 6.60 MC | Liema grupp ta' etajiet l-aktar li jkun involut f'inċidenti tat-traffiku? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Minn 36 sa 45 sena<br>• Minn 55 sena 'l fuq<br>• Minn 46 sa 55 sena<br>• Minn 18 sa 25 | ✓ Mit-18 sal-25 sena |
| **1.** 6.61 | Qed issuq wara sewwieq li qed jitgħallem u li tiqaflu l-karozza fi skontru. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tieħu paċenzja għax tistenna li jagħmel xi żball<br>• Issuq qrib warajh u tteptiplu d-dawl<br>• Tibda tirrejżja l-magna jekk jieħu ħafna żmien biex jerġa' jistartja<br>• Taqbżu minnufih u tibqa' sejjer | ✓ Tieħu paċenzja għax tistenna li jagħmel xi żball |
| **1.** 6.62 | Ħabib irid jgħallmek issuq il-karozza. Dan għandu: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Ikollu 'l fuq minn 23 sena u jkollu liċenza sħiħa għal ta' l-anqas ħames snin<br>• Ikollu aktar minn 18-il sena u jkollu ċertifikat avvanzat ta' sewwieq<br>• Ikollu aktar minn 18-il sena u jkun assigurat *fully comprehensive*<br>• Ikollu aktar minn 21 sena u jkollu liċenza sħiħa għal ta' l-anqas tliet snin | ✓ Ikollu 'l fuq minn 23 sena u jkollu liċenza sħiħa għal ta' l-anqas ħames snin |
| **1.** 6.63 | Il-vettura tiegħek ittajjar *pedestrian* meta tkun issuq b'60 kph. Il-*pedestrian*: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Żgur imut<br>• Żgur jibqa' ħaj<br>• X'aktarx imut<br>• X'aktarx jibqa' ħaj | ✓ X'aktarx imut |
| **1.** 6.64 | Bil-lejl tgħammxek karrozza minn warajk. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Iddawwar il-mera tiegħek biex ma tgħammxekx<br>• Tissettja l-mera tiegħek biex tgħammex lis-sewwieq l-ieħor<br>• Twaqqaf f'daqqa<br>• Tixgħel u titfi d-dawl ta' wara | ✓ Iddawwar il-mera tiegħek biex ma tgħammxekx |

# Tipi oħra ta' vetturi

| Ref | Mistoqsija | Tweġibiet li tista' tagħti | Tweġiba/tweġibiet korretti |
|---|---|---|---|
| 1.<br>7.1 | It-triq imxarrba. Għaliex *motorcyclist* isuq madwar spralli f'liwja? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Biex jevita xi *puncture* fit-*tyre* max-xifer ta' l-isprall<br>• Biex jevita li l-mutur jiskiddja fuq l-ispralli<br>• Biex iqis il-liwja billi juża l-ispralli bħali punt li jimmarka minnhom<br>• Biex jevita li jxarrab il-*pedestrians* fuq il-bankini | ✓ Biex jevita li l-mutur jiskiddja fuq l-ispralli |
| 1.<br>7.2 | Għaddej ħafna riħ. Qiegħed wara *motorcyclist* li qed jaqla' vettura għolja. X'għandek tagħmel? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Taqbeż lill-*motorcyclist* minnufih<br>• Iżżomm ħafna lura<br>• Toqgħod ma' ġenb il-*motorcycle*<br>• Toqgħod qrib il-*motorcycle* | <br>✓ Iżżomm ħafna lura |
| 1.<br>7.3 | Għaddej ħafna riħ. Se taqla' *motorcyclist*. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Taqilgħu bil-mod<br>• Tħallilu ħafna spazju<br>• Iddoqq il-ħorn<br>• Toqgħod qribu hekk kif tgħaddi | ✓ Tħallilu ħafna spazju |
| 1.<br>7.4<br>MC | Qed tistenna biex toħroġ għax-xellug minn triq sekondarja. Vettura kbira riesqa mil-lemin. Għandek żmien iddur, imma int għandek tistenna. Għaliex? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Il-vettura l-kbira tista' faċilment tkun qed tgħatti vettura li tkun qed taqla'<br>• Il-vettura l-kbira tista' ddur f'daqqa<br>• Il-vettura l-kbira hija diffiċli biex tikkontrollaha għad-dritt<br>• Il-vettura l-kbira tista' faċilment taħbi vetturi mix-xellug | ✓ Il-vettura l-kbira tista' faċilment tkun qed tgħatti vettura li tkun qed taqla' |
| 1.<br>7.5 | Qed issuq wara vettura li qed tirmonka *trailer*. Se tikser fuq ix-xellug fi triq dejqa. X'għandek tagħmel? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Toħroġ u taqla' fuq in-naħa ta' barra<br>• Tgħaddi għal fuq ix-xellug hekk kif il-vettura tkun ħierġa<br>• Tkun lest biex twaqqaf warajha<br>• Taqbiżha qabel mal-vettura ddur | <br>✓ Tkun lest biex twaqqaf warajha |
| 1.<br>7.6<br>MC | Qed issuq wara vettura twila. Tersaq lejn salib it-toroq u tagħmel sinjal għax-xellug, iżda toħroġ fuq il-lemin. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tmur qribha biex taqbiżha malajr<br>• Iżżomm ħafna lura u tagħtiha l-wisa'<br>• Tassumi li s-sinjal huwa żbaljat u fil-fatt se ddur fuq il-lemin<br>• Taqbiżha qabel tibda tnaqqas il-veloċita` | <br>✓ Iżżomm ħafna lura u tagħtiha l-wisa' |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** 7.7 MC | Qed issuq wara vettura twila riesqa lejn salib it-toroq. Is-sewwieq jagħmel sinjal għal-lemin iżda jidħol qrib il-bankina tax-xellug. X'għandek tagħmel? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Twissi lis-sewwieq bis-sinjal żbaljat<br>• Tistenna wara l-vettura t-twila<br>• Tirrapporta s-sewwieq lill-pulizija<br>• Taqbżu fuq in-naħa tal-lemin | <br>✓ Tistenna wara l-vettura t-twila |
| **1.** 7.8 MC | Riesaq lejn *mini-roundabout*. Il-vettura t-twila quddiem qed tagħmel sinjal għax-xellug imma qiegħda f'pożizzjoni fuq il-lemin. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Iddoqq il-ħorn<br>• Taqla' fuq ix-xellug<br>• Tieħu l-istess rotta tal-vann<br>• Iżżomm sew lura | <br>✓ Iżżomm sew lura |
| **1.** 7.9 MC | Iżżomm ħafna lura meta tkun qed tistenna biex taqla' vettura kbira. Karozza oħra tidħol bejnietkom. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Iddoqq il-ħorn<br>• Iżżomm aktar lura<br>• Itteptep id-dawl<br>• Tibda taqla' | ✓ Iżżomm aktar lura |
| **1.** 7.10 MC | Qabel ma taqbeż vettura kbira int għandek iżżomm ħafna lura. Għaliex dan? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Biex tagħti spazju ħalli taċċellera biex taqla' malajr fil-kantunieri<br>• Biex tara sew x'ġej minn quddiem<br>• Biex iżżomm spazju fil-każ li tieqaf u treġġa' lura<br>• Biex tagħti lis-sewwieqa l-oħra spazju bla periklu jekk iridu jaqbżuk | ✓ Biex tara sew x'ġej minn quddiem |
| **1.** 7.11 MC | Triq taqbeż vettura twila għaddejja bil-mod fi triq traffikuża. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Issuq mill-qrib warajha u ibqa' suq fuq barra biex tara x'ġej minn quddiem<br>• Itteptep il-fanali l-kbar lit-traffiku li jkun ġej biex iwarrablek<br>• Tibqa' lura sakemm is-sewwieq jagħmillek sinjal biex taqilgħu<br>• Iżżomm ħafna lura sakemm tara li mhu ġej ħadd | ✓ Iżżomm ħafna lura sakemm tara li mhu ġej ħadd |
| **1.** 7.12 | Qiegħed issuq f'niżla. Hemm karrozza pparkjata fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Resqin lejk bil-mod trakkijiet kbar. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tibqa' għaddej għax id-dritta tiegħek<br>• Tnaqqas il-veloċita` u ċċedi<br>• Taċċellera u taqbiżha malajr<br>• Iġbed għal-lemin wara l-karrozza pparkjata | ✓ Tnaqqas il-veloċita` u ċċedi |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** 7.13 | Meta tkun wasalt biex taqbeż vettura twila int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Iddoqq il-ħorn biex turi lis-sewwieq li hemm int<br>• Iżżomm ħafna lura mill-vettura biex tkun tista' tara aħjar<br>• Issuq qrib il-vettura sabiex taqilgħu aktar malajr<br>• Itteptep id-dwal u stenna lis-sewwieq jagħmillek sinjal li m'hemmx periklu | ✓ Iżżomm ħafna lura mill-vettura biex tkun tista' tara aħjar |
| **1.** 7.14 | Għaliex meta taqbeż trakk huwa aktar perikoluż milli meta taqbeż karrozza? *(Immarka tweġiba waħda)* | • It-trakkijiet huma itwal mill-karrozzi<br>• It-trakkijiet jistgħu jwaqqfu f'daqqa<br>• Il-brejkijiet tat-trakkijiet ma tantx huma tajbin<br>• It-trakkijiet jitilgħu t-tlajja' aktar bil-mod | ✓ It-trakkijiet huma itwal mill-karrozzi |
| **1.** 7.15 MC | Qed issuq wara xarabank li waqqfet ħdejn *bus stop*. X'għandek tagħmel? *(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Taqbeż malajr lix-xarabank wara li ddoqq il-ħorn<br>• Toqgħod attent għall-*pedestrians*<br>• Tkun lest li ċċedi lix-xarabank<br>• Tagħfas wara x-xarabank | ✓ Toqgħod attent għall-*pedestrians*<br>✓ Kun lest li ċċedi lix-xarabank |
| **1.** 7.16 | Qed issuq f'inħawi mibnija. Quddiemek hemm xarabank ħdejn *bus stop*. Liema tnejn minn dawn għandek tagħmel? *(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Tlesti li tagħti d-dritta jekk ix-xarabank issuq f'daqqa<br>• Tkompli għaddej kif kont iżda doqq il-ħorn bħala twissija<br>• Toqgħod attent għall-*pedestrians* li jitfaċċaw f'daqqa<br>• Taqbeż lix-xarabank malajr kemm jista' jkun | ✓ Tlesti li tagħti d-dritta jekk ix-xarabank issuq f'daqqa<br>✓ Toqgħod attent għall-pedestrians li jitfaċċaw f'daqqa |
| **1.** 7.17 MC | Meta toqrob lejn xarabank li se ssuq mill-*bus stop* int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Taqbiżha qabel ma ssuq<br>• Tħalliha ssuq, jekk tista' tagħmel dan bla periklu<br>• Tixgħel id-dawl hekk kif tersaq lejha<br>• Tagħmel sinjal għal fuq ix-xellug u tagħmel sinjal b'idejk lix-xarabank | <br>✓ Tħalliha ssuq, jekk tista' tagħmel dan bla periklu |
| **1.** 7.18 | Liema minn dawn il-vetturi L-ANQAS li jiġu effettwati minn kontrokurrenti? *(Immarka tweġiba waħda)* | • *Cyclists*<br>• *Motorcyclists*<br>• Vetturi bil-ġnub għoljin<br>• Karrozzi | ✓ Karrozzi |
| **1.** 7.19 | Xi tfisser il-kelma *tailgating*? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Meta vettura li tikkonsenja l-merkanzija jkollha l-bieba ta' wara miftuħa<br>• Meta vettura tkun qed issuq bil-bibien ta' wara miftuħin<br>• Meta sewwieq ikun isuq wara vettura oħra mill-qrib ħafna<br>• Meta vetturi weqfin ikunu qrib xulxin wisq fi kju | ✓ Meta sewwieq ikun isuq wara vettura oħra mill-qrib ħafna |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1.<br>7.20<br>MC | Qed issuq wara trakk kbir fi triq imxarrba. Ir-raxx jagħmilhielek diffiċli biex tara. Int għandek:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Iżżomm lura sakemm tkun tista' tara aħjar<br>• Tixgħel id-dawl qawwi tal-fanali l-kbar<br>• Issuq qrib il-vann, 'il bogħod mir-raxx<br>• Taċċellera biex taqbeż malajr | <br>✓ Iżżomm lura sakemm tkun tista' tara aħjar |
| 1.<br>7.21 | Qed issuq f'karreġġjata doppja mimlija bir-raxx tal-wiċċ tat-triq. Int għandek:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Tixgħel id-dwal tal-*hazard*<br>• Tixgħel id-dwal baxxuti<br>• Tixgħel il-*fog lights* ta' wara<br>• Tixgħel is-*sidelights* | ✓ Ixgħel id-dwal baxxuti |

# Kontroll ta' vettura

| Ref | Mistoqsija | Tweġibiet li tista' tagħti | Tweġiba/tweġibiet korretti |
|---|---|---|---|
| 1.<br>8.1 | X'inhuma ż-ŻEWĠ raġunijiet prinċipali għaliex huwa ħażin li titlaqgħha *free* f'niżla?<br>*(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Il-konsum tal-*fuel* ikun ogħla<br>• Il-vettura taċċellera aktar<br>• It-*tyres* jittieklu aktar malajr<br>• Ikollok anqas kontroll fuq il-brejkijiet u l-istering<br>• Jagħmel ħsara lill-magna | ✓ Il-vettura taċċellera aktar<br>✓ Ikollok anqas kontroll fuq il-brejkijiet u l-istering |
| 1.<br>8.2 | Int għandek tevita li titlaq *free* l-vettura tiegħek għax dan jista':<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Jagħmillek il-ħsara fis-*suspension*<br>• It-*tyres* jittieklu aktar malajr<br>• Iwaqqa' l-batterija<br>• Inaqqas il-kontroll fuq l-istering | ✓ Inaqqas il-kontroll fuq l-istering |
| 1.<br>8.3 | Għaliex huwa ħażin li titlaq il-vettura *free*?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Il-karozza tista' tiskiddja<br>• Tista' tintfielek il-magna<br>• Il-magna taħdem aktar<br>• Ma jkollokx *engine braking* | ✓ Ma jkollokx *engine braking* |
| 1.<br>8.4 | It-telgħat jistgħu jolqtu l-mod kif qed taħdem il-vettura tiegħek. Liema TNEJN minn dawn jgħoddu meta titla' telgħat weqfin?<br>*(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Gerijiet għoljin jiġbdu aktar<br>• Tnaqqas il-veloċita` aktar malajr<br>• Ikun aħjar biex taqla'<br>• Il-magna tgħaddad aktar<br>• L-istering ikun aktar iebes | ✓ Tnaqqas il-veloċita` aktar malajr<br>✓ Il-magna tgħaqqad aktar |
| 1.<br>8.5 | Riesaq b'veloċita` lejn kisra. Int għandek tibda tagħfas il-brejk:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Fil-liwja<br>• Qabel l-liwja<br>• Wara li tibdel il-gerijiet<br>• Wara l-liwja | ✓ Qabel il-liwja |
| 1.<br>8.6 | Qed issuq wara vettura minn distanza twila fi triq imxarrba. Vettura oħra taqilgħek u tidħol fil-wisa' li tkun ħallejt. X'għandek tagħmel?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Tixgħelilhom id-dawl biex twissihom<br>• Tipprova taqla' bla periklu malajr kemm jista' jkun<br>• Iżżomm lura u terġa' ġġib id-distanza adattata<br>• Iżżomm qrib il-vettura l-oħra sakemm tibqa' sejra | ✓ Iżżomm lura u terġa' ġġib id-distanza adattata |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. 8.7 | Qed issuq fil-*lane* tax-xellug f'karreġġjata doppja. Vettura oħra taqbżek u tidħol quddiemek mingħajr ma tħallilek biż-żejjed wisa'. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tidħol fil-*lane* tal-lemin<br>• Tkompli sejjer kif kont<br>• Iżżomm lura<br>• Iddoqq il-ħorn | ✓ Iżżomm lura |
| 1. 8.8 MC | F'liema TLIETA minn dawn is-sitwazzjonijiet tkun tista' taqla' vettura oħra minn fuq ix-xellug? *(Immarka tliet tweġibiet)* | • Meta tkun fi triq *one-way*<br>• Meta tkun riesaq f'*motorway slip road* fejn tkun se ddur 'l hemm<br>• Meta l-vettura quddiemek tkun se tikser fuq il-lemin<br>• Meta vettura misjuqa bil-mod tkun għaddejja fuq il-*lane* tal-lemin f'karreġġjata b'doppja<br>• Fi kjuwijiet tat-traffiku miexi bil-mod meta t-traffiku fuq il-*lane* tal-lemin ikun miexi aktar bil-mod. | ✓ Meta tkun fi triq *one-way*<br>✓ Meta l-vettura quddiemek tkunse tikser il-lemin<br>✓ Fi kjuwijiet tat-traffiku miexi bil-mod meta t-traffiku fuq il-lane tal-lemin ikun miexi aktar bil-mod |
| 1. 8.9 | Liema TLIETA minn dawn ikollhom effett fuq id-distanza biex twaqqaf? *(Immarka tliet tweġibiet)* | • Il-veloċita` li tkun għaddej biha<br>• It-*tyres* tal-vettura tiegħek<br>• Il-ħin tal-jum<br>• It-temp<br>• Id-dawl fit-triq | ✓ Il-veloċita` li tkun għaddej biha<br>✓ It-*tyres* tal-vettura tiegħek<br>✓ It-temp |
| 1. 8.10 | Għaddej minn xita qliel. It-tul medju biex twaqqaf faċilment ikun: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Id-doppju<br>• In-nofs<br>• Sa għaxar darbiet aktar<br>• L-istess | ✓ Id-doppju |
| 1. 8.11 | *Motorcyclists* huma aktar fil-periklu minn oħrajn fit-triq għax huma *(Immarka tweġiba waħda)* | • Ikollhom anqas esperjenza minn sewwieqa oħra<br>• Iktar faċli li jieqfu minn vetturi oħra<br>• Aktar veloċi minn sewwieqa oħra<br>• Aktar diffiċli li tarahom minn sewwieqa oħra | ✓ Huma aktar diffiċli li tarahom minn sewwieqa |
| 1. 8.12 | Biex tiġi f'postok meta tiskiddja minn wara int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Ma ddawwar xejn l-istering<br>• Iddawwar l-istering kontra<br>• Iddawwar l-istering fl-istess direzzjoni<br>• Tiġbed il-*handbrake* | ✓ Iddawwar l-istering fl-istess direzzjoni |
| 1. 8.13 | Qed issuq f'xita qliel. Il-vettura tiegħek tibda bħal tiżżerżaq fuq wiċċ l-ilma. Dan jissejjaħ: *(Immarka tweġiba waħda)* | • *Hosing*<br>• *Weaving*<br>• *Aquaplaning* (Iżżiċċ fuq l-ilma)<br>• *Fading* | • *Aquaplaning* (Iżżiċċ fuq l-ilma)<br>✓ |
| 1. 8.14 | Ikollok issuq fiċ-ċpar. X'inhuma l-aktar ŻEWĠ ħwejjeġ importanti li għandek tagħmel qabel titlaq? *(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Timla sa fuq ir-*radiator* bl-*antifreeze*<br>• Tkun żgur li għandek il-*warning triangle* fil-vettura<br>• Tiċċekkja li d-dwal qed jaħdmu<br>• Tiċċekkja l-batterija<br>• Tkun żgur li t-twieqi huma ndaf | ✓ Tiċċekkja li d-dwal qed jaħdmu<br>✓ Tkun żgur li t-twieqi huma ndaf |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. 8.15 | Ikollok issuq fiċ-ċpar. Int għandek:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Iżżomm 'il bogħod mid-dwal ta' vetturi oħra<br>• Ma tużax id-*demisters* u *windscreen wipers*<br>• Tippjana li tieħu aktar żmien għal vjaġġ li se tagħmel<br>• Iżżomm żewġ sekondi 'l bogħod minn vetturi l-oħra | ✓ Tippjana li tieħu aktar żmien għall-vjaġġ li se tagħmel |
| 1. 8.16 | Il-*foglights* ta' quddiem jistgħu jintużaw BISS jekk:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Il-viżibilta` tkun ħażina ħafna<br>• Jitwaħħlu fuq il-*bumper*<br>• Ma jkunux qawwija daqs il-fanali l-kbar<br>• Jintuża ħoss ta' twissija mal-fanali l-kbar | ✓ Il-viżibilta` tkun ħażina ħafna |
| 1. 8.17 | Il-*fog lights* ta' quddiem jistgħu jintużaw BISS<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Jekk ma jkunux qawwija daqs il-fanali l-kbar<br>• Meta l-viżibilta` hija ħażina ħafna<br>• Bejn l-għabex u ż-żerniq<br>• Matul il-ħin li jinxtegħlu d-dwal biss | ✓ Meta l-viżibilta` tkun ħażina ħafna |
| 1. 8.18 | Il-*fog lights* ta' quddiem jistgħu jintużaw BISS jekk:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Il-fanali l-kbar tiegħek ma jixegħlux<br>• Qed jinxtegħlu mal-*fog lights* ta' wara<br>• Ikunu ħarġu mill-fabbrika<br>• Il-viżibilta` tkun ħażina ħafna | ✓ Il-viżibilta` tkun ħażina ħafna |
| 1. 8.19 | Il-*fog lights* ta' quddiem jistgħu jintużaw BISS jekk:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Ma jħallux il-fanali l-kbar ileqqu fuq it-triq imxarrba<br>• Trid taqla' 'l ħaddieħor fil-maltemp<br>• Il-viżibilita` tkun ħażina ħafna<br>• Ikun ħarġu mill-fabbrika | ✓ Il-viżibilta` tkun ħażina ħafna |
| 1. 8.20 | Il-*fog lights* ta' quddiem jistgħu jintużaw BISS jekk:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Tkun issuq fl-irxix<br>• Il-viżibilita` tkun ħażina ħafna<br>• Nieżla x-xemx<br>• Qed issuq wara nofs il-lejl | ✓ Il-viżibilita' tkun ħażina ħafna |
| 1. 8.21 | Jekk tuża l-*fog lights* ta' quddiem/ta' wara f'viżibilta` tajba:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Twaqqagħlek il-batterija<br>• Tgħammex lil sewwieqa oħra<br>• Ittejjeb il-viżibilta` tiegħek<br>• Tagħmlek aktar attent | ✓ Tgħammex lil sewwieqa oħra |
| 1. 8.22 | Qed issuq wara vetturi oħra fiċ-ċpar bid-dwal tiegħek mixgħulin. X'għandek tagħmel aktar biex tnaqqas ir-riskju li tkun involut f'inċident?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Issuq qrib il-vettura ta' quddiemek<br>• Tuża l-*bright* minflok id-dwal baxxuti<br>• Tibqa' ma' vetturi li għaddejjin b'veloċita` kbira<br>• Tnaqqas il-veloċita` u żżid id-distanza | ✓ Tnaqqas il-veloċita` u żżid id-distanza |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1.<br>8.23 | Għalfejn għandek tnaqqas il-veloċita` meta ssuq fiċ-ċpar?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Għax il-brejkijiet ma jorbtux sew<br>• Għax il-*fog lights* ta’ ħaddieħor jistgħu jgħammxuk<br>• Għax il-magna tkun aktar kiesħa<br>• Għax aktar diffiċli tara x’inhu ġej aktar ‘il quddiem | ✓ Għax aktar diffiċli x’inhu ġej aktar ‘il quddiem |
| 1.<br>8.24 | Qed issuq fiċ-ċpar. Għalfejn għandek iżżomm lura ħafna mill-vettura ta’ quddiemek?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Għax tista’ tibdel id-direzzjoni f’daqqa<br>• Fil-każ li l-*fog lights* tagħha jgħammxuk<br>• Fil-każ li tieqaf f’daqqa<br>• Fil-każ li d-dwal tal-brejkijiet jgħammxuk | <br>✓ Fil-każ li twaqqaf f’daqqa |
| 1.<br>8.25 | Meta tixgħel il-*foglights* fid-dawl tal-jum jew fil-mini:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Ikunu sewwa meta tkun qed tirmonka *trailer*<br>• Jagħti aktar protezzjoni<br>• Jgħammxu sewwieqa oħra<br>• Iġiegħlu lil sewwieqa warajk iżommu lura | ✓ Jgħammxu sewwieqa oħra |
| 1.<br>8.26 | Qed issuq f’lejl bnazzi bil-*fog lights* ta’ wara mixgħulin. Dawn jistgħu:<br>*(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Inaqqsu r-rifless minn wiċċ it-triq<br>• Jagħtu x’jaħsbu lil sewwieqa oħra li se twaqqaf<br>• Jgħinuk biex tara aħjar fit-triq<br>• Jgħammxu lis-sewwieqa ta’ warajk<br>• Jgħinu biex l-*indicators* jidhru aħjar | ✓ Jagħtu x’jaħsbu lil sewwieqa oħra li se twaqqaf<br>✓ Jgħammxu lis-sewwieqa ta’ warajk |
| 1.<br>8.27 | Għaliex huwa perikoluż li tħalli l-*fog lights* ta’ wara mixgħulin meta ma jkunux meħtieġa?<br>*(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Id-dwal tal-brejkijiet huma anqas ċari<br>• Tista’ tgħammex lis-sewwieqa ta’ warajk<br>• Is-sistemi ta’ l-elettriku jistgħu jkunu mgħobbija ż-żejjed<br>• L-*indicators* tad-direzzjoni jistgħu ma jaħdmux sew<br>• Jistgħu jwaqqgħulek il-batterija | ✓ Id-dwal tal-brejkijiet huma anqas ċari<br>✓ Tista’ tgħammex lis-sewwieqa ta’ warajk |
| 1.<br>8.28 | Qed issuq f’ħafna ċpar bil-*fog lights* mixgħulin. Meta l-viżibilta` titjieb int GĦANDEK:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Iżżomm l-istess veloċita`<br>• Tħallihom mixgħulin<br>• Iżżid il-veloċita`<br>• Titfihom | ✓ Titfihom |
| 1.<br>8.29 | Il-*fog lights* ta’ quddiem/ ta’ wara GĦANDHOM IKUNU:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Ikkonnettjati ma’ sinjal li jwissi bil-ħoss<br>• Użati biss barra minn inħawi mibnija<br>• Mitfija meta jkun ċpar bil-lejl<br>• Mitfija jekk il-viżibilta` ma tkunx ħażina ħafna | ✓ Mitfija jekk il-viżibilta` ma tkunx ħażina ħafna |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** 8.30 | Liema tnejn minn dawn huma tajbin? Meta tkun qed taqla' bil-lejl int għandek: *(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Tistenna li tasal f'liwja u tkun tista' tara d-dwal tat-traffiku li ġej<br>• Iddoqq il-ħorn darbtejn qabel ma taqla'<br>• Toqgħod attent għax ma tantx tista' tara<br>• Toqgħod attent mil-liwjiet li riesaq lejhom<br>• Tixgħel il-*bright* | ✓ Toqgħod attent bil-lejl tara anqas<br>✓ Toqgħod attent mil-liwjiet li riesaq lejhom |
| **1.** 8.31 | Qed taqla' karozza bil-lejl. Għandek tkun żgur li *(Immarka tweġiba waħda)* | • Itteptep il-fanali l-kbar qabel ma taqla'<br>• Tixgħel il-*fog lights* ta' wara<br>• Tixgħel il-*bright* qabel ma taqla'<br>• Ma tgħammixx lil ħaddieħor fit-triq | ✓ Ma tgħammixx lil ħaddieħor fit-triq |
| **1.** 8.32 | Bil-lejl jgħammxuk id-dwal f'għajnejk. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tniżżel il-*visor* tax-xemx<br>• Tnaqqas il-veloċita` jew twaqqaf<br>• Tixgħel il-*bright*<br>• Tgħatti għajnejk b'idejk | ✓ Tnaqqas il-veloċita` jew twaqqaf |
| **1.** 8.33 | Bil-lejl meta tkun issuq, jgħammxuk id-dwal f'għajnejk. X'għandek tagħmel? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tnaqqas il-veloċita` jew twaqqaf<br>• Tibbrejkja f'daqqa<br>• Taċċellera quddiem il-karrozza li riesqa<br>• Itteptep id-dwal | ✓ Tnaqqas il-veloċita` jew twaqqaf |
| **1.** 8.34 | Għaddej minn triq dejqa bil-lejl. Vettura ssuq bil-mod quddiemek ilha għal xi ħin fuq il-lemin. X'għandek tagħmel? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Taqla' fuq ix-xellug<br>• Itteptep id-dwal qabel ma taqla'<br>• Tagħmel sinjal għal fuq il-lemin u ddoqq il-ħorn<br>• Tistenna għas-sinjal li jitħassar qabel ma taqla' | ✓ Tistenna għas-sinjal li jitħassar qabel ma taqla' |
| **1.** 8.35 | Liema TNEJN minn dawn huma tajbin? Il-postijiet minn fejn jistgħu jgħaddu tnejn minn area *single-track* qegħdin: *(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Biex tistrieħ mis-sewqan<br>• Biex tidħol fihom jekk vettura li riesqa trid tkompli tibqa' għaddejja<br>• Biex tieqaf u tiċċekkja triqtek<br>• Biex iddawwar fiha, jekk tkun intlift<br>• Biex tidħol fiha jekk il-karrozza ta' warajk trid taqilgħek | ✓ Biex tidħol fihom jekk vettura li riesqa trid tkompli tibqa' għaddejja<br>✓ Biex tidħol fiha jekk il-karrozza ta' warajk trid taqilgħek |
| **1.** 8.36 | Tara vettura riesqa lejk fi triq *single-track*. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tirriversja lura għat-triq prinċipali<br>• Tagħmel waqfa ta' emerġenza<br>• Twaqqaf f'post fejn tistgħu tgħaddu<br>• Tixgħel id-dwal tal-*hazard* | ✓ Twaqqaf f'post fejn tistgħu tgħaddu |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** 8.37 | Liema waħda minn dawn it-tabelli tista' tara ma' dan is-sinjal tat-toroq? *(Immarka tweġiba waħda)*  | Humps 50m<br>Hump Bridge<br>Low Bridge<br>Soft Verge | ✓ Humps 50m |
| **1.** 8.38 | Liema minn dawn juri li tkun qed tikkontrolla bla periklu l-vettura tiegħek? | • B'id waħda fuq l-istering u l-oħra fuq il-*gear lever* kważi l-ħin kollu biex tħaffef biex taqleb il-gerijiet.<br>• Biż-żewġ idejn fuq l-istering il-ħin kollu, u tneħħi id biss minn fuqu meta tkun se taqleb il-ger jew tixgħel xi *switch* ta' xi kontroll meħtieġ.<br>• B'id waħda fuq l-istering u l-oħra tużaha għall-*mobile phone*<br>• B'id waħda fuq l-istering u l-oħra mdenedla mit-tieqa għal frisk u biex tidher kunfidenti jew ixxejjer lill-ħbieb. | ✓ Iż-żewġ idejn fuq l-istering il-ħin kollu, u tneħħi id biss minn fuqu meta tkun se taqleb il-ger jew tixgħel xi *switch* ta' xi kontroll meħtieġ. |

# Regolament tal-karreġġjata doppja

| Ref | Mistoqsija | Tweġibiet li tista' tagħti | Tweġiba/tweġibiet korretti |
|---|---|---|---|
| **1.** 9.1 | Minnufih wara li tidħol f'karreġġjata doppja int għandek normalment: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tipprova taqla'<br>• Tirranġa l-mirja<br>• Issuq il-vettura tiegħek fil-*lane* tan-nofs<br>• Tibqa' fil-*lane* tax-xellug | ✓ Tibqa' fil-*lane* tax-xellug |
| **1.** 9.2 | Meta tidħol f'karreġġjata doppja int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tmur fil-*hard shoulder*<br>• Twaqqaf kif tispiċċa taċċellera<br>• Twaqqaf qabel ma tingħaqad ma' karreġġjata doppja<br>• Tagħti d-dritta lit-traffiku li diġa` qiegħed fil-karreġġjata doppja | ✓ Tagħti d-dritta lit-traffiku li diġa` qiegħed fil-karreġġjata doppja |
| **1.** 9.3 | Regola bażika għal meta ssuq f'karreġġjata doppja hija li: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tuża l-*lane* l-anqas li għandu traffiku<br>• Tibqa' fil-*lane* tax-xellug kemm-il darba m'intix se taqla'<br>• Taqla' fuq in-naħa l-anqas li jkollha traffiku<br>• Tipprova żżomm veloċita` ta' 50kph biex tevita konġestjoni | ✓ Tibqa' fil-*lane* tax-xellug kemm-il darba m'intix se taqla' |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.**<br>9.4 | Qed issuq f'karreġġjata doppja. Il-karrozza ta' quddiemek tixgħel id-dwal tal-*hazard* għal ftit tal-ħin. Dan jurik li:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Is-sewwieq iridek taqla'<br>• Il-karrozza l-oħra se tibdel il-karreġġjata<br>• It-traffiku li riesaq qed inaqqas jew se jieqaf f'daqqa<br>• Hemm spezzjoni dwar il-veloċita` mill-pulizija aktar 'il quddiem | ✓ It-traffiku li riesaq qed inaqqas jew se jieqaf f'daqqa |
| **1.**<br>9.5 | Qed issuq f'karreġġjata doppja. Ikollok tnaqqas ħafna l-veloċita` minnufih minħabba *hazard*. Int għandek:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Tixgħel id-dwal tal-*hazard*<br>• Tixgħel il-fanali l-kbar<br>• Iddoqq il-ħorn<br>• Itteptep id-dwal | ✓ Tixgħel id-dwal tal-*hazard* |
| **1.**<br>9.6 | Liema vetturi normalment ikunu mgħammra b'bozoz jixgħelu kulur ambra fuq is-saqaf?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Vettura ta' tabib<br>• Tim tal-*bomb disposal*<br>• Tim tat-trasfużjoni tad-demm<br>• Vetturi li jirmunkaw karrozzi li jieqfu<br>• Għassa tax-xatt<br>• Vetturi ta' manutenzjoni | ✓ Vetturi li jirmunkaw karrozzi li jieqfu |
| **1.**<br>9.7 | Għalfejn għandek tuża l-*hard shoulder* ta' karreġġjata b'ħafna lanes?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Biex tieqaf f'emerġenza<br>• Biex titlaq mill-karreġġjata doppja<br>• Biex tieqaf meta tkun għajjien<br>• Meta tkun dieħel mal-karreġġjata doppja | <br>✓ Biex tieqaf f'emerġenza |
| **1.**<br>9.8 | Wara li tkun waqfitlek il-karrozza tkun trid terġa' tidħol mill-*hard shoulder* f'karreġġjata b'ħafna *lanes*. Int għandek:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Toħroġ fil-karreġġjata u wara taċċellera<br>• Toħroġ fil-karreġġjata billi tixgħel id-dwal tal-*hazard*<br>• Ittella' l-veloċita` fuq ġewwa qabel ma toħroġ fuq il-karreġġjata<br>• Tistenna fil-*hard shoulder* sakemm xi ħadd iteptiplek id-dawl | ✓ Ittella' l-veloċita` fuq ġewwa qabel ma toħroġ fuq il-karreġġjata |
| **1.**<br>9.9 | L-anqas distanza ta' ħin li għandek iżżomm bejnek u l-vettura ta' quddiemek f'kundizzjonijiet tajbin ta' l-anqas għandha tkun ta':<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Erba' sekondi<br>• Sekonda<br>• Tliet sekondi<br>• Żewġ sekondi | ✓ Żewġ sekondi<br> |
| **1.**<br>9.10 | Fi ħsiebek toħroġ mill-karreġġjata b'ħafna *lanes* mill-ħarġa li jmiss. Qabel ma tasal għandek normalment toqgħod:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Fil-*lane* tan-nofs<br>• Fil-*lane* tax-xellug<br>• Fil-*hard shoulder*<br>• F'kull *lane* | ✓ Fil-*lane* tax-xellug |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. 9.11 | Qed issuq f'karreġġjata b'ħafna *lanes*. Bi żball, tibqa' għaddej flok toħroġ minn fejn ridt qabel. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Toqgħod attent u tirriversja fil-*hard shoulder*<br>• Tibqa' sejjer għall-ħruġ li jmiss<br>• Tirriversja b'attenzjoni fil-*lane* ta' fuq ix-xellug<br>• Tagħmel U-turn fl-ewwel wesgħa tar-*reservation* tan-nofs | <br>✓ Tibqa' sejjer għall-ħruġ li jmiss |

# Regolamenti stradali

| Ref | Mistoqsija | Tweġibiet li tista' tagħti | Tweġiba/tweġibiet korretti |
|---|---|---|---|
| 1. 10.1 | Tista' ssuq f'mogħdijiet pedonali: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Biex taqbeż it-traffiku li għaddej bil-mod<br>• Meta l-bankina hija wiesgħa ħafna<br>• Jekk ma jkunx hemm *pedestrians* fil-qrib<br>• Biex tidħol legalment fi proprjeta` | ✓ Biex tidħol legalment fi proprjeta` |
| 1. 10.2 MC | X'ifisser dan is-sinjal? *(Immarka tweġiba waħda)*<br> | • Japplika l-limitu lokali ta' veloċita`<br>• Ma tistax tistenna fuq il-karreġġjata<br>• Japplika l-limitu tal-veloċita` nazzjonali<br>• Ma jistax jidħol traffiku ta' vetturi | ✓ Japplika l-limitu tal-veloċita` nazzjonali |
| 1. 10.3 MC | X'inhu l-limitu nazzjonali tal-veloċita`, kemm-il darba ma jkunx indikat mod ieħor, għall-karrozzi u *motorcycles*? *(Immarka tweġiba waħda)* | • 50 kph<br>• 60kph<br>• 80kph<br>• 100kph | ✓ 80kph |
| 1. 10.4 MC | X'inhu l-limitu nazzjonali tal-veloċita`, kemm-il darba ma jkunx indikat mod ieħor, fuq karreġġjati doppji, għall-karrozzi u *motorcycles*? *(Immarka tweġiba waħda)* | • 100kph<br>• 70kph<br>• 80kph<br>• 50kph | ✓ 80kph |
| 1. 10.5 | Tara das-sinjal quddiemek. Ifisser: *(Immarka tweġiba waħda)*<br><br> | • Ibda naqqas sa' 30 kph wara li tgħaddi minn quddiemu<br>• Ħiereġ miż-żona ta' limitu ta' veloċita` ta' 30kph<br>• Taqbiżx it-30kph wara li tgħaddiha<br>• Riesaq għal-limitu ta' veloċita` minima ta' 30kph | ✓ Taqbeżx it-30kph wara li tgħaddiha |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** 10.6 | X'ifisser sinjal bħal dan għal-limitu ta' veloċita`? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tista' ssuq bla periklu bil-veloċita` murija<br>• Il-veloċita` murija hija l-aħjar massimu<br>• Il-veloċita` murija tippermetti għal diversi kondizzjonijiet tat-triq u temp<br>• M'għandekx taqbeż il-veloċita` murija | ✓ M'għandekx taqbeż il-veloċita` murija |




| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** 10.7 MC | Qed issuq fi triq bil-karrozzi pparkjati fuq in-naħa tax-xellug. Għal liema TLIET raġunijiet għandek issuq b'veloċita` baxxa? *(Immarka tliet tweġibiet)* | • Biex it-traffiku li ġej ikun jista' jarak aħjar<br>• Jistgħu jibdew idoqqu l-alarms tal-karrozzi<br>• Jistgħu jkunu ħerġin xi vetturi<br>• Jistgħu jinfetħu l-bibien tas-sewwieqa<br>• Jistgħu joħorġulek xi tfal minn bejn il-vetturi | ✓ Jistgħu jkunu ħerġin xi vetturi<br>✓ Jistgħu jinfetħu l-bibien tas-sewwieqa<br>✓ Jistgħu joħorġulek xi tfal minn bejn il-vetturi |
| **1.** 10.8 MC | Tiltaqa' ma' xkiel fuq in-naħa tiegħek tat-triq. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tibqa' għaddej: għandek id-dritta<br>• Tagħti d-dritta lit-traffiku li ġej<br>• Tagħmel sinjal b'idejk lill-vetturi li ġejjin li jistgħu jgħaddu<br>• Taċċellera biex tgħaddi l-ewwel | ✓ Tagħti d-dritta lit-traffiku li ġej |



| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** 10.9 | Hemm *tractor* quddiemek. Triq taqilgħu iżda M'INTIX żgur li tista' tagħmel dan bla periklu. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Issuq wara vettura li tkun qabżitu<br>• Iddoqq il-ħorn lill-vettura li għaddejja bil-mod biex twarrab<br>• Taċċellera waqt li tteptep id-dawl għat-traffiku li jkun ġej<br>• Taqlax jekk int fid-dubju | ✓ Taqlax jekk int fid-dubju |
| **1.** 10.10 | Liema tlieta minn dawn jistgħu faċilment jieħdu rotta mhux tas-soltu fir-*roundabouts*? *(Immarka tliet tweġibiet)* | • Sewwieqa biż-żwiemel<br>• Vannijiet tal-ħobż<br>• Vannijiet li jikkonsenjaw oġġetti<br>• Vetturi twal<br>• Karozzi *estate*<br>• *Cyclists* | ✓ Sewwieqa biż-żwiemel<br>✓ Vetturi twal<br>✓ *Cyclists* |
| **1.** 10.11 | Qed tħalli l-vettura tiegħek ipparkjata fit-triq. Meta tista' tħalli l-vettura startjata? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Jekk se tipparkja għal anqas minn ħames minuti<br>• Jekk waqgħitlek il-batterija<br>• Meta tkun f'żona ta' 20mph<br>• Fl-ebda okkażjoni | ✓ Fl-ebda okkażjoni |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1.<br>10.12<br>MC | F'liema ERBA' postijiet M'GĦANDEKX tipparkja jew tistenna?<br>*(Immarka erba' tweġibiet)* | • F'karreġġjata doppja<br>• F'*bus stop*<br>• Fejn jaqleb f'għolja<br>• Biswit *traffic island*<br>• Quddiem *drive-way*/garaxx ta' xi ħadd<br>• Fuq nett ta' telgħa | ✓ F'*bus stop*<br>✓ Biswit *traffic island*<br>✓ Quddiem *drive-way*/garaxx ta' xi ħadd<br>✓ Fuq nett ta' telgħa |
| 1.<br>10.13<br>MC | Kemm tista' tipparkja l-karrozza tiegħek qrib it-tarf ta' skontru?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • 5 metri (16-il)<br>• 10 metri (32 pied)<br>• 12-il metru (39 pied)<br>• 15-il metru (49 pied) | ✓ 5 metri (16-il pied) |
| 1.<br>10.14 | Qed issibha diffiċli biex tipparkja f'belt. Tista' tara li hemm wisa' fil-linji żig żag quddiem iż-*zebra crossing*. Tista' tipparkja hemm?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Le, jekk ma tibqax mal-karrozza<br>• Iva, sabiex tniżżel passiġġier<br>• Iva, jekk ma tostakolax lin-nies milli jaqsmu<br>• Le, fl-ebda ċirkustanza | ✓ Le, fl-ebda ċirkustanza |
| 1.<br>10.15<br>MC | F'liema ŻEWĠ postijiet M'GĦANDEKX tipparkja?<br>*(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Ħdejn dħul ta' skola<br>• Ħdejn għassa tal-pulizija<br>• Fi skontru<br>• F'*bus stop*<br>• Fi triq *one-way* | ✓ Ħdejn dħul ta' skola<br>✓ F'*bus stop* |
| 1.<br>10.16<br>MC | X'ifisser dan is-sinjal?<br>*(Immarka tweġiba waħda)*<br> | • Ma tistax tidħol<br>• Restrizzjonijiet fuq li tieqaf tistenna<br>• Limitu nazzjonali tal-veloċita`<br>• *Crossing patrol* ta' l-iskola | ✓ Restrizzjonijiet fuq li tieqaf tistenna |
| 1.<br>10.17<br>MC | Qed tfittex x'imkien fejn tipparkja. L-area hija mimlija MINBARRA żewġ postijiet immarkati '*disabled use*'. Tista':<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Toqgħod f'dan l-ispazju meta kullimkien mimli<br>• Tipparkja jekk toqgħod mal-karozza tiegħek<br>• Tuża dawn l-ispazji, b'diżabilita'jew le<br>• Ma tipparkjax jekk mhux bil-permess | ✓ Ma tipparkjax jekk mhux bil-permess |
| 1.<br>10.18 | Qed issuq bil-lejl bil-*bright*. Vettura qed taqilgħek. Int għandek tbaxxi d-dwal tiegħek<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Xi ħin wara li l-vetturi jkunu qabżuk<br>• Qabel ma l-vetturi jibdew jgħadduk<br>• Jekk is-sewwieq l-ieħor biss ibaxxi tiegħu<br>• Hekk kif il-vettura tgħaddik | ✓ Hekk kif il-vettura tgħaddik |
| 1.<br>10.19 | Qed issuq f'karreġġjata b'żewġ *lanes*. Għal liema ŻEWĠ raġunijiet għandek tuża l-*lane* tal-lemin?<br>*(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Biex tikser fuq il-lemin<br>• Meta ssuq normali<br>• Meta ssuq bl-anqas veloċita` li tista'<br>• Meta ssuq b'mod kostanti b'veloċita` għolja<br>• Meta taqla' traffiku għaddej aktar bil-mod<br>• Meta tibdel xi *puncture* | ✓ Biex tikser fuq il-lemin<br>✓ Meta taqla' traffiku għaddej aktar bil-mod |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. 10.20 | Dieħel f'area ta' xogħlijiet tat-toroq. Hemm limitu temporanju tal-veloċita`. Int ikollok. *(Immarka tweġiba waħda)* | • Ma taqbiżx il-limitu ta' veloċita`<br>• Tobdi l-limitu ta' veloċita` biss matul ir-*rush hour*<br>• Tobdi l-limitu ta' veloċita` meta jaqbel<br>• Tobdi matul il-jum minbarra bil-lejl | ✓ Ma taqbiżx il-limitu ta' veloċita` |
| 1. 10.21 | Riesaq fi skontru traffikuż. Hemm diversi *lanes* bil-marki tat-toroq. Fl-aħħar mument tinduna li qiegħed fil-*lane* żbaljat. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tkompli f'dak il-*lane*<br>• Taqsam għan-naħa l-oħra<br>• Twaqqaf sakemm l-area titbattal<br>• Tuża sinjali ċari b'idejk biex taqsam | ✓ Tkompli f'dak il-*lane* |
| 1. 10.22 | Minn fejn tista' taqla' fi triq *one-way*? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Mix-xellug biss<br>• Mhux permess taqla'<br>• Mil-lemin biss<br>• Jew mil-lemin jew mix-xellug | ✓ Jew mil-lemin jew mix-xellug |
| 1. 10.23 | Għaddej minn triq b'*lane* wieħed b'postijiet minn fejn tista' tgħaddi minn fuq il-lemin. Is-sewwieq ta' warajk irid jaqilgħek. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Taċċellera biex lis-ssewwieq ta' warajk tħallih lura<br>• Tixgħel id-dwal tal-*hazard*<br>• Tistenna biswit post li jista' jgħaddi fuq il-lemin tiegħek<br>• Issuq f'post li jista' jgħaddi fuq il-lemin tiegħek | ✓ Tistenna biswit post li jista' jgħaddi fuq il-lemin tiegħek |
| 1. 10.24 | Qiegħed fi triq wiesgħa biss għal vettura waħda. Riesqa vettura lejk. Liema TNEJN minn dawn huma korretti? *(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Tidħol f'post minn fejn jista' jgħaddi fuq il-lemin tiegħek<br>• Iġġiegħel lis-sewwieq l-ieħor jirriversja<br>• Issuq f'post li jgħaddu minnu jekk il-vetturi tiegħek hija usa'<br>• Issuq f'post li jgħaddu minnu fuq ix-xellug tiegħek<br>• Tistenna biswit post li jgħaddu minnu fuq il-lemin tiegħek<br>• Tistenna quddiem post li jgħaddu minnu fuq ix-xellug | ✓ Issuq f'post li jgħaddu minnu fuq ix-xellug tiegħek<br>✓ Tistenna biswit post li jgħaddu minnu fuq il-lemin tiegħek |
| 1. 10.25 | Is-soltu s-sinjali għad-direzzjoni jagħtuhom bl-*indicators* u: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Bid-dwal tal-brejkijiet<br>• Bid-dwal tal-ġenb<br>• Bil-*fog lights*<br>• Bid-dwal ta' ġewwa | ✓ Bid-dwal tal-brejkijiet |
| 1. 10.26 MC | Meta tkun se tibqa' sejjer dritt ma' *roundabout* għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Turi lejn ix-xellug qabel ma titlaq ir-*roundabout*<br>• Ma turi xejn 'il fejn sejjer<br>• Turi lejn il-lemin meta tkun riesaq ir-*roundabout*<br>• Turi lejn ix-xellug meta tkun riesaq lejn ir-*roundabout* | ✓ Turi lejn ix-xellug qabel ma titlaq ir-*roundabout* |
| 1. 10.27 | Liema vettura jista' jkollha tieħu rotta differenti mis-soltu fir-*roundabouts*? *(Immarka tweġiba waħda)* | • *Sports car*<br>• Vann<br>• Karozza *estate*<br>• Vettura twila | ✓ Vettura twila |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** 10.28 | Se tibqa' għaddej dritt f'*roundabout*. Kif għandek tagħmel is-sinjal? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tagħmel sinjal għal-lemin meta tkun riesaq u wara għax-xellug biex toħroġ mir-*roundabout*<br>• Tagħmel sinjal fuq ix-xellug hekk kif toħroġ mir-*roundabout*<br>• Tagħmel sinjal fuq ix-xellug kif tkun riesaq għar-*roundabout* u tibqa' bis-sinjal mixgħul sa ma titlaq<br>• Tagħmel sinjal fuq ix-xellug eżatt wara li toħroġ qabel in-naħa li trid tieħu | ✓ Tagħmel sinjal fuq ix-xellug eżatt wara li toħroġ qabel in-naħa li trid tieħu |
| **1.** 10.29 | F'salib it-toroq m'hemmx sinjali jew marki tat-toroq. Jersqu żewġ vetturi. Min għandu d-dritta? *(Immarka tweġiba waħda)* | • L-ebda waħda minnhom<br>• Dik veloċi l-aktar<br>• Il-vettura fl-iktar triq wiesgħa<br>• Vetturi li resqin mil-lemin | ✓ L-ebda waħda minnhom |
| **1.** 10.30 MC | Min għandu d-dritta f'salib it-toroq mingħajr sinjali? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Is-sewwieq ta' l-akbar vettura<br>• Ħadd<br>• Min qed isuq l-aktar<br>• Is-sewwieq fl-iktar triq wisgħa | <br>✓ Ħadd |
| **1.** 10.31 | Fi ħsiebek iddur fuq il-lemin fi skontru. Is-sewwieq li ġej ukoll irid idur fuq il-lemin. Is-soltu anqas ikun hemm periklu jekk: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Iżżomm il-vettura l-oħra fuq il-LEMIN u ddur minn warah (mil-lemin għal-lemin)<br>• Iżżomm il-vettura l-oħra fuq ix-XELLUG u ddur minn warajh<br>• (mix-xellug għax-xellug)<br>• Ibqa' għaddej u minflok ikser ma' l-ewwel skontru<br>• Iżżomm lura u stenna lis-sewwieq l-ieħor biex idur qablek | ✓ Iżżomm il-vettura l-oħra fuq il-LEMIN u ddur minn warah (mil-lemin għal-lemin) |
| **1.** 10.32 | Il-karreġġjata doppja li se tidħol fiha għandha *central reserve* dejqa. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tibqa' sejjer sas-central reserve u tistenna<br>• Tistenna sakemm it-triq titbattal miż-żewġ direzzjonijiet<br>• Tieqaf fl-ewwel karreġġjata sabiex il-vetturi l-oħra jċedulek<br>• Toħroġ bil-mod biex turi x'fi ħsiebek tagħmel | ✓ Tistenna sakemm it-triq titbattal miż-żewġ direzzjonijiet |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.**<br>10.33 | Waqt li qed issuq, tkun trid iddur fuq ix-xellug fi triq sekondarja. Meta tkun se ddur int għandek:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Iżżomm fuq ix-xellug tan-nofs tat-triq<br>• Iżżomm għan-nofs it-triq<br>• Teħodha f'dawra wiesgħa eżatt qabel ma tikser<br>• Iżżomm sew fuq ix-xellug tat-triq | ✓ Iżżomm sew fuq ix-xellug tat-triq |
| **1.**<br>10.34 | Tista' tidħol fil-gradilja biss meta:<br>*(Immarka tweġiba waħda)*<br> | • Hemm anqas minn żewġ vetturi quddiemek<br>• It-*traffic light* juri l-aħdar<br>• It-triq li toħroġ minnha mhux għaddejjin karrozzi<br>• Tkun teħtieġ iddur fuq ix-xellug | ✓ It-triq li toħroġ minnha mhux għaddejjin karrozzi |
| **1.**<br>10.35 | Xi ħadd qed jistenna biex jaqsam miż-*zebra crossing*. Qegħdin jistennew fuq il-bankina. Int għandek normalment:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Tgħaddi malajr qabel ma jmiddu saqajhom biex jaqsmu<br>• Twaqqaf qabel ma tmiss il-linji żigżag u ħallihom jaqsmu<br>• Twaqqaf, ħallihom jaqsmu, stenna bil-paċenzja<br>• Tinjorahom qabel hekk kif għadhom fuq il-bankina | ✓ Twaqqaf, ħallihom jaqsmu, stenna bil-paċenzja |
| **1.**<br>10.36 | Għaddej minn triq prinċipali traffikuża u ssib li għaddej fid-direzzjoni żbaljata. X'għandek tagħmel?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Iddur fi skontru fit-triq fuq il-lemin u tirriversja fit-triq prinċipali<br>• Tagħmel *U-turn* fit-triq prinċipali<br>• Tagħmel dawra *three point* fit-triq prinċipali<br>• Iddawwar fi skontru | ✓ Iddawwar fi skontru |
| **1.**<br>10.37 | Tista' tneħħi s-*seat belt* għal ftit meta tkun se timmanuvra biex:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Tirriversja<br>• Tibda t-telgħa<br>• F'waqfa f'emerġenza<br>• Issuq bil-mod | ✓ Tirriversja |
| **1.**<br>10.38 | M'għandekx tirriversja:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Għal aktar milli hemm bżonn<br>• Għal aktar minn tul ta' karrozza<br>• Fi skontru<br>• Fi nħawi mibnija | ✓ Għal aktar milli hemm bżonn |
| **1.**<br>10.39 | Int ipparkjat fi triq prinċipali traffikuża. X'inhu l-aħjar mod bla periklu li ddawwar il-vettura tiegħek biex tmur fit-triq opposta?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Issib skontru bla traffiku biex tikser madwarha<br>• Issuq fi skontru u tirriversja fit-triq prinċipali<br>• Issib lil xi ħadd biex iwaqqaflek it-traffiku<br>• Tagħmel *U-turn* | ✓ Issib skontru bla traffiku biex tikser madwarha |
| **1.**<br>10.40 | Meta M'INTIX żgur li m'hemmx periklu biex tirriversja int għandek:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Iddoq il-ħorn<br>• Tirrejżja l-magna<br>• Toħroġ u tiċċekkja<br>• Tirriversja bil-mod | ✓ Toħroġ u tiċċekkja |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1.<br>10.41 | Qed tirriversja l-vettura tiegħek fi triq sekondarja. Meta jkun l-akbar periklu għat-traffiku li jkun għaddej?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Wara li tkun lestejt il-manuvra<br>• Eżatt qabel ma fil-fatt tibda l-manuvra<br>• Wara li tkun dħalt fl-iskontru<br>• Meta l-quddiem tal-vettura tiegħek jisporġi 'l barra | <br>✓ Meta l-quddiem tal-vettura tiegħek jisporġi 'l barra |
| 1.<br>10.42 | Għaliex huwa importanti li ma sserripx minn *lane* għall-ieħor (*Lane-Discipline)*? | • Biex ħadd ma jista' jaqbżek jekk ikunu għaddejjin b'veloċita` għolja.<br>• Biex inti tkun dejjem fil-*lane* it-tajjeb fi triq b'ħafna *lanes*.<br>• Biex int tkun fuq in-naħa t-tajba tat-triq qabel u wara li tikser fuq il-lemin jew ix-xellug fi skontri u meta tkun riesaq lejn *roundabouts.*<br>• Li tibqa' fil-*lane* li tkun għażilt sakemm qed issuq skond il-limitu ta' veloċita`. | ✓ Biex int tkun dejjem fil-*lane* it-tajjeb fi triq b'ħafna *lanes.*<br>✓ Biex int tkun fuq in-naħa t-tajba tat-triq qabel u wara li tikser fuq il-lemin jew ix-xellug fi skontri u meta tkun riesaq lejn ir-*roundabo*uts. |
| 1.<br>10.43 | Liema dwal għandek tixgħel u għaliex meta tgħaddi minn mina? | • Il-*bright* biex tara sew fejn int sejjer.<br>• Dawl baxxut biex jgħinek tara sew kif ukoll tintlemaħ sew mill-oħrajn.<br>• Id-dwal tal-*hazard* biex ħadd ma jsuq qribek.<br>• M'għandekx bżonn dawl għax il-mini għandhom id-dawl tagħhom. | ✓ Dawl baxxut biex jgħinek tara sew kif ukoll tintlemaħ sew mill-oħrajn. |
| 1.<br>10.44 | Meta tista' taqla' f'mina? | • Tgħaddi mil-*lane* ta' barra jekk il-vettura ta' quddiemek fil-*lane* ta' ġewwa għaddejja bil-mod.<br>• Tgħaddi mil-*lane* ta' ġewwa jekk il-vettura ta' quddiemek fil-*lane* ta' barra għaddejja bil-mod.<br>• Meta biss tkun waqfet xi vettura jew xi periklu wieqaf ikun jostakola l-*lane* li qed issuq fiha, wara li tkun iċċekkjajt u għamilt is-sinjali kif suppost.<br>• Qatt f'ċirkustanzi normali għax huwa pprojbit li taqla' f'mina. | ✓ Meta biss tkun waqfet xi vettura jew xi periklu wieqaf ikun jostakola l-*lane* li qed issuq fiha, wara li tkun iċċekkjajt u għamilt is-sinjali kif suppost.<br>✓ Qatt f'ċirkustanzi normali għax huwa pprojbit li taqla' f'mina. |
| 1.<br>10.45 | X'inhuma l-limiti nazzjonali tal-veloċita` għall-karozzi u muturi f'inħawi mibnija u bnadi oħra? | • 45kph u 100kph<br>• 50kph u 80kph<br>• 30kph u 60kph<br>• 40kph u 70kph | ✓ 50kph u 80kph |

# Sinjali tat-triq u tat-traffiku

| Ref | Mistoqsija | Tweġibiet li tista' tagħti | Tweġiba/tweġibiet korretti |
|---|---|---|---|
| **1.**<br>11.1 | IKOLLOK tobdi sinjali li jagħtu l-ordnijiet. Dawn is-sinjali jkunu ħafna drabi:<br>*(Immarka tweġiba waħda)* | • Rettangoli ħodor<br>• Trijangoli ħomor<br>• Rettangoli koħol<br>• Ċrieki ħomor | ✓ Ċrieki ħomor |
| **1.**<br>11.2<br>MC | Sinjali tat-traffiku li jagħtu l-ordnijiet huma ġeneralment f'sura ta''?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* |     | ✓  |
| **1.**<br>11.3<br>MC | Liema tip ta' sinjal JIPPROJBILEK biex MA TAGĦMILX xi ħaġa?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* |     | ✓  |
| **1.**<br>11.4<br>MC | X'ifisser dan is-sinjal?<br>*(Immarka tweġiba waħda)*<br> | • Il-limitu ta' l-ogħla veloċita` bit-traffiku jikkalma<br>• L-anqas limitu ta' veloċita' meta traffiku jkun qed jikkalma<br>• Area għal parking ta' 20 karrozza biss<br>• 20 karrozza biss jitħallew f'daqqa | ✓ Il-limitu ta' l-ogħla veloċita' bit-traffiku jikkalma |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** 11.5 MC | Liema sinjal ifisser li ma jistgħux jidħlu vetturi? *(Immarka tweġiba waħda)* |     | ✓  |
| **1.** 11.6 | Liema minn dawn is-sinjali jfisser li ma jistgħux jgħaddu vetturi bil-mutur? *(Immarka tweġiba waħda)* |     | ✓  |
| **1.** 11.7 MC | X'ifisser dan is-sinjal? *(Immarka tweġiba waħda)*   | • Limitu ġdid ta' veloċita` ta' 20 kph<br>• Ma jistgħux jidħlu vetturi 'l fuq minn 30 tunnellata<br>• L-anqas limitu tal-veloċita` minima ta' 30kph<br>• Tispiċċa ż-żona ta' 30kph | ✓ Tispiċċa ż-żona ta' 30kph |
| **1.** 11.8 | X'ifisser dan is-sinjal? *(Immarka tweġiba waħda)*  | • Ma tistax taqla'<br>• Ma jistgħux jidħlu vetturi bil-mutur<br>• *Clearway* (ma tistax twaqqaf)<br>• Karozzi u *motorcycles* biss | ✓ Ma jistgħux jidħlu vetturi bil-mutur |
| **1.** 11.9 MC | X'ifisser dan is-sinjal? *(Immarka tweġiba waħda)*  | • Ma tistax tipparkja<br>• M'hawnx sinjali tat-toroq<br>• Triq ma tinfidx<br>• Ma tistax tidħol | ✓ Ma tistax tidħol |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** 11.10 MC | X'ifisser dan is-sinjal? *(Immarka tweġiba waħda)*  | • Ikser fuq il-lemin<br>• It-triq fuq il-lemin magħluqa<br>• Ma jistax jgħaddi traffiku mil-lemin<br>• Ma tistax tikser fuq il-lemin | ✓ Ma tistax tikser fuq il-lemin |
| **1.** 11.11 | Liema sinjali jfissru li ma jistgħux jgħaddu vetturi? *(Immarka tweġiba waħda)* |      | ✓ |
| **1.** 11.12 MC | X'ifisser dan is-sinjal? *(Immarka tweġiba waħda)*  | • Għandek id-dritta<br>• Ma jistgħux jgħaddu vetturi bil-mutur<br>• Traffiku *two-way*<br>• Ma tistax taqla' | ✓ Ma tistax taqla' |
| **1.** 11.13 | X'ifisser dan is-sinjal? *(Immarka tweġiba waħda)*  | • Suq f'*lane* wieħed<br>• Agħti d-dritta lit-traffiku li ġej lejk<br>• Ma tistax taqla'<br>• Ifforma żewġ *lanes* | ✓ Ma tistax taqla' |
| **1.** 11.14 | X'ifisser dan is-sinjal? *(Immarka tweġiba waħda)*  | • Jgħoddu r-restrizzjonijiet biex tistenna<br>• Tista' tistenna<br>• Jgħodd il-limitu nazzjonali ta' veloċita`<br>• *Clearway* (Ma tistax tieqaf) | ✓ Jgħoddu r-restrizzjonijiet biex tistenna |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** 11.15 MC | Liema sinjal ifisser 'Ma tistax tieqaf'? *(Inmarka tweġiba waħda)* |     | ✓  |
| **1.** 11.16 MC | X'ifisser dan is-sinjal? *(Inmarka tweġiba waħda)*  | • *Roundabout*<br>• Salib it-toroq<br>• Ma tistax tieqaf<br>• Ma tistax tidħol | ✓ Ma tistax tieqaf |
| **1.** 11.17 | Riesaq lejn dan is-sinjal. Ifisser: *(Inmarka tweġiba waħda)*  | • Jgħodd il-limitu nazzjonali ta' veloċita`<br>• Jgħoddu r-restrizzjonijiet biex tistenna<br>• Ma tistax tieqaf<br>• Ma tistax tidħol | ✓ Ma tistax tieqaf |
| **1.** 11.18 MC | X'ifisser dan is-sinjal tat-traffiku? *(Inmarka tweġiba waħda)*  | • Ma tistax taqla'<br>• Agħti d-dritta lit-traffiku li ġej lejk<br>• Traffiku *two-way*<br>• Traffiku *one-way* biss | ✓ Agħti d-dritta lit-traffiku li ġej lejk |
| **1.** 11.19 MC | X'ifisser dan is-sinjal tat-traffiku? *(Inmarka tweġiba waħda)*  | • Tispiċċa t-triq *two-way*<br>• Agħti d-dritta lit-traffiku li ġej lejk<br>• Għandek id-dritta fuq it-traffiku li ġej lejk<br>• Riesaq lejn *bus lane* | ✓ Għandek id-dritta fuq it-traffiku li ġej lejk |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.**<br>11.20<br>MC | Liema sinjal ifisser 'It-traffiku għandu d-dritta fuq vetturi li ġejjin'?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* |  <br>  | ✓  |
| **1.**<br>11.21<br>MC | X'IKOLLOK tagħmel meta tara dan is-sinjal?<br>*(Immarka tweġiba waħda)*<br><br> | • Twaqqaf BISS jekk riesaq traffiku<br>• Twaqqaf UKOLL jekk mhux riesaq traffiku<br>• Twaqqaf jekk hemm it-tfal biex jaqsmu BISS<br>• Twaqqaf jekk id-dawl qiegħed fuq l-aħmar BISS | ✓ Twaqqaf UKOLL jekk mhux riesaq traffiku |
| **1.**<br>11.22 | X'ifisser dan is-sinjal?<br>*(Immarka tweġiba waħda)*<br> | • Ma tistax taqla'<br>• Dieħel fi triq *one-way*<br>• Riesq lejn triq *two-way*<br>• Għandek id-dritta fuq vetturi mid-direzzjoni opposta | ✓ Għandek id-dritta fuq vetturi mid-direzzjoni opposta |
| **1.**<br>11.23<br>MC | X'forma għandu sinjal ta' STOP fi skontru?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* |  <br>  | ✓  |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.**<br>11.24<br>MC | X’forma tintuża għal sinjal biex tagħti d-dritta - GIVE WAY?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* |  | ✓ |
| **1.**<br>11.25 | F’*mini-roundabout* int għandek:<br>*(Immarka tweġiba waħda)*<br> | • Tagħti d-dritta lit-traffiku li ġej mil-lemin<br>• Tagħti d-dritta lit-traffiku li ġej mix-xellug<br>• Tagħti d-dritta lit-traffiku li ġej mit-triq l-oħra<br>• Twaqqaf, ukoll meta mhu ġej ħadd | ✓ Tagħti d-dritta lit-traffiku li ġej mil-lemin |
| **1.**<br>11.26<br>MC | X’ifisser dan is-sinjal?<br>*(Immarka tweġiba waħda)*<br> | • Tagħti d-dritta lit-traffiku li ġej lejk<br>• It-traffiku li ġej jgħaddi miż-żewġ naħat tiegħek<br>• Ikser fl-ewwel skontru li ssib<br>• Tista’ tgħaddi minn naħa jew oħra biex tasal fl-istess post | ✓ Tista’ tgħaddi minn naħa jew oħra biex tasal fl-istess post |
| **1.**<br>11.27<br>MC | X’jagħmel sinjal tat-traffiku tond bi sfond blu?<br>*(Immarka tweġiba waħda)*<br> | • Iwissi li riesaq lejn *motorway*<br>• Juri d-direzzjonijiet għall-*car park*<br>• Jagħti informazzjoni għall-*motorway*<br>• Jagħti ordni | ✓ Jagħti ordni |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** 11.28 MC | Liema minn dawn is-sinjali jfisser li dieħel fi triq *one-way*? *(Immarka tweġiba waħda)* |   |   ✓  |
| **1.** 11.29 | X'juri dan is-sinjal bi sfond kannella? *(Immarka tweġiba waħda)*  | • Direzzjonijiet għat-turisti<br>• Toroq primarji<br>• Rotot ta' *motorways*<br>• Rotot ordinarji | ✓ Direzzjonijiet għat-turisti |
| **1.** 11.30 MC | Għalxiex qegħdin sinjali trijangulari? *(Immarka tweġiba waħda)*  | • Biex iwissu<br>• Biex jagħtu informazzjoni<br>• Biex jagħtu ordni<br>• Biex jagħtu d-direzzjonijiet | ✓ Biex iwissu |
| **1.** 11.31 | X'ifisser dan is-sinjal? *(Immarka tweġiba waħda)*  | • Riesaq biex iddur fuq ix-xellug<br>• *T-junction*<br>• Triq ma tinfidx<br>• Agħti d-dritta | ✓ *T-junction* |
| **1.** 11.32 MC | X'ifisser dan is-sinjal? *(Immarka tweġiba waħda)*  | • Salib it-toroq<br>• *Crossing* livell bil-grada<br>• *Crossing* livell mingħajr grada<br>• Suq 'il quddiem biss | ✓ Salib it-toroq |
| **1.** 11.33 MC | X'ifisser dan is-sinjal? *(Immarka tweġiba waħda)*  | • Triq periferali<br>• *Mini-roundabout*<br>• Ma jistgħux jidħlu vetturi<br>• *Roundabout* | ✓ *Roundabout* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.**<br>11.34<br>MC | Liema ERBA' minn dawn ikunu indikati b'sinjal tat-toroq trijangulari?<br>*(Immarka erba' tweġibiet)*<br> | • It-triq tidjieq<br>• Suq 'il quddiem biss<br>• Pont baxx<br>• L-anqas veloċita`<br>• Tfal qed jaqsmu<br>• *T-junction* | ✓ It-triq tidjieq<br>✓ Pont baxx<br>✓ Tfal qed jaqsmu<br>✓ *T-junction* |
| **1.**<br>11.35 | Liema sinjal ifisser li l-*pedestrians* jistgħu jkunu mexjin flimkien fit-triq?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* |  <br>  | ✓  |
| **1.**<br>11.36<br>MC | Liema minn dawn is-sinjali jwissik li riesaq lejn *pedestrian crossing*?<br>*(Immarka tweġiba waħda)* |  <br>  | ✓  |
| **1.**<br>11.37<br>MC | X'ifisser dan is-sinjal?<br>*(Immarka tweġiba waħda)*<br> | • M'hemmx mogħdija 'l quddiem<br>• *Pedestrians* biss 'il quddiem<br>• Riesaq lejn *pedestrian crossing*<br>• Riesaq lejn *crossing* ta' skola | ✓ Riesaq lejn *pedestrian crossing* |
| **1.**<br>11.38 | X'ifisser dan is-sinjal?<br>*(Immarka tweġiba waħda)*<br> | • *Crossing patrol* ta' skola<br>• Ma jistgħux jgħaddu *pedestrians*<br>• Żona pedonali – ma jistgħux jgħaddu vetturi<br>• Riesaq lejn *pedestrian crossing* | ✓ Riesaq lejn *pedestrian crossing* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** 11.39 MC | Liema minn dawn is-sinjali jfisser li riesaq lejn liwja doppja? *(Immarka tweġiba waħda)* |     | ✓  |
| **1.** 11.40 MC | X'ifisser dan is-sinjal? *(Immarka tweġiba waħda)*  | • Pont fuq ħnejja<br>• *Humps* fit-triq<br>• Dieħel f'mina<br>• Truf ma jinħassux | ✓ *Humps* fit-triq |
| **1.** 11.41 | X'ifisser dan is-sinjal? *(Immarka tweġiba waħda)*  | • Riesaq lejn pont baxx<br>• Riesaq lejn mina<br>• Riesaq lejn monument tal-qedem<br>• Riesaq lejn *black spot* fejn jistgħu jsiru inċidenti | ✓ Riesaq lejn mina |
| **1.** 11.42 | Liema minn dawn is-sinjali jfisser it-tmiem ta' karreġġjata doppja? *(Immarka tweġiba waħda)* |     | ✓  |
| **1.** 11.43 | X'ifisser dan is-sinjal? *(Immarka tweġiba waħda)*  | • Tispiċċa l-karreġġjata doppja<br>• Pont twil<br>• It-triq tidjieq<br>• Jispiċċa l-pont dejjaq | ✓ Tispiċċa l-karreġġjata doppja |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.**<br>11.44<br>MC | X'ifisser dan is-sinjal?<br>*(Immarka tweġiba waħda)*<br> | • Riesaq lejn traffiku two-way wara li taqsam triq *one-way*<br>• It-traffiku li riesaq lejk għandu d-dritta<br>• Wasalt fi traffiku *two-way*<br>• Riesaq lejn *motorway contra flow* | ✓ Wasalt fi traffiku *two-way* |
| **1.**<br>11.45<br>MC | X'ifisser dan is-sinjal?<br>*(Immarka tweġiba waħda)*<br> | • Riesaq lejn triq tiżloq<br>• Riesaq lejn area fejn tista' tieħu *puncture*<br>• Riesaq lejn il-periklu<br>• Riesaq lejn *service area* | ✓ Riesaq lejn il-periklu |
| **1.**<br>11.46 | Tkun se taqla' l-aħħar meta tara das-sinjal. Int għandek:<br>*(Immarka tweġiba waħda)*<br> | • Taqla' lis-sewwieq l-ieħor malajr kemm tista'<br>• Tmur fuq il-lemin biex tara aħjar<br>• Tixgħel id-dwal qabel ma taqla'<br>• Iżżomm lura sakemm tista' tara sew 'il quddiem | ✓ Iżżomm lura sakemm tista' tara sew 'il quddiem |
| **1.**<br>11.47 | X'ifisser dan is-sinjal?<br>*(Immarka tweġiba waħda)*<br> | • *Camber* kuntrarju<br>• Niżla wieqfa<br>• Triq bl-istroffi<br>• Telgħa wieqfa | ✓ Niżla wieqfa |
| **1.**<br>11.48 | X'ifisser dan is-sinjal?<br>*(Immarka tweġiba waħda)*<br> | • Moll jew xatt ix-xmara<br>• Niżla wieqfa<br>• Triq tiżloq<br>• Triq tista' tfur bl-ilma | ✓ Moll jew xatt ix-xmara |
| **1.**<br>11.49 | X'ifisser dan is-sinjal?<br>*(Immarka tweġiba waħda)*<br> | • Dur fuq ix-xellug għall-*parking area*<br>• Triq li ma tinfidx fuq ix-xellug<br>• Ma jidħolx traffiku li jdur fuq ix-xellug<br>• Dur fuq ix-xellug għal *ferry terminal* | ✓ Triq li ma tinfidx fuq ix-xellug |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** 11.50 MC | X'ifisser dan is-sinjal? *(Immarka tweġiba waħda)*  | • *T-junction*<br>• Triq li ma tinfidx<br>• Riesaq lejn kaxxa tat-telefon<br>• Riesaq lejn latrina | ✓ Triq li ma tinfidx |
| **1.** 11.51 MC | Liema sinjal ifisser 'Triq li ma tinfidx'? *(Immarka tweġiba waħda)* |     | ✓  |
| **1.** 11.52 | Liema minn dawn is-sinjali jgħarrfek li riesaq lejn triq li ma tinfidx? *(Immarka tweġiba waħda)* |     | ✓  |
| **1.** 11.53 MC | X'ifisser dan is-sinjal? *(Immarka tweġiba waħda)*  | • Il-*lane* li ġej tal-lemin huwa dejjaq<br>• Il-*lane* fuq il-lemin għall-karrozzi tal-linja biss<br>• *Lane* fuq il-lemin biex tikser fuq il-lemin<br>• Il-*lane* fuq il-lemin magħluq | ✓ Il-*lane* fuq il-lemin magħluq |
| **1.** 11.54 MC | Riesaq lejn dan it-*traffic light.* Fuq hix se jaqleb? *(Immarka tweġiba waħda)*  | • L-aħmar waħdu<br>• L-aħmar u l-ambra flimkien<br>• L-aħdar u l-ambra flimkien<br>• L-aħdar waħdu | ✓ L-aħmar waħdu |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** 11.55 MC | Riesaq lejn dan it-*traffic light* fuq l-aħmar. Id-dawl jeqleb mill-aħmar għal:<br>*(Immarka tweġiba waħda)*<br> | • L-aħmar u l-ambra, imbagħad l-aħdar<br>• L-aħdar, imbagħad l-ambra<br>• L-ambra, imbagħad l-aħdar<br>• L-aħdar u l-ambra, wara l-aħdar | ✓ L-aħmar u l-ambra, imbagħad l-aħdar |
| **1.** 11.56 MC | *Traffic light* li jfisser:<br>*(Immarka tweġiba waħda)*<br> | • Int għandek tieqaf jekk mhux se tikser fuq ix-xellug<br>• Waqqaf, tista' tibbrejkja bla periklu<br>• Għandek tieqaf u tistenna wara l-i*stop line*<br>• Ibqa'għaddej b'attenzjoni | ✓ Għandek tieqaf u tistenna wara l-i*stop line* |
| **1.** 11.57 MC | Fit-*traffic lights*, ambra waħdu jfisser:<br>*(Immarka tweġiba waħda)*<br> | • Lesti biex titlaq<br>• Suq jekk m'hemm ħadd<br>• Suq jekk ma hemmx *pedestrians* jaqsmu<br>• Waqqaf fuq l-i*stop line* | ✓ Waqqaf fuq l-i*stop line* |
| **1.** 11.58 MC | *Traffic light* aħmar ifisser:<br>*(Immarka tweġiba waħda)*<br> | • Għandek twaqqaf fuq l-i*stop line* l-abjad<br>• Tista' tibqa' għaddej jekk m'hemmx traffiku ieħor<br>• Tista'ddur fuq ix-xellug jekk m'hemmx periklu<br>• Għandek tnaqqas u lesti biex twaqqaf jekk it-traffiku jkun beda jaqsam | ✓ Għandek twaqqaf fuq l-i*stop line* l-abjad |
| **1.** 11.59 MC | Riesaq lejn *traffic lights* li juri l-aħmar u l-ambra. Dan ifisser:<br>*(Immarka tweġiba waħda)*<br> | • Ibqa' għaddej mil-*lights* jekk m'hemmx traffiku<br>• Id-dwal bil-ħsara "Oqgħod attent''<br>• Stenna biex jixgħel l-aħdar qabel ma taqsam id-dwal<br>• Id-dwal waslu biex jaqilbu fuq l-aħmar | ✓ Stenna biex jixgħel l-aħdar qabel ma taqsam id-dwal |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** 11.60 MC | Qiegħed post fejn jiltaqgħu xi toroq ikkontrollat bit- *traffic lights*. Meta MA TISTAX issuq anke jekk ikun fuq l-aħdar? *(Immarka tweġiba waħda)*  | • Meta l-*pedestrians* qed jistennew biex jaqsmu<br>• Meta l-ħruġ mill-*junction* huwa bblukkat<br>• Meta taħseb li d-dwal setgħu waslu biex jaqilbu<br>• Meta jkun bi ħsiebek tikser fuq il-lemin | ✓ Meta l-ħruġ mill-*junction* huwa bblukkat |
| **1.** 11.61 MC | X'ifissru dawn il-linji żigżag quddiem *pedestrian crossings*? *(Immarka tweġiba waħda)*  | • Fl-ebda ħin ma tista' tipparkja hemm<br>• Tista' tipparkja biss għal ftit tal-ħin<br>• Naqqas għal 20kph<br>• Ma tistax iddoqq ħornijiet | ✓ Fl-ebda ħin ma tista' tipparkja hemm |
| **1.** 11.62 MC | Dan is-sinjal ikun fit-triq eżatt quddiem *(Immarka tweġiba waħda)*  | • Sinjal li ma tistax tidħol<br>• Sinjal biex tagħti d-dritta<br>• Sinjal biex tieqaf<br>• Sinjal li t-triq ma tinfidx | ✓ Sinjal biex tagħti d-dritta |
| **1.** 11.63 MC | Tara dan is-sinjal fit-triq hekk kif tidħol f'*roundabout*. X'ifisser? *(Immarka tweġiba waħda)*  | • Agħti d-dritta lit-traffiku mil-lemin<br>• It-traffiku mix-xellug għandu d-dritta<br>• Għandek id-dritta<br>• Waqqaf mal-linja | ✓ Agħti d-dritta lit-traffiku mil-lemin |
| **1.** 11.64 MC | Is-sewwieq tal-karrozza quddiemek qed jagħti dan is-sinjal. X'ifisser? *(Immarka tweġiba waħda)*  | • Is-sewwieq qed inaqqas mill-veloċita`<br>• Is-sewwieq bi ħsiebu jdur fuq il-lemin<br>• Is-sewwieq irid jaqla'<br>• Is-sewwieq bi ħsiebu jdur fuq ix-xellug | ✓ Is-sewwieq bi ħsiebu jdur fuq ix-xellug |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** 11.65 | Is-sewwieq ta' din il-karrozza qed jagħmel sinjal b'idejh. X'se jagħmel? *(Immarka tweġiba waħda)*  | • Se jdur fuq il-lemin<br>• Se jdur fuq ix-xellug<br>• Se jibqa' sejjer dritt<br>• Se jħalli lill-*pedestrians* jaqsmu | ✓ Se jdur fuq ix-xellug |
| **1.** 11.66 | Se ddur fuq il-lemin f'ħafna traffiku. Kif għandek tikkonferma dak li trid tagħmel? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Iddoqq il-ħorn<br>• Tagħmel ukoll sinjal b'idejk<br>• Itteptep id-dawl<br>• Issuq lejn is-sinjal tan-nofs u ftit fil-ġenb | ✓ Tagħmel ukoll sinjal b'idejk |
| **1.** 11.67 | Trid tikser fuq il-lemin fejn jiltaqgħu xi toroq iżda taħseb li l-indicators ma jistgħux jarawhom sew. X'għandek tagħmel? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Toħroġ mill-karozza u tara jekk l-*indicators* jidhrux<br>• Tibqa' fil-*lane* tax-xellug<br>• Tagħfas fuq il-lemin<br>• Tagħmel sinjal b'idejk kif ukoll bl-*indicator* | ✓ Tagħmel sinjal b'idejk kif ukoll bl-*indicator* |
| **1.** 11.68 MC | Meta tista' ddoqq il-ħorn tal-vettura tiegħek? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Meta trid li tingħata d-dritta<br>• Meta trid li tiġbed l-attenzjoni ta' ħabib<br>• Meta trid twissi 'l ħaddieħor bil-preżenza tiegħek<br>• Meta trid li s-sewwieqa għaddejjin bil-mod iwarrbulek | ✓ Meta trid twissi 'l ħaddieħor bil-preżenza tiegħek |
| **1.** 11.69 MC | Għaliex għandek tkun żgur li tfejt l-*indicators* wara li ksirt? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Biex tevita li twaqqa' l-batterija<br>• Biex tevita li tisvija lil ħaddieħor li qed juża t-triq<br>• Biex tevita li tgħammex lil ħaddieħor li qed juża t-triq<br>• Biex tevita li tagħmel il-ħsara lis-sistema ta' l-*indicator* | ✓ Biex tevita li tisvija lil ħaddieħor li qed juża t-triq |
| **1.** 11.70 | Qed tistenna f'*T-junction*. Ġejja vettura mil-lemin bis-sinjal jixgħel għal fuq ix-xellug. X'għandek tagħmel? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Toħroġ u taċċellera f'daqqa<br>• Tistenna sakemm il-vettura tibda diehla<br>• Toħroġ qabel il-vettura tilħaq il-*junction*<br>• Toħroġ bil-mod |  ✓ Tistenna sakemm il-vettura tibda dieħla |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1.<br>11.71 | Liema minn dawn is-sinjali jfisser li qed jgħodd il-limitu nazzjonali tal-veloċita`? *(Inmarka tweġiba waħda)* |  <br>  | ✓  |
| 1.<br>11.72 | Liema minn dawn jiddeskrivu dawn il-marki tat-toroq?<br> | • Riserva fin-nofs li tista' tintuża minn vetturi li jkunu qed jaqilgħu jekk ma jkunx ġej traffiku min-naħa opposta.<br>• Linji tat-traffiku ta' twissija fi strixxi diviżorji miżbugħa li jistgħu jintużaw biex jaqilgħu minnhom jekk ma jkunx ġej traffiku min-naħa opposta.<br>• Strixxi magħluqa f'linji bojod kontinwi maħsuba biex jifirdu żewġ karreġġjati tat-traffiku, liema linji l-vetturi m'għandhomx jaqsmuhom jew jidħlu fihom għajr f'emerġenza jew meta jkunu ordnati mill-pulizija. | ✓ Strixxi magħluqa f'linji bojod kontinwi maħsuba biex jifirdu żewġ karreġġjati tat-traffiku, liema linji l-vetturi m'għandhomx jaqsmuhom jew jidħlu fihom għajr f'emerġenza jew meta jkunu ordnati mill-pulizija. |
| 1.<br>11.73<br>MC | X'inhi l-ogħla veloċita` f'inħawi mibnija jekk ma jkunx indikat mod ieħor? *(Inmarka tweġiba waħda)* | • 30 kph<br>• 40kph<br>• 50kph<br>• 60kph | ✓ 50kph |
| 1.<br>11.74 | X'ifissru dawn is-sinjali?<br> | • Periferija f'nofs ta' karreġġjata doppja li tista' taqbiżha biss meta taqla'.<br>• Żewġ sinjali bojod ħdejn xulxin ma jaqtgħu xejn (Linja tan-nofs) li l-vetturi m'għandhomx isuqu fuqhom, jaqsmuhom jew isuqu bihom għan-nofs tal-vettura, għajr biex jidħlu fi skontru, kemm-il darba ma jkunux ipprojbiti li jagħmlu dan bis-sinjali apposta.<br>• Linji fit-triq biex jimmarkaw biss il-*lanes* u jiggwidaw l-andament tat-traffiku, li m'għandhom l-ebda tifsira legali jew ta' sigurta`.<br>• Ma tistax twaqqaf jew tipparkja. | ✓ Żewġ linji bojod ħdejn xulxin ma jaqtgħu xejn (Linja tan-nofs) li l-vetturi m'għandhomx isuqu fuqhom, jaqsmuhom jew isuqu bihom għan-nofs tal-vettura, għajr biex jidħlu fi skontru, kemm-il darba ma jkunux ipprojbiti li jagħmlu dan bis-sinjali apposta. |

# Dokumenti

| Ref | Mistoqsija | Tweġibiet li tista' tagħti | Tweġiba/tweġibiet korretti |
|---|---|---|---|
| 1. 12.1 | Biex tissorvelja sewwieq li qed jitgħallem int trid: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Ikollok liċenza sħiħa għal ta' l-anqas 5 snin<br>• Ikollok ta' l-anqas 23 sena<br>• Ikollok ċertifikat ta' għalliem tas-sewqan approvat<br>• Ikollu ċertifikat avvanzat tas-sewqan | ✓ Ikollu liċenza sħiħa għal ta' l-anqas 5 snin |
| 1. 12.2 | Għal liema TNEJN minn dawn għandek turi ċ-ċertifikat tiegħek ta' l-assigurazzjoni tal-vettura tiegħek? *(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Meta tkun qed tagħmel it-test tas-sewqan<br>• Meta tkun qed tixtri jew tbiegħ vettura<br>• Meta pulizija jitolbok turihielu<br>• Meta tkun se tħallas il-liċenza tal-vettura tiegħek<br>• Meta jkollok it-test tal-VRT | ✓ Meta pulizija jitolbok turihielu<br>✓ Meta tkun se tħallas il-liċenza tal-vettura tiegħek |
| 1. 12.3 | Qabel ma ssuq vettura ta' ħaddieħor int għandek tkun żgur li: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Sid il-vettura jkun kopert b'polza ta' assigurazzjoni ta' terzi persuni<br>• Il-vettura tiegħek tkun koperta b'polza ta' assigurazzjoni<br>• Il-vettura hija assigurata biex tista' ssuqha int<br>• Is-sid il-vettura jkollu fiha d-dokumenti ta' l-assigurazzjoni | ✓ Il-vettura hija assigurata biex tista' ssuqha int |
| 1. 12.4 MC | X'inhi l-anqas polza ta' assigurazzjoni legali li għandu jkollok biex tista' ssuq f'toroq pubbliċi? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Terzi persuni, ħruq u serq (*Third party fire and theft)*<br>• *Fully comprehensive*<br>• Terzi persuni (*Third party*) biss<br>• Polza li tkopri korrimenti personali | ✓ Terzi persuni (*Third party*) biss |
| 1. 12.5 | Il-karrozza tiegħek hija assigurata għal terzi persuni.  Xi tkopri din? *(Immarka tliet tweġibiet)* | • Jekk tagħmel ħsara lill-karozza tiegħek stess<br>• Jekk tagħmel ħsara bin-nar lill-karozza tiegħek<br>• Jekk tkorri lill-persuna oħra<br>• Jekk tagħmel ħsara fuq proprjeta` ta' ħaddieħor<br>• Jekk tagħmel ħsara fuq vetturi oħra<br>• Jekk tkorri int stess | ✓ Jekk tkorri lill-persuna oħra<br>✓ Jekk tagħmel ħsara fuq proprjeta` ta' ħaddieħor<br>✓ Jekk tagħmel ħsara fuq vetturi oħra |
| 1. 12.6 | Ċertifikat tal-VRT normalment jibqa' validu għal: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Sentejn wara d-data li joħroġ<br>• 10,000 mil<br>• Sena wara d-data li jinħareġ<br>• 30,000 mil | ✓ Sentejn wara d-data li joħroġ |
| 1. 12.7 | Liema TLIETA minn dawn ikollok bżonn qabel ma tista' ssuq skond il-liġi? *(Immarka tliet tweġibiet)* | • Liċenza ffirmata valida tas-sewqan<br>• Il-karta tonda tal-liċenza tat-triq valida li titwaħħal fuq il-vettura tiegħek<br>• Prova ta' l-identita` tiegħek<br>• Tkun kopert sew bl-assigurazzjoni<br>• Tkun kopert meta tiqaflek il-karozza<br>• *Handbook* tal-vettura | ✓ Liċenza ffirmata valida tas-sewqan<br>✓ Il-karta tonda tal-liċenza tat-triq valida li titwaħħal fuq il-vettura tiegħek<br>✓ Tkun kopert sew bl-assigurazzjoni |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1.<br>12.8 | Liema TLIET biċċiet ta' informazzjoni ssibhom f'dokument tar-reġistrazzjoni ta' vettura? *(Immarka tliet tweġibiet)* | • Fuq min qiegħda rreġistrata<br>• Għamla tal-vettura<br>• Dettalji tas-service li saru fuq il-vettura<br>• Data tal-VRT<br>• Tip ta' polza ta' sigurta`<br>• Ċilindrata tal-magna | ✓ Fuq min qiegħda rreġistrata<br>✓ Għamla tal-vettura<br>✓ Ċilindrata tal-magna |
| 1.<br>12.9 | X'inhu l-ogħla numru ta' punti penali li awtomatikament jiskwalifikaw sewwieq li għandu liċenza tas-sewqan bi prova? | • 15-il punt f'perjodu ta' 5 snin.<br>• 12-il punt f'kull ħin f'perjodu ta' 3 snin.<br>• 10 punti f'perjodu ta' kull sena.<br>• 18-il punt f'perjodu ta' sentejn.<br>• 4 punti f'sena fuq perjodu ta' 3 snin. | ✓ 12-il punt f'kull ħin f'perjodu ta' 3 snin. |
| 1.<br>12.10 | Apparti li jsofri xi penali skond il-liġi, x'għandu jagħmel sewwieq skwalifikat biex jikseb liċenza tas-sewqan? | • Jistenna għal kull perjodu ta' skwalifikazzjoni li jgħaddi u japplika għal kopja tal-liċenza tas-sewqan.<br>• Iħallas il-multi li jkun fadal, jibgħat applikazzjoni ġdida għal-liċenza u jerġa' joqgħod għall-eżami tat-teorija u jgħaddi minnu f'kull ħin matul il-perjodu ta' skwalifikazzjoni.<br>• Jerġa' applika bħala sewwieq ġdid wara li jiskadi l-perjodu ta' skwalifikazzjoni u jkollu jerġa' jagħmel u jgħaddi mill-eżami kemm tat-teorija u kemm tal-abbilta' u ta' l-imġieba.<br>• Sempliċiment jerġa' jagħmel meta jrid u jgħaddi mill-eżami ta' kemm hu kapaċi jsuq u l-imġieba u eżami orali fuq il-kodiċi tat-traffiku. | ✓ Terġa' tapplika bħala sewwieq ġdid wara li jiskadi l-perjodu ta' skwalifikazzjoni u jkollok terġa' tagħmel u tgħaddi mill-eżami kemm tat-teorija u kemm tal-kapaċita` biex issuq u ta' l-imġiba. |
| 1.<br>12.11 | Min hu responsabbli biex jiżgura li vettura hija kompletament tajba għat-triq meta tinsaq fi triq pubblika? | • Min jagħmel it-test tal-VRT.<br>• Il-mekkanik tiegħek.<br>• Ħadd b'mod partikulari.<br>• Int, is-sewwieq. | ✓ Int, is-sewwieq. |

# Inċidenti

| Ref | Mistoqsija | Tweġibiet li tista' tagħti | Tweġiba/tweġibiet korretti |
|---|---|---|---|
| 1.<br>13.1<br>MC | F'post ta' inċident int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Ma tqiegħedx lilek innifsek f'riskju<br>• Tmur għal dawk il-vittmi li qed iweżżqu<br>• Toħroġ lil kulħadd mill-vetturi tagħhom<br>• Tħalli l-magni tal-vetturi startjati | ✓ Ma tqiegħedx lilek innifsek f'riskju |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** 13.2 MC | Int l-ewwel li wasalt fil-post ta' l-inċident. Liema ERBGĦA minn dawn għandek tagħmel? *(Immarka erba' tweġibiet)* | • Titlaq hekk kif jasal sewwieq ieħor<br>• Titfi l-magna/i tal-vettura/i<br>• Tieħu 'l bogħod mill-post dawk li m'humiex korruti<br>• Iċċempel għas-servizzi ta' emerġenza<br>• Twissi lit-traffiku l-ieħor | ✓ Titfi l-magna/i tal-vettura/i<br>✓ Tieħu 'l bogħod mill-post dawk li m'humiex korruti<br>✓ Iċċempel għas-servizzi ta' emerġenza<br>✓ Twissi lit-traffiku l-ieħor |
| **1.** 13.3 | Int l-ewwel li wasalt fil-post ta' l-inċident fejn xi nies weġġgħu gravi. Liema TLIETA għandek minn dawn għandek tagħmel? *(Immarka tliet tweġibiet)* | • Tixgħel id-dwal tiegħek tal-*hazard*<br>• Tkun żgur li xi ħadd iċempel għal ambulanza<br>• Tipprova tisqi xi ħaġa lil dawk midruba<br>• Tneħħi mill-vettura tagħhom dawk midruba<br>• Tieħu 'l bogħod mill-post ta' l-inċident dawk li mhumiex korruti | ✓ Tixgħel id-dwal tiegħek tal-*hazard*<br>✓ Tkun żgur li xi ħadd iċempel għal ambulanza<br>✓ Tieħu 'l bogħod mill-post ta' l-inċident dawk li mhumiex korruti |
| **1.** 13.4 MC | Tasal fuq il-post ta' inċident ta' *motorcycle*. Is-sewwieq safa mweġġa'. Meta għandek tneħħilu l-*helmet*? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Meta jkun essenzjali biss<br>• Dejjem mill-ewwel<br>• Meta jistaqsik biss il-*motorcyclist*<br>• Dejjem, kemm-il darba ma jkunx b'xokk fuqu | ✓ Meta jkun essenzjali biss |
| **1.** 13.5 MC | Tasal fuq il-post ta' inċident serju ta' *motorcycle*. Il-*motorcyclist* huwa mitluf minn sensih u bid-demm ħiereġ. Il-prijoritajiet tiegħek għandhom ikunu: *(Immarka tliet tweġibiet)* | • Tipprova twaqqaf li jkompli ħiereġ id-demm<br>• Tagħmel lista tax-xhieda<br>• Tiċċekkja n-nifs tal-midrub<br>• Tieħu n-numri tal-vetturi involuti<br>• Tneħħi xi biċċiet tat-tifrik<br>• Tiċċekkja minn fejn jieħu n-nifs il-midrub | ✓ Tipprova twaqqaf li jkompli ħiereġ id-demm<br>✓ Tiċċekkja n-nifs tal-midrub<br>✓ Tiċċekkja minn fejn jieħu n-nifs il-midrub |
| **1.** 13.6 MC | Tasal fuq il-post ta' inċident *Motorcyclist* huwa mitluf minn sensih. L-EWWEL prijorita` tiegħek hi li tieħu ħsieb is-sewwieq u taralu *(Immarka tweġiba waħda)* | • In-nifs<br>• Telf ta' demm<br>• Ksur fl-għadam<br>• Tbenġil | ✓ In-nifs |
| **1.** 13.7 MC | F'inċident wieħed minn dawk milquta huwa mitluf minn sensih. Liema TLIETA minn dawn għandek tiċċekkja mill-aktar fis? *(Immarka tliet tweġibiet)* | • Iċ-ċirkulazzjoni<br>• Minnfejn jgħaddi n-nifs<br>• Xokk<br>• In-nifs<br>• Għadam miksur | ✓ Iċ-ċirkulazzjoni<br>✓ Minnfejn jgħaddi n-nifs<br>✓ In-nifs |
| **1.** 13.8 | Fl-Ewwel Għajnuna ABC x'ifissru? *(Immarka tliet tweġibiet)* | • Minfejn jgħaddi n-nifs *(Airway)*<br>• Ħruġ ta'demm *(Bleeding)*<br>• Li jkun f'sensih<br>• In-nifs<br>• Iċ-ċirkulazzjoni *(Circulation)*<br>• F'sensih | ✓ Minfejn jgħaddi n-nifs<br>✓ Ħruġ ta'demm<br>✓ Iċ-ċirkulazzjoni |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** 13.9 MC | F'inċident xi ħadd jinsab mitluf minn sensih. L-ewwel li għandek tagħmel huwa li: *(Immarka tliet tweġibiet)* | • Tneħħi l-ħġieġ miksur mill-art<br>• Tieħu l-isem tax-xhieda<br>• Tgħodd in-numri tal-vetturi involuti<br>• Tiċċekkja li minnfejn jieħu n-nifs mhux imfixkel<br>• Tkun żgur li qed jieħu n-nifs<br>• Twaqqaf kull ħruġ ta' ħafna demm | ✓ Tiċċekkja li minfejn jieħu n-nifs mhux imfixkel<br>✓ Tkun żgur li qed jieħu n-nifs<br>✓ Twaqqaf kull ħruġ ta' ħafna demm |
| **1.** 13.10 MC | Liema minn dawn li ġejjin M'GĦANDEKX tagħmel fil-post ta' inċident? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Twissi lill-vetturi oħra billi tixgħel id-dwal tal-*hazard*<br>• Issejjaħ minnufih lis-servizzi ta' emerġenza<br>• Tagħti sigarett lil xi ħadd biex tikkalmah<br>• Tagħtihom jixorbu xi xorb alkoħoliku<br>• Titlob lis-sewwieqa biex jitfu l-magni tagħhom | ✓ Tagħti sigarett lil xi ħadd biex tikkalmah<br>✓ Tagħtihom jixorbu xi xorb alkoħoliku |
| **1.** 13.11 MC | Kien hemm inċident. Is-sewwieq qed ibati minn xokk. Int għandek: *(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Tagħtih x'jixrob<br>• Tassigurah<br>• Ma tħallihx waħdu<br>• Toffrilu sigarett<br>• Tistaqsih ta' min kien it-tort ta' l-inċident | ✓ Tassigurah<br>✓ Ma tħallihx waħdu |
| **1.** 13.12 MC | Qiegħed fuq il-post ta' l-inċident. Xi ħadd qed ibati minn xokk. Int għandek: *(Immarka tliet tweġibiet)* | • Toffrilhom sigarett<br>• Tagħtihom xi ħaġa sħuna x'jixorbu<br>• Iżżommhom imsaħħnin<br>• Tħollilhom xi lbies issikkat<br>• Tassigurahom il-ħin kollu | ✓ Iżżommhom imsaħħnin<br>✓ Tħollilhom xi lbies issikkat<br>✓ Tassigurahom il-ħin kollu |
| **1.** 13.13 MC | Tasal fuq il-post ta' inċident bil-*motorcycle*. Ma kienx hemm vettura oħra involuta. Is-sewwieq huwa mitluf minn sensih, f'nofs it-triq. L-ewwel ħaġa li għandek tagħmel hija: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tneħħi lis-sewwieq mit-triq<br>• Twissi t-traffiku l-ieħor<br>• Tneħħi t-tifrik mit-triq<br>• Issabbar lis-sewwieq | ✓ Twissi t-traffiku l-ieħor |
| **1.** 13.14 MC | F'inċident tifel mhux qed jieħu nifs. Meta tagħtih in-nifs minn ħalq għal ħalq int għandek tonfoħ *(Immarka tweġiba waħda)* | • Bl-aħrax<br>• B'mod ġentili<br>• Minn sidrek<br>• Mgħaġġel | ✓ B'mod ġentili |
| **1.** 13.15 MC | Biex tagħti n-nifs minn ħalq għal ħalq lil midrub int għandek: *(Immarka tliet tweġibiet)* | • Titfagħlhom rashom 'il quddiem<br>• Tneħħi kull xkiel minn fejn jgħaddi n-nifs<br>• Tmiddhom fuq ġenbhom<br>• Titfagħlhom rashom lura<br>• Issoddilhom imnifsejhom<br>• Tagħmlilhom dirgħajhom marbutin fuq sidirhom | ✓ Tneħħi kull xkiel minn fejn jgħaddi n-nifs<br>✓ Titfagħlhom rashom lura<br>✓ Issoddilhom imnifsejhom |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. 13.16 MC | Tasal fuq il-post ta' inċident. Magna ħadet in-nar u l-idejn u dirgħajn ta' xi ħadd sofrew ħruq. Int M'GĦANDEKX *(Immarka tweġiba waħda)* | • Ixxarrab sew il-ġerħa maħruqa b'likwidu frisk<br>• Tmidd lil midrub fl-art<br>• Tneħħi xi affarijiet mwaħħla mal-partijiet maħruqa<br>• Tassigurahom il-ħin kollu | ✓ Tneħħi xi affarijiet mwaħħla mal-partijiet maħruqa |
| 1. 13.17 MC | Tasal fuq il-post ta' inċident fejn xi ħadd qed ibati minn ħruq gravi. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tidlek *lotions* mal-ferita<br>• Tifqa' xi nfafet<br>• Tneħħi kull ħaġa mwaħħla mal-partijiet maħruqa<br>• Ixxarrab il-partijiet maħruqa b'likwidu frisk | ✓ Ixxappap il-partijiet maħruqa b'likwidu frisk |
| 1. 13.18 MC | Tasal fuq il-post ta' inċident. *Pedestrian* qed joħroġlu ħafna demm minn ġerħa f'saqajh, għalkemm mhix miksura. X'għandek tagħmel? *(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Tagħfas ftit il-ferita biex twaqqaf li joħroġ id-demm<br>• Iżżomm iż-żewġ saqajn ċatti ma' l-art<br>• Tagħfas sew il-ferita<br>• Tgħolli s-sieq biex tnaqqas il-ħruġ tad-demm<br>• Tisqih xarba sħuna | ✓ Tagħfas sew il-ferita<br>✓ Tgħolli s-sieq biex tnaqqas il-ħruġ tad-demm |
| 1. 13.19 MC | Tasal fuq il-post ta' inċident. Passiġġier qed joħroġlu ħafna demm minn ġerħa fi driegħu. X'għandek tagħmel? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tagħfas sew il-ferita u żżomm id-driegħ 'l isfel<br>• Għatti ħafif il-ferita<br>• Tagħtih x'jixrob<br>• Tagħfas sew il-ferita u żżomm id-driegħ 'il fuq | ✓ Tagħfas sew il-ferita u żżomm id-driegħ 'l isfel |
| 1. 13.20 MC | F'inċident wieħed minn dawk milquta huwa mitluf minn sensih iżda għadu jieħu n-nifs. Int għandek iċċaqilqu biss jekk *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tkun ġejja l-ambulanza<br>• Dawk li jkunu jħarsu jgħidulek biex tagħmel hekk<br>• Ikun espost għal aktar periklu<br>• Min ikun iħares jgħinek biex iċċaqlaqhom | ✓ Ikun espost għal aktar periklu |
| 1. 13.21 MC | F'inċident tissuspetta li wieħed mill-feruti sofra ġrieħi f'dahru. Fil-post m'hemmx periklu. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Toffrilu x'jixrob<br>• Ma ċċaqalqux<br>• Tgħollilu saqajh<br>• Toffrilu sigarett | ✓ Ma ċċaqalqux |
| 1. 13.22 | Għal liema TNEJN għandek tixgħel id-dwal tal-*hazard*? *(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Meta tnaqqas il-veloċita` f'daqqa għax tkun riesaq lejn xi periklu<br>• Meta tkun waqfitlek il-vettura<br>• Meta tkun trid twaqqaf fuq żewġ linji doppji sofor<br>• Meta jkollok bżonn tipparkja fuq il-bankina | ✓ Meta tnaqqas il-veloċita` f'daqqa għax tkun riesaq lejn xi periklu<br>✓ Meta tkun waqfitlek il-vettura |
| 1. 13.23 | Għal liema TLIETA għandek tuża d-dwal tal-hazard? *(Immarka tliet tweġibiet)* | • Meta tkun qed tipparkja f'area ristretta<br>• Meta tkun qiegħed tostakola t-traffiku temporanjament<br>• Biex twissu t-traffiku li ġej b'periklu aktar 'il quddiem<br>• Meta tkun waqfitlek il-karrozza<br>• Meta tkun se tieqaf għal ftit ħin | ✓ Meta tkun qiegħed tostakola t-traffiku temporanjament<br>✓ Biex twissu t-traffiku li ġej b'periklu aktar 'il quddiem<br>✓ Meta tkun waqfitlek il-karrozza |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. 13.24 | Meta għandek tuża d-dwal tal-*hazard* *(Immarka tweġiba waħda)* | • Meta ma tistax tevita li toħloq ostaklu<br>• Meta qed issuq bil-mod minħabba l-maltemp<br>• Meta tkun qed tirmonka vettura li tkun waqfet<br>• Meta tkun ipparkjat fuq linji doppji sofor | ✓ Meta ma tistax tevita li toħloq ostaklu |
| 1. 13.25 | Wara inċident il-pulizija jistgħu jitolbuk turi liema tlieta minn dawn id-dokumenti? *(Immarka tliet tweġibiet)* | • Id-dokument tar-reġistrazzjoni tal-vettura<br>• Il-liċenza tas-sewqan<br>• Ċertifikat tat-test tat-teorija<br>• Ċertifikat ta' l-assigurazzjoni<br>• Ċertifikat tat-test tal-VRT<br>• Il-karta tonda tat-taxxa tat-triq | ✓ Id-dokument tar-reġistrazzjoni tal-vettura<br>✓ Il-liċenza tas-sewqan<br>✓ Ċertifikat tat-test tal-VRT |
| 1. 13.26 | Jinfaqgħalek *tyre* meta tkun qed issuq. Liema TNEJN għandek tagħmel? *(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Tiġbed il-*handbrake*<br>• Tibbrejkja malajr kemm jista' jkun<br>• Issuq bil-mod għall-ġenb tat-triq<br>• Iżżomm ir-rota ta'l-istering sod biex iżżomm il-kontroll<br>• Tkompli bil-veloċita` normali | ✓ Issuq bil-mod għall-ġenb tat-triq<br>✓ Iżżomm ir-rota ta'l-istering sod biex iżżomm il-kontroll |
| 1. 13.27 | Liema TNEJN minn dawn għandek tagħmel meta jinfaqagħlek *tyre* ta' quddiem? *(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Tiġbed il-*handbrake* biex twaqqaf il-vettura<br>• Tibbrejkja bis-saħħa u malajr<br>• Tħalli l-vettura tieqaf waħedha<br>• Iżżomm ir-rota ta' l-istering ħafif<br>• Taħkem sod ir-rota ta' l-istering | ✓ Tħalli l-vettura tieqaf waħedha<br>✓ Taħkem sod ir-rota ta' l-istering |
| 1. 13.28 MC | F'karreġġjata doppja l-*hard shoulder* għandu jintuża *(Immarka tweġiba waħda)* | • Biex twieġeb *mobile phone*<br>• Meta tinqala'emerġenza<br>• Biex tistrieħ ftit meta tkun għajjien<br>• Biex tiċċekkja mappa tat-triq | ✓ Meta tinqala'emerġenza |

# Tagħbija ta' vettura

| Ref | Mistoqsija | Tweġibiet li tista' tagħti | Tweġiba/tweġibiet korretti |
|---|---|---|---|
| 1. 14.1 | Jekk tgħabbi żżejjed il-vettura tiegħek tista' serjament taffettwa *(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Il-*gearbox*<br>• L-istering<br>• Il-kontroll tal-vettura<br>• Kemm isservi l-batterija<br>• Kemm idum il-vjaġġ | ✓ L-istering<br>✓ Il-kontroll tal-vettura |
| 1. 14.2 | Min hu responsabbli biex jiżgura li l-vettura ma tkunx mgħobbija ż-żejjed? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Is-sewwieq jew min ikun riekeb il-vettura<br>• Sid l-oġġetti li qed jinġarru<br>• Il-persuna li għabbiet il-vettura<br>• Sid il-vettura | ✓ Is-sewwieq jew min ikun riekeb il-vettura |
| 1. 14.3 | Kull oġġett li jinġarr fuq *roof rack* IRID ikun: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Marbut sew waqt il-vjaġġ<br>• Jinġarr biss meta jkun strettament meħtieġ<br>• Ħafif kemm jista' jkun<br>• Miksi b'folji tal-plastik | ✓ Marbut sew waqt il-vjaġġ |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** 14.4 | Tagħbija tqila fuq ir-*roof rack:* *(Immarka tweġiba waħda)* | • Ittejjeb l-istabbilta` tal-vettura<br>• Tnaqqas id-distanza ta' kemm tieqaf<br>• Tħaffef l-istering<br>• Tnaqqas l-istabbilita` | ✓ Tnaqqas l-istabbilita` |
| **1.** 14.5 | X'jagħmlu *child locks* f'vettura? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Jorbtu f'posthom il-bokkli tas-*seat belt*<br>• Jorbtu l-ħġieġ ta' wara f'pożizzjoni 'l fuq<br>• Ma jħallux lit-tfal li jiftħu l-bibien ta' wara<br>• Ma jħallux is-*seats* ta' wara milli jegħilbu 'l quddiem | ✓ Ma jħallux lit-tfal li jiftħu l-bibien ta' wara |